**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru , 2024**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Numru:- 236/2022 JVC**

Anthony Catania (K.I. 213951M)

**Vs**

**(1) I**l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur **Angelo Gafa`** detentur tal-karta tal-identita numru 335379(M) personalment u wkoll bħala r-

rappreżentant tal-Pulizija ta' Malta, u għal kull interess li jista' jkollha il-konjugi tiegħu **Ms Sylvana Gafa`,** detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija numru 135587(M)

U

(2)**L-Ispettur tal-Pulizija tal-Vice Squad John Spiteri** detentur tal-karta' tal-identita' numru 0031284G u għall-kull interess li għandha il-konjugi tiegħu **Georgette Rita Spiteri,** detentriċi tal-karta tal-identita` 0427097M,

U

(3) l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi permezz tieghu r-rikorrenti Anthony Catania talab kif isegwi:

**1)** 'Illi r-rikorrent tressaq b'citazzjoni hawn annessa u mmarkata bhal Dok "A" mahruga u ttimbrata fit-30 ta' Settembru, 2021 mill-Ispettur tal-Pulizija John Spiteri akkuzat talli, nhar id-29 ta' Dicembru, 2019 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer,

b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) Bi vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna , b'qerq jew ingann, uzu hazin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, u billi ta jew ircevejt hlasijiet jew beneficcji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuni li kellek il-kontroll fuq persuna ohra, u/jew b'abbuz ta' poter jew ta' pozizzjoni ta' vulnerabilita 'ittraffikajt persuna ta' eta u cioe' lill-Ms Dolor Ronalyn detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 214313A bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata fi skjavitu jew xoghol sfurzat.

(2) Minghajr kunsens ikkommettejt kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' gisem ta' Dolor Ronalyn (K.I. 214313A) liema reat sar fuq persuna li kienet qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati; kif ukoll liema delitti saru ripetutament.

(3) U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ikkommettejt att ta' natura sesswali minghajr kunsens ta' Dolor Ronalyn (I.D. 214313A) liema reat sar fuq persuna li kienet qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati; kif ukoll liema delitti saru ripetutament.

(4) U aktar talli fl-istess dat, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fijhom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati arrestajt, zammejt jew isekwestrajt lil Dolor Ronalyn (I.D. 214313A);

(5) U aktar talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghek ikkaguna il Dolor Ronalyn (ID 214313A) il-biza' li ser tintuza

vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.

(6) Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Dolor Ronalyn (Id 214313A) f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Dalli Badjadi MD (Med Reg 3358).

(7) U aktar talli nhar il-11 ta' Jannar, 2020 gewwa 83, Triq il-Knisja, Msida, xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew depozitati ghandek u/jew fil-kontrol tieghek skratac u balal, liema pussess u/jew importazzjoni hija projbita u/jew ristretta.

(8) U iktar talli ircevejt passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra, liema dokument qieghed jigi hawn mehmuz u mmarkat bhala **Dok"A".**

**2)**Illi r-rikorrenti tharrek sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja **Kaz Numru 617/2021/1 <u>Il-Pulizija vs Anthony Catania (K.I.numru 213951(M</u>)** fis-7 t' Ottubru, 2021 fil-hdax u kwart ta' filghodu (11.15AM) quddiem il-Magistrat Dr Gabriella Vella L.L.D. sabiex iwiegeb ghall-akkuzi t'hawn fuq imsemmija mill- Spettur tal-Pulizija John Spiteri, wiehed mill-intimati f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija, intimat iehor f'din il-kawza Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

**3)** Illi l-Avukat Generali kien ordna li r-rikorrenti jigi pprocessat quddiem il-Qorti Kriminali u ghalhekk ir-rikorrent tressaq

quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-vesti taghha ta' Qorti Istruttorja quddiem il-Magistrat Dr Gabrielll Vella L.L.D.

**4)** Illi r-rikorrent kien ghamel rapport numru **6/M/3320/2019** maghmul minnu fid-29 ta' Dicembru, 2019 fl-10.20 A.M. fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida mas-Surgent 309 Brian Xuereb u fejn huwa gie attakkat u aggredit minn **Ms Ronalyn Dolor Magbalot,** persuna ta' Nazzjonalita' Filippina, liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok"B".**

**5)** Illi r-rikorrent kien ghamel rapport iehor numru **6/M/3330/2019** maghmul l-gurnata ta' wara ' fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida ma' WPC 374 Zammit Samantha igifieri fit-30 ta' Dicembru, 2019 fl-1337 P.M., illi Ms Dolor Ranalyn Magbalot Passaport numru P6174729A, carer tieghu li suppost kienet qed tiehu hsiebu fir-residenza tieghu stess f'numru 83, Triq il-Knisja L-Imsida, illi fil-gurnata ta' qabel hija aggredietu u ghajritu fit-triq fost reati ohra, liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok "C".** Ghalhekk ir-rikorrent permezz ta' zewg rapporti li kien ghamel lill-Pulizija, huwa kien qed jitlob il-protezzjoni tal-pulizija bhala persuna anzjan, vulnerabli u marid u fil-fatt talab ghall din l-ghajnuna minghandhom inutilment. Dan ghaliex sa din il-gurnata huwa ghadu ma jafx jekk ittiehdux passi fil-konfort ta' **Ms Ronalyn Dolor Magbalot karta tal-identita' Maltija numru 214313(A) u Passaport numru P6174729A** u residenti f'numru **130, "Dar Merbha Bik", Triq Birbal, Balzan, Malta** mill-Pulizija Ezekuttiva u dana minkejja illi huwa ghamel dawn iz-zewg rapporti lilhom. Illi l-istess Pulizija Ezekuttiva ma ghamlu l-ebda sforz jew tentattiv sabiex issir investigazzjoni serja u denja mill-istess ufficjali tal-Korp tal-Pulizija meta saru iz-zewg rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida mir-rikorrent innifsu. Illi Ms Ronalyn Dolor Magbalot ghadha tigri barra u l-Pulizija ghadhom

ma bghatux ghaliha sallum sabiex tigi investigata serjament u dan minkejja illi ghaddew **iktar minn sentejn u erba (4)** xhur mir-rapporti tieghu fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida.

**6)** Illi nhar il-Gimgha 11 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent kien baghat kwerela sabiex tigi investigata u sussegwentement jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-kwerelata lill-Spettur tal-Pulizija, Ghassa tal-Pulizija tal-Msida, Malta, Triq D'Argens, Msida Malta MSD 1369, il-persuna ta' Nazzjonalita' Filippina Ms Ronalyn Dolor Magbalot, il-kwerelata (Permess ta' Residenza f'Malta/Kata ta' l-Identita' numru 0214313A) u Passaport numru P6174729A u residenti numru 130, "Dar Merhba Bik", Triq Birbal, Balzan, Malta, liema kwerela qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok "D".**

**7)** Ghalhekk ir-rikorrent talab f'din il-kwerela imsemmija sabiex l-Ispettur tal-Pulizija fl-Ghassa ta' l-Imsida jinvestiga dwar ir-reati kollha li saru fil-konfront ta' Anthony Catania il-kwerelant u jipprocedi kriminalment fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra Ms Ronalyn Dolor Magbalot il-kwerelata u dan talli (1) ghamlet allegazzjonijiet malizjuzi foloz fuqu u gidbet fuqu u rrapurtatu b'mod falz ma' awtorita' kompetenti (il-Pulizija tal-Vice Squad) b'reati li hija taf li huwa m'ghamilx (Artiklu 101 Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta. Dan id-delitt huwa aggravat skont is-Sub-Artikolu (2) u dan ghaliex hija kellha l-hsieb li tikseb hwejjeg ohra billi tibqa f'Malta jew pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropeja). Fil-kwerela intqal ukoll li dak l-istatement (rapporti foloz u malizjuzi) ghamlithom sitt ijiem wara li Catania ghamel ir-rapport l-Imsida u dan peress li waqfilha il-permess tar-residenza mal-Agenzija Identity Malta. Dan l-istatement (rapporti foloz u malizjuzi u intizi biss sabiex tikseb il-hsieb li kellha f'mohha) ghamlitu mall-Spettura Lara

Butter mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni meta din kienet se tibghata lura lejn pajjizha. Ir-rikorrent talab li jipprocedu kriminalment fil-konfront ta' Ms Dolor ukoll talli (2) serqitlu elfejn ewro (2000 ewro) u l-passaport tieghu min-daru stess, liema serq huwa aggravat (Artikli 262 aggravat bil-vjolenza, Artiklu 263, aggravat bil-mezz, Artiklu 267 aggravat bil-valur, Artiklu 268 aggravat bil-persuna, Artiklu 269 aggravat bil-lok, u Artiklu 270 aggravat bil-hin, Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta u (3) talli aggrediet persuna anzjana u vulnerabli u kkawzat griehi fuq Anthony Catania, persuna anzjan u vulnerabbli u illi hija kellha dmir li tissorvelja u tiehu hsieb (Artiklu 214 u l-Artikoli l-ohra sussegwenti tal-kpitolu 9 u dan id-delitt huwa aggravat skond l-Artikolu 202 (a) u (v) u l-Artikolu 208AC (2)(b) u (4) talli qieghda tghix hawn Malta bla permess (L-Att Dwar l-Immigrazzjoni Kapitoli 217 Ligijiet ta' Malta bla permess (L-Att Dwar l-Immigrazzjoni Kapitolu 217 Ligijiet ta' Malta u/jew ligijiet ohra sussidjarji bhal L.S. 217. 17) u (5) talli kisret il-buon ordni bl-ghajjat u l-glied fit-Triq il-Knisja, l-Imsida Malta li huwa post pubbliku (Artiklu 338 (dd) Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.
Fil-fatt, ir-rikorrent fil-kwerela msemmija kien wissa u nforma lill-Pulizija Ezekuttiva illi jekk ma jittiehdux passi kriminali kontra Ms Ronalyn Dolor Magbalot, huwa ma kienx jibqalu alternattiva ohra hlief li jghamel il-procedura meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tmexxi fuq din il-kwerela skond l-Artikolu 541 Kap 9 Ligijiet ta' Malta. Dan kien minghajr pregudizzju ta' hawn fuq kif spjegat u mar-rikorrent wissa ukoll illi ma jigix eskluz li jittiehdu azzjonijiet Civili fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili anke Sede Kostituzzjonali kontra dawn il-persuni involuti skond il-ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamel.

**8)** Illi r-rikorrent kien irraporta lil **Ms Ronalyn Dolor Magbalot** mal-Agenzija Identity Malta illi hija mhix taghmel ix-xoghol li

ghalih giet impjegata ghalih minnu u dawn min naha taghhom b'ittra datata 9 ta' Jannar, 2020 li qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok "E"** , avzaw lill-Jobplus Head of Employment Services, lill-kwerelata Ms Dolor , lill-ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni u lill-rikorrent Mr. Catania , illi l-Agenzija itterminawla l-Permess tar-Residenza taghha b'effett mid-9 ta' Jannar, 2020, ghax l-impjieg taghha mas-Sur Catania gie terminat.

**9)** Illi r-rikorrent fl-Erbgha 26 ta' Jannar, 2022 kien baghat ittra in.dirizzata liic-**Chairperson tal-Bord Indipendenti Ghall-ilmenti Dwar il-Pulizija, Depot tal-Pulizija, Floriana, Malta** u dan sabiex **huwa** talab ic-Chairperson sabiex dak il-Bord jinvestiga dawk l-allegati komplotti fil-konfront tar-rikorrent minn uhud mill-ufficjali tal-korp u persuni ohra a skapitu tieghu, spejjez, danni materjali u morali u b'detriment kbir tieghu u talbu wkoll sabiex izzommu infurmat. Fil-fatt, ir-rikorrent ghadu jistenna sallum lic-Chairperson tal-Bord sabiex jibghat ghar-rikorrent u jaghtih id-dettalji realttivi. Din l-ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok "F".**

**10)** Illi r-rikorrent kien kiteb emejl datata 01 t'Ottubru, 2021 12.53 lill-Assistenta Kummissarju Alexandra Mamo u kkomplenja maghha lill-Ispettur investigattiv John Spiteri ma jafdahx u ghamel izjed minn tlett minuti shah jidhaq bil-protestant quddiemu stess flimkien mal-Avukat tal-protestant li kellu dak iz-zmien. Huwa spjega lill-Assistent Kummissarju Mamo illi wara l-provi kollha li l-protestant taghhom ghall dak illi Ms Dolor Ronalyn ghamlitlu, huma l-protestati l-Ispettur John Spiteri u ufficjali ohra gholja fi hdan il-Korp tal-Pulizija u l-istess Kummissarju tal-Pulizija ghan-nom tal-Pulizija ta' Malta, kienu

qieghdin jiddefenduha u dan flok li hija giet mixlija l-Qorti talli ghamlet allegazzjonijiet malizzjuzi foloz fuq il-protestant u gidbet fuqu u rraportatu b'mod falz u malinn mal-awtoritajiet kompetenti b'reati li hija taf li huwa m'ghamilx u li kienet serqitlu elfejn ewro (2000 ewro) u l-passaport tieghu u dan fost reati ohra.

Illi dan l-ghagir tal-Spettur tal-Pulizija invesigattiv John Spiteri flimkien ma persuni ohra igifieri li dam jiddiehaq bir-rikorrent ghal izjed minn tlett minuti shah huwa ghagir degredanti u b'dan il-mod gie vjolat fil-konfront tar-rikorrent **id-dritt fundamentali tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman u degredanti skont l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 3 tal-Ewwel Skeda l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**11)** Illi ftit granet wara, r-rikorrent intavola **Protest Gudizzjarju fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta** Anthony Catania (K.I.numru 213951M) li joghqod numru 3, Triq Karmenu Mifsud, Pieta, Malta kontra (1)Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Sur Angelo Gafa' personalment u wkoll bhala r-rapprezentat tal-Pulizija ta' Malta, kwartieri Generali tal-Pulizija, Pjazza San Kalcidonju , Floriana FRN 1530;

(2) L-Ispettur tal-Pulizija tal-Vice Squad **John Spiteri** detentur tal-karta tal-identita' numru 0031284 (G) u ghall kull interess li ghandha il-konjugi tieghu **Georgette Rita** Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' 0427097 (M) t-tnejn joghqodu "Manresa Mans", Blokk D, Mais 1, Triq Santa Dminka, ir-Rabat, Ghawdex u

(3) L-Avukat Generali, Ufficju tal-Avukat Generalim l-Palazz, Triq ir-Reppublika, Il-Belt Valletta, VLT 2000 fejn huwa nfurmahom illi kien qed jiehu t-trattament tal-kimoterapija u radjuterapija u

ghalhekk il-protestati/ jew uhud minnhom sabuh bhala persuna vulnerabbli. Il-protestat illum intimat l-Ispettur John Spiteri ha l-provi kollha tal- protestant/rikorrent , bhal ritratti ta' wiccu u jdejh, ritratt tal-habib, ta' Ms Ronalyn Dolor Magbalot suspettat ufficjal gholi fi hdan il-korp tal-pulizija li kien qieghed jimposta l-ewwel nota fil-letter box tal-protestant, statements tal-Bank u l-konvenju li l-protestant kien ghamel ma persuni ohra ghall-ammont ta' tlett mija u siitin elf ewro (360,000 ewro) fejn l-Ispettur qal lil protestant "hawn ghandek iddahhal 360,000 ewro " u tefghu mal-karti li kellu f'idu.

Dan sabiex fl-opinjoni tar-rikorrent, il-protestat/intimat l-Ispettur Spiteri kien ghawweg il-fatti kif kienu u wara kellu jmur ghand "his fellow lawyer" li kellu jaghmillu kont iehor bhal dak li kien diga' ghamillu ta' hamest elef ewro (5,000 ewro) u ghalhekk Il-protestant talab ghall appuntament mal-AC Mamo Aleksandra.

**12)** Illi r-rikorrent wara ftit granet permezz tal-konsulent legali tieghu kien baghat emejl lill-protestat il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafa', liema emejl qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok "G"** u l-istess Kummissarju hamest ijiem wara, propjament nhar l-Erbgha, 9 ta' Marzu,2022 fil- 1.43 PM, baghat emejl lill-konsulent legali tar-rikorrent fejn il-Kummissarju u/jew rapprezentanti tieghu ikkonfermaw li lkorrispondenza ta' l-avukat ghan-nom tal-protestant/rikorrent (l-emejl bil-kwerela fil-konfront tal-kwerelata Ms Ronalyn Dolor Magbalot )waslet fl-ufficju tal-Kummissarju tal-Pulizija u ser tigi pprocessata, liema emejl qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok "H".**

**13)** Illi kienu nstabu noti mir-rikorrent stess fil-letter box tieghu u ritratti li ttiehdu minnu stess tal-persuna koncernata li qieghda tghin lill Ms. Ronalyn Dolor Magbalot u skond il-rikorrent stess,

hemm jew jista jkun hemm persuna/i fi hdan il-korp tal-Pulizija illi jidher li huwa ufficjal/i gholja fil-Korp tal-Pulizija li huwa/huma l-id il- mohbija ta' Ms Ronalyn Dolor Magbalot u qieghdin jghinuha f'dan **il-frame-up** fuq ir-rikorrent is-Sur Catania b'mod dirett u/jew indirett.

Illi hija stramba kif intqal fil-protest stess illi r-rikorrent intavola, illi waqt illi kien jistenna fil-poliklinika tal-Gzira, dahlu Dolor u l-boyfriend (il-habib) taghha sabiex jghamlu certifikat. Illi l-protestant qed jissuspetta illi r-rapport gie mibdul b'ordni tas-superjur ta' PS309 u huwa qed jiddubita ghaliex ir-ritratti ta' wicc u jdejn il-protestant bid-demm u r-ritratt tal-habib ta' Dolor, huwa u qed jimposta in-nota fil-kaxxa tal-ittri, ittiehdu mil-Ispettur investigattiv John Spiteri, il-protestat.

Illi r-rikorrent kompla jissuspetta u jistaqsi fil-protest tieghu, il ghaliex fuq iz-zewg ircevuti tal-oggetti elevati mill-pulizija mid-dar tal-protestant m'mhemmx imnizlin l-oggetti kollha dettaljati u specifikati ghall kull item li giet elevata.

Illi hija stramba wkoll lill-intimat Spettur John Spiteri qal lill-Avukat ta' Catania ta' dak iz-zmien u dan minn naha tieghu cempel lill-certu Darren u qallu sabiex imur jghid lill-protestant/illum rikorrent sabiex imur ghandu ghaliex l-Ispettur protestat qed jipprintjalu l-akkuzi wara biss hames (5) t'ijiem li dahlu mitejn u sittin elf ewro (260,000 elf ewro) fil-kont bankarju tal-rikorrent/protestant Catania. Dan Darren minn naha tieghu mar ghand il-protestant u wara li nfurmah, il-protestant qallu cempillu lill-avukat u ghidlu sabiex ihallih lill-Ispettur jipprintja li jrid. Darren cempel lill-Avukat Roberto Montalto L.L.D. dak il-hin stess u qal ukoll lill-Avukat jekk jarahiex stramba(fishy) illi l-Ispettur Spiteri jipprintja l-akkuzi hamest (5) ijiem biss wara li

dahlu mitejn u sittin elf ewro (260,000 elf ewro) fil-kont bankarju tal-protestant Catania.

**14)** Illi huwa suspettuz ukoll x'kienu r-ragunijiet ghaliex inbidlu l-Ispetturi investigaturi f'dan il-kaz tal-pretestant/rikorrent Catania, mill-Ispettur Rosian Tabone ghall ghand l-protestat/intimat Ispettur John Spiteri. Ir-rikorrent, permezz tal-protest gudizzjarju tieghu, talab lill-awtoritajiet tal-Pulizija sabiex jinvestigaw dan il-kaz serju u jinzlu izjed fil-fond, **ghaliex dan huwa frame-up maghmul kontra tieghu** u maghmul minn Ms Dolor u l-Ufficjali tal-Pulizija hbieb taghha u l-pulizija involuti u ghaldaqstant **huwa talab il-protezzjoni tal-Korp tal-Pulizija** u minflok illi huma taw il-protezzjoni mehtiega lilu, l-intimati jew minn minnhom, akkuzaw lir-rikorrent b'diversi imputazzjonijiet kif isemma iktar qabel u ma ipprosegwewx kriminalment fil-konfront tal-kwerelata Ms Ronalyn Dolor Magbalot.

**15)** Illi kull persuna ghandha d-dritt ghar-rispett shih tal-prezunzjoni tal-innocenza li huma uhud jekk mhux l-aktar principji fundamentali fis-sistema taghna u sistemi li jirrispettaw **ir-rule of law**. Illi dawn id-**drittijiet fundamentali** japplikaw ghal kull persuna hi min hi u ghall kull reat hu li hu.

Illi skond l-**Att Dwar il-Pulizija Kapitolu 164 Ligijiet ta' Malta, Artikolu 4,** l-intimati Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta u l-Ispettur John Spiteri u l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija l-ohra koncentrati fi hdan il-korp tal-Pulizija ta' Malta huma obbligati bil-ligi illi josservaw l-objettivi principali tal-Korp illi huma:

(a) Li jzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jhallix li jsiru reati, li jgib "il quddiem u jwettaq it-tharis tal-ligijiet, bhala l-ewwel garanzija tad-drittijiet tal-persuni kollha f'Malta, ukoll qabel ma

tkun mehtiega xi azzjoni permezz tas-sistema gudizzjarja ghar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' ksur;

(b) Li jirrispondi minnufih ghal kull talba ghall-harsien u l-intervent tal-ligi;

(c) li japplika l-ligi minghajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bazi bhal razza, kulur, lingwa, religjon, sess, orjentazzjoni sesswali, identita' sesswali, dizabbilta', opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor;

(d) li jgib 'il quddiem il-koezistenza ordinata u pacifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jiehu hsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjeta' privata imma wkoll dwar il-proprjeta' pubblika.

(f) li jghin, f'limiti ragonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-ghajnuna ta' pulizija jew xi ufficjal pubbliku iehor ukoll jekk ir-responsabilita' biex fl-ahhar mill-ahhar tigi pprovduta dik l-ghajnuna, ma tkunx tappartjeni lill-Korp; u

(g) li jwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati b'dan l-Att jew b'xi ligi ohra.

Illi dawn l-obbligazzjonijiet li suppost qieghdin iwettqu l-Korp tal-Pulizija ta' Malta immexxija mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafa', wiehed mill-intimati f'din il-kawza, fil-fatt m'ghamluhx mar-rikorrent sal-gurnata tallum u tal-prezentata ta' din il-kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali).

**16)** Illi dan l-ghagir tal-intimati kollha jew min minnhom, qed jikkreja facilment u prezentament pregudizzju irrimedjabli ghall-rikorrent Anthony Catania u dan peress li jistghu jigu kkundizzjonati u/jew qed jigu kukundizzjonati d-drittijeit u libertajiet fundamentali tieghu permezz tal-ghagir irresponsabli tal-Pulizija u **anke b'dawn il-fabrikazzjoniji ta' atti kriminali fil-konfront tar-rikorrent u l-frame-up maghmul u mahdum bizzilla fil-konfront tieghu.**

**17)** Illi huwa importanti li ssir refernza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti (Gurisidizzjoni Kostituzzjonali Onor Imhallef Raymond C. Pace L.L.D. moghtija fit-30 ta' Ottubru, 2008 Rikors Numru. 176/1987/2 Anthony Mifsud. Vs Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, u Kummissarju tal-Pulizija, u b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 1988 gie msejjah fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino u b' digriet tas-17 ta' Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi, u b'digriet tal-15 ta' Marzu 1998 il-kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi gie estromess minn din il-procedura,** l-Onorabbli Qorti qalet "Illi tenut kont ta' dak kollu li ghadda minnu Anthony Mifsud kemm fil-granet li kien mizmum arrestat id-Depot, waqt l-interrogatorji, ghaz-zmien li dam il-habs cioe' tlett snin biex wara gie liberat minn kull akkuza u tenut ukoll kont ta' dak li ghadda minnu l-istess rikorrenti kawza ta' l-istess esperjenza din il-Qorti, inkluz d-danni attwalment sofferti minnu, L-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens xieraq ghad-danni sofferti minnu nkluz dawk morali u attwali qed jigu ffissati arbitrio boni viri fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin elf, tliwet mija u disgha u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€186,349.87) ekwivalenti ghall-tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) **li ghandhom jithallsu lilu mill-intimati in solidum bejniethom.**

Izjed minhekk, permezz ta' nuqqas tal-investigazzjoni serja da parti tal-intimati jew minn minnhom, specjalment l-Ispettur John Spiteri, huwa jista jinstab hati ta' reati u jigi sussegwentement ikundannat ghalihom minhabba **in-nuqqasijiet jew appena il-frame-up mahduma bizzilla** mill-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija hawn. Tant ma sarux investigazzjonijiet holistici u serji mill-Spettur investigattiv Tal-Pulizija John Spiteri illi waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrent, f'waqt minnhom huwa qam bil-wieqfa, gholla il-karti li kellu fuq il-mejda u qal lir-rikorrent Catania "**Ara li ninsewha eh tal-elfejn ewro (2000) ewro, ara li ninsewha.** Dan b'referenza ghall-elfejn ewro li Ms Dolor serqet lir-rikorrent.

**18)** Illi tajjeb illi jigi osservat dak li ntqal mill-Onorabbli Qorti Kriminali Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri herrera L.L.D. fis-sentenza taghha datata 25 ta' Mejju, 2021, fl-Att tal-Akkuza **Nru. 1/2019 <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abel Raouf u Josephine Wadi</u>** fid-decide "Il-Qorti tinnota illi l-prosekuzzjoni setghet tressaq provi ohrajn in sostern tal-akkuzi taghha....". Pero' fil-kaz odjern, l-prosekuzzjoni immexxija mill-Ispettur John Spiteri m'ghamlitx l-investigazzjoni serja li kien hemm bzonn u dan l-attegjament tal-intimati kollha jew minn minnhom, b'mod partikolari l-Ispettur investigattiv John Spiteri u l-Kummissarju tal-Pulizija bhala r-rapprezentant tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, jista jippregudika ulterjorment **d-drittijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) u 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Dan ghaliex ma sarux l-investigazzjonijiet necessarji serji, imma saru investigazzjonijiet mghaggla u minghajr hila-** jew mhux b'mod professjonali u ghalhekk jistghu jwasslu ghall-**<u>miscarriage</u>**

**<u>of Justice tar-rikorrent Anthony Catania.</u>** Illi l-intimati kollha jew minn minnhom, ma ghamlux l-ebda sforz jew tentattiv sabiex issir investigazzjoni serja u denja u holistika mill-Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija meta saru iz-zewg rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida mill-rikorrent Catania.

**19)** Illi dan kollu qed jinghad b'dawn il-hafna punti ta' kontestazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u li jistghu jigu decizi biss minn din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-konfront tal-intimati kollha u fil-fehma tar-rikorrent, il-proceduri kriminali istitwiti mill-Ispettur tal-Pulizija John Spiteri u mill- Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafa' fil-konfront tieghu **<u>ghandhom jieqfu immedjatament</u>** u dan wara li jkunu saru l-investigazzjonijiet serji, holistici u professjonali mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija bhala il-persuna responsabbli mill-Korp tal-Pulizija f'Malta fil-konfront ta' Ms Ronalyn Dolor Magbalot u fil- konfront tal-ufficjal/i involuti fil-protezzjoni taghha.

Dan ghall kuntrarju ghall dak illi iddikjara u intqal diversi drabi mill-Ispettur tal-Pulizija John Spiteri illi ir-rapporti tar-rikorrent illi kien ghamel fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida "**<u>m'ghandux x'jaqsam maghhom".</u>**

Illi f'pajjiz illi huwa suppost demokratiku u membru shih tal-Unjoni Ewropeja ghall diversi snin, filwaqt li l-Pulizija ghandhom ikunu rispettati u l-ordnijiet taghhom ghandhom ikunu osservati, wiehed ma jistenniex illi investigazzjonijiet serji bhal dawn li jikkoncernaw lir-rikorrent, mill-Ispettur tal-Pulizija John Spiteri, ma jsirux sew jew isiru b'mod mhux ghaqli, jew addirittura isir frame-up mahdum bizzilla b'komplott shih, bil-konsegwenza kollha li dan jista jgib mieghu u/ jew diga' gab maghhom jew

jistghu igibu maghhom izjed il-quddiem, b'dannu kbir finanzjarju, fiziku, morali u psikologiku ghall-rikorrent Catania.

**20)** Dan kif intqal preliminarjament qabel, peress li hemm proceduri pendenti, huwa opportun jigi rilevat illi l-istess proceduri kriminali se jwasslu ghal-pregudizzju irimedjabbli ghal protestant fejn tista tghid li sahansitra l-presunzjoni tal-innocenza tant fundamentali fis-sistema' taghna giet konvertita fi prezunzjoni ta' htija u fi pregudizzju kbir kontra l-rikorrent Catania. Dan ghaliex flok il-protezzjoni li talab ghaliha l-protestant/rikorrent mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta, huwa gie mixli b'diversi imputazzjonijiet kif intqal iktar qabel u dan minhabba nuqqasijiet kbar li saru permezz tal-**frame-up** mill-protestati/intimati, specjalment mill-Ispettur investigattiv John Spiteri u l-fabbrikazzjoni ta' reati li saru mill-kwerelata Ms Ronalyn Dolor Magbalot.

**21**) Illi r-rikorrenti huwa prezunt innocenti sakemm ma jinstabx hati minn Qorti b'kompetenza ta' natura kriminali. Illi l-presunzjoni tal-innocenza ma tfissirx biss li persuna tista tigi kompletament liberata mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, izda tista tfisser ukoll illi persuna tigi misjuba hatja biss ta' xi reati fost dawk addebitati jew reati ferm minuri u inqas minn dawk addebitati lilu u illi l-pre trial prejudicial publicity jimpingi serjament b'mod negattiv u rreparabbli fuq tali presunzjoni tal-innocenza tant krucjali ghall kull process kriminali u **protetta mill-Artiklu (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-Artiklu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Kapitlu 319 u mill-Kodici Kriminali Kapitolu 9 <u>Fuq il-Presunzjoni tal-Innocenza</u> mill-Artikolu 366A sa 366F Ligijiet ta' Malta.**

**22 )** Illi dan kollu mhux suppost jigri f'socjeta' demokratika bhalma hija Malta u li wkoll hija membru shih ta' l-Unjoni Ewropeja ghall diversi snin, fejn suppost tirrenja s-saltna tad-dritt u fejn l-htija o meno tal-akkuzat ghandha tigi determinata mill-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz u dan wara li jsiru l-investigazzjonijiet kollha mill- Pulizija ezekuttiva kif suppost u mhux l-Ispettur investigattiv jaghmel **<u>izjed minn tlett minuti shah mifquh bid-dahk jiddiehak bil-rikorrent</u>** flimkien mal-konsulent legali tieghu ta' dak iz-zmien fid-Depot tal-Pulizija. Illi dan jikkostitwixxi ksur tal- Artiklu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jghid ***"Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti"*** **u Artiklu 3 tal- Konvenzjoni Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kapitoli 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Pulizija immexxija mill-Kummissarju tal-Pulizija u permezz tal-ispettur John Spiteri u wkoll flimkien mal-Avukat Generali, minflok ghamlu l-investigazzjonijiet kif suppost kellhom jghamlu, taw il-protezzjoni lill-Ms Ronalyn Dolor Magbalot permezz tal-id mohbija ta' ufficjal gholi fi hdan il-Korp tal-Pulizija u ma' investigawhiex sallum stess, minkejja illi ghaddew sentejn u erba' xhur u izjed u izjed lanqas tresqet il-Qorti akkuzata b'diversi reati kriminali fil-konfront tar-rikorrent Anthony Catania.

Ghaldaqstant, l-rikorrent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-**Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta, <u>l-Artikolu</u> 6 <u>tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea Ligijiet ta' Malta</u>** u d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Kriminali, filwaqt li jgib l-premessa formali konjizzjoni tal-intimati kollha u jzomm lill-istess intimati responsabbli ghad-danni, in vista tal-premess u sakemm jigu determinati- l-konsegwenzi ta' tali ksur fuq l-ezitu finali tal-proceduri Kostituzzjonali u Konvenzjonali, ghalhekk qieghed

jpoggi lill intimati in mora, culpa et dolo ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrent li jinghata smigh xieraq fi zmien ragonevoli hekk kif sanciti fl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** gie ukoll lez.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

**1. Tiddikjara** lill-intimati kollha jew minn minnhom, l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafa' (K.I.335379M), lill-Ispettur tal-Pulizija tal-Vice Squad John Spiteri (K.I.0031284G) u ghall-kull interess li jista jkollha l-konjugi tieghu Georgette Rita Spiteri(K.I.0427097M) u lill-Avukat Generali **hatja** illi meta ir-**rikorrent Anthony Catania (K.I. numru 213951(M)** tressaq b'citazzjoni mahruga u ttimbrata fit-30 ta' Settembru, 2021 mill-Ispettur tal-Pulizija John Spiteri u gie akkuzat minnu talli, nhar id-29 ta' Dicembru, 2019 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda huwa ikkommetta dawk l-akkuzi imputabli minnu msemmija hawn fuq f'numru wiehed (1) **jiksru l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali Kapitolu 319 Ligijiet ta' Malta;**

**2) Tiddikjara** lill-intimati kollha jew minn minnhom, l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo' Gafa' (K.I. 335379M), lill-

Ispettur tal-Pulizija tal-Vice Squad John Spiteri (K.I.0031284G) talli bl-ghagir tieghu flimkien ma persuni ohra, igifieri li dam jiddiehaq bir-rikorrent ghall izjed minn tlett minuti shah, iu hall-kull interess li jista jkollha l-konjugi tieghu Georgette Rita Spiteri (K.I.0427097M) u lill-Avukat Generali **hatja li kisru** d-dritt fundamentali tar-rikorrent **Anthony Catania (K.I. numru 213951(M)** u talli gie assoggettat ghal piena jew **trattament inuman u degradanti** skond l-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 3 tal-Ewwel Skeda l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u li dan huwa ghagir degredanti u b'dan il-mod gie vjolat fil-konfront tar-rikorrent id-drittijiet fundamentali tieghu imsemmija.

3. **Tiddikjara** lill-intimati kollha jew min minnhom huma hatja illi kisru d-dritt fundamentali ghal smigh xieraq **u dan ai termini tal-Artiklu 39 u Artiklu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem Kapitolu 319 Ligijiet ta' Malta** u dan stante li r-rikorrent ma nghatax il-protezzjoni tal-Korp tal-Pulizija u minflok illi huma taw il-protezzjoni mehtiega lilu, l-intimati jew min minnhom, akkuzaw il-rikorrent b'diversi imputazzjonijiet kif issemma iktar qabel u ma ipprosegwewx kriminalment fil-konfront tal-kwerelata Ms Ronalyn Dolor Magbalot detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 214313A.

4) **Tiddikjara** illi l-intimati kollha jew minn minnhom huma **hatja** illi ghamlu **frame-up** mahdum bizzilla u **m'ghamlux investigazzjoni serja u holistika fil-konfront tar-rikorrent Anthony Catania (K.I. numru 213951(M)u ma investigawx u ma hadux pass kriminali** fil-konfront ta' Ms Dolor Ronalyn detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 214313A u dan bil-

konsegwenzi kollha illi gabu u qed ikomplu igibu maghhom ghad-detriment finanzjarju, psikologiku, fiziku u morali tieghu.

5) **Tiddikjara** illi l-intimati kollha- jew minn minnhom **kisru** d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Anthony Catania (K.I.numru 213951(M) imsemmija hawn tal-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 3 tal-Ewwel Skeda l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kapitlu 319 Ligijiet ta' Malta** u li dawn gew miksura u/jew qieghdin jigu miksura u/jew x'aktarx ser jigu miksura. Ghaldaqstant ir-rikorrent qed j**itlob** lill-Din L-onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex bla hsara ghal kull azzjoni ohra li tkun tista' ssir legalment dwar dawn l-irregolaritajiet u ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk imsemmija, huwa qed **jitlob** lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall rimedju u wkoll sabiex taghmel jew taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawl l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull whada mid-dispozizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom huwa intitolat ir-rikorrent **Anthony Catania (K.I.numru 213951(M).**

6) **Tindirizza** dawn in-nuqqasijiet u ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent **Anthony Catania (K.I. numru 213951(M)** b'kumpens gust u adegwat u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti jew taghmel.

7) Finalment ir-rikorrent qed **jitlob** lil Din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex bla hsara ghal kull azzjoni ohra li tkun tista' taghti legalment dwar dawn l-irregolaritajiet u ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk imsemmija, huwa qed jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall rimedju effettiv u immedjat u dan

sabiex taghmel jew taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettieq u **dan billi jiefqu immedjatament** il-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Anthony Catania (K.I. numru 213951(M) meta tharrek sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja **Kaz Numru 617/2021/1 Il-Pulizija vs Anthony Catania (K.I.numru 213951(M)** fis-7 t'Ottubru, 2021 fil-hdax u kwart ta' filghodu (11.15 AM) quddiem il-Magistrat Dr Gabriella Vella L.L.D. sabiex iwiegeb ghall-akkuzi t'hawn fuq imsemmija mill-Spettur tal-Pulizija John Spiteri, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta, u l-Avukat Generali f'din il-kawza Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.'

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Ispettur John Spiteri u tal-Avukat Ġenerali li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi l-lanjanza tar-rikorrent tinstab mibnija fuq żewġ binarji u ċjoe' **allegazzjoni ta' ksur ta' dritt għal smigħ xieraq** naxxenti mill-fatt li: (1) r-rikorrent jinstab akkużat b'reat kriminali; u li allegatament l-intimati ma investigawx b'mod serju u ma intavolawx proċeduri kriminali in konfront ta' terza persuna wara l-kwerela tar-rikorrent; u (2) **allegazzjoni ta' ksur tad-dritt kontra trattament inuman u degradanti** naxxenti mill-fatt li skont ir-rikorrent l-uffiċjal tal-Pulizija iddieħak bih għal numru ta' minuti. Bħala rimedju r-rikorrenti qiegħed jitlob li jieqfu l-proċeduri kriminali li hemm pendenti kontrih u sabiex jingħata kumpens monetarju;

**2**. Illi l-esponenti jirrespinġu u jikkontestaw bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent kif ukoll il-prentensjonijiet marbutin magħhom *stante* li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

**<u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

**3.** Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju, l-intimat Avukat Ġenerali jeċċepixxi illi m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet rikorrenti u dan *ai termini* tal-**<u>artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>** li jipprovdi li l-mansjoni ġuridika tal-Gvern f'kawżi ġudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment konċernat. L-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma għandu l-ebda poter jew funzjoni li jinvestiga reati. *Inoltre*, l-Avukat Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat (Kap. 603 tal-Liġijiet ta' Malta) ma għadx għandu l-funzjoni rappreżentattiva tal-Gvern f'kawżi u azzjonijiet ċivili u kostituzzjonali. L-esponent Avukat Ġenerali jisħaq għalhekk li ġie imħarrek fil-kawża inutilment u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

**4.** Illi *in linea* preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi ġaladarba dawn huma proċeduri kostituzzjonali dwar allegat aġir ta' uffiċċjali f'dipartimenti governattivi u r-rimedju jingħata mill-Istat, l-konvenuti li ġew mgħajjta f'din il-kawża fil-vesti personali tagħhom senjatament Angelo Gafa`, Sylvana Gafa' u Georgette Rita Spiteri mhumiex il-legittimi kontraditturi u li *se mai* l-azzjoni odjerna kellha ssir fil-kariga uffiċjali u mhux dik personali. Dan qiegħed jingħad għaliex persuni fil-vesti personali

tagħhom qatt ma jistgħu jiġu ddikjarati li kissru d-drittijiet fundamentali tal-kontro-parti. Il-konvenuti qiegħdin umilment jaddixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-partijiet li m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' dawn il-proċeduri, jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju minnufih;

**5**. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu li għal dak li jirrigwardja l-jedd ta' smigħ xieraq, il-Qrati nostrana kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** jridu tabilfors jitqiesu fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu l-proċess kollu kemm hu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq parti waħda mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd għas-smigh xieraq (ara ***Adrian Busietta vs Avukat Generali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u ***Dimech v. Malta*** deċiża mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta' dan it-tagħlim, l-esponenti jirrilevaw li t-talba fir-rikors promotur hija waħda intempestiva u prematura tenut kont li l-proċeduri li minnhom qiegħed jillamenta r-rikorrenti għadhom mhux konklużi u għalhekk għandha tiġi dikjarata bħala tali minn dina l-Onorabbli Qorti;

6.Illi l-esponenti jecepixxu dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterorjament dan l-ilment, u dan a tenur ta' **l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** *stante* illi r-

rikorrent għandu żewġ binarji ġudizzjarji sabiex jindirizza l-ilmenti tiegħu:

(i)Fl-ewwel lok, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li l-Pulizija ma intavolatx proċeduri kriminali in konfront ta' terza persuna li fuqha għamel rapport r-rikorrent, jingħad illi f'każ li persuna tagħmel rapport lill-Pulizija u l-Pulizija ma taġixxix fuq tali rapport, dik il-persuna għandha rimedju mogħti mill-liġi ordinarja. Illi **<u>l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali</u>** (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li dik il-persuna tista' tagħmel użu minnu;

(ii)Fit-tieni lok, in kwantu r-rikorrent jallega li huwa tressaq ħażin jingħad li r-rikorrent ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq diġa' ġie miksur u dan propju għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu fadlilhom biex jiġu definitivament magħluqa. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent se jkun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri;

F'dan is-sens, l-esponenti qiegħdin jeċċepixxu illi kien hemm nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma ġiet istitwita din il-kawża;

**<u>EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU</u>**

7. lli ibda biex, ir-rikorrent għandu iġġib provi sodisfaċenti biex jissostanzja l-allegazzjonijiet assurdi li qiegħed jagħmel sal-grad rikjest mil-Liġi f'hekk imsejjaħ "Rikors maħluf Kostituzzjonali" preżentat minnu;

8.Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba l-mod konfuż ta' kif ġie redatt ir-rikors promotur, l-esponenti sejrin iwieġbu għat-talbiet individwali tar-rikorrent u jirriżervaw minn issa li jippreżentaw risposta ulterjuri fl-eventwalita' li r-rikorrent jallega ksur ulterjuri tad-drittijiet fundamentali tiegħu: -

9.Illi **<u>fl-ewwel talba</u>** r-rikorrent allega li bil-fatt li huwa tressaq b'ċitazzjoni mixli b'diversi imputazzjonijiet huwa ġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti **<u>mill-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni</u>** u **<u>l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni</u>**;

Illi jibda' biex jingħad li d-dritt ta' smigħ xieraq joffri garanziji proċedurali u mhux ta' dritt sustantiv kif qiegħed jittenta jargumenta r-rikorrent. Illi l-proċess in konfront tar-rikorrent li qiegħed jiġi attakkat ma jinstab mtappan mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li: (a) il-proċeduri kollha qegħdin jinżammu quddiem u qegħdin jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; u (b) ir-rikorrent għandu aċċess miftuħ għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed jiġi kondott fil-presenza tiegħu; (d) il-partijiet qegħdin jingħataw opportunitajiet ugwali sabiex itellgħu x-xhieda, jeżaminaw u jikkontro-eżaminaw tali xhieda bi tħaris tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi; (e) r-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunita` kollha li jiddefendi l-każ tiegħu minghajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstab megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) r-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

Illi fir-rikors promotur r-rikorrent qiegħed jallega li l-investigazzjoni li saret mill-uffiċjal investigatur għandha

nuqqasijiet u dan *stante* li allegatament sar *"frame-up"* fuqu filwaqt li in konfront tat-terza persuna, l-investigazzjoni ma saritx jew ma saritx tajjeb. Din l-allegazzjoni tar-rikorrent ma treġix u dan *stante* li l-investigazzjoni ssir sabiex jinġabru dawk il-provi kollha li abbażi tagħhom il-persuni nvoluti fid-delitt jittellgħu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwieġbu għal għemil doluż tagħhom iżda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jiġi mlibbes bħala allegat ksur ta' dritt għal smigħ xieraq.  Aktar minn hekk persuna titressaq akkużata li wettqet reat jekk mill-investigazzjoni tirriżulta evidenza biżżejjed li turi dan;Illi *inoltre,* skont dak li jipprovdi l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropeja allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura lamentata fit-totalita` tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri għad-esklużjoni tal-partijiet l-oħra. Illi l-liġi proċedurali nostrana taħseb għas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi għalihom l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u li għalhekk il-lament tar-rikorrenti huwa għal kollox inġustifikat;

Illi l-esponenti  jissottomettu illi persuna suspettata li wettqet reat ma għandha l-ebda dritt li tagħżel hija minn għandu jinterrogaha jew li tostakola l-perkors ta' investigazzjoni sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-egħmil tagħha quddiem il-Qrati penali. Dan wisq iżjed meta llum l-interrogatorji tal-Pulizija huma rrekordjati u l-interrogat għandu d-dritt illi l-Avukat tiegħu ikun preżenti f' kull waqt tal-interrogatorju.  Lanqas ma għandha dik il-persuna xi dritt li tiddeċiedi hija jekk titressaqx *o meno* akkużata bi twettiq ta' reat iżda dak li għandha u dak li qiegħed jingħata lir-rikorrent huma l-garanziji kollha li għalihom jaħseb id-dritt għal smigħ xieraq kif elenkati aktar il-fuq;

Illi huwa ċar li l-esponent Kummissarju tal-Pulizija *tramite* l-uffiċjali investigaturi tiegħu jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għat-twettiq ta' delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Madanakollu, **persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu jew li persuna mixlija b'reat tittenta twaqqaf proċeduri penali in konfront tagħha billi tressaq ilment kostituzzjonali fejn isiru allegazzjonijiet infondati in konfront ta' membri fil-Korp tal-Pulizija**;

Illi **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ċitat mir-rikorrent jipprovdi li '*kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm -il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*'. **L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi **ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent**, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi d-dritt għal-smigħ xieraq isib applikazzjoni meta investigazzjoni kriminali tkun waslet fil-punt meta s-suspettat ikun tressaq quddiem awtorit*à* ġudizzjarja biex iwieġeb għar-reati addebitati lilu –

*'Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached the point where the applicant has been 'charged' with a criminal offence'*[1].

Illi r-rikorrent qiegħed **juża l-allegazzjoni li diġa' seħħ ksur** għal smigħ xieraq biex isawwar l-azzjoni kostituzzjonali odjerna. Kif intqal aktar il-fuq f'din ir-Risposta, l-esponenti jeċepixxu illi b'mod kostanti **fil-ġurisprudenza** (kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) **ġie stabbilit li** sabiex tinstab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu.** Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jseħħu iżda jrid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja;

Illi jirriżulta li l-imputazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent għadhom sal-ġurnata ta' llum ma nqrawx quddiem il-Maġistrat. Dan minkejja l-fatt illi l-preżentata kienet skedata għas-sebgħa (7) t'Ottubru 2021, u minn hemm ingħataw diversi appuntamenti mill-Maġistrati tal-Għassa sabiex jakkomodaw lir-rikorrent. Kien hemm numru t'okkażjonijiet fejn ir-rikorrent jew l-Avukat tal-għażla tiegħu kienu ndisposti minħabba raġunijiet varji, fosthom ta' saħħa. Fid-data tal-ewwel seduta iffissata għas-sebgħa (7) ta' Ottubru 2021, is-sur Catania talab differiment minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-istess ġara fid-differiment ta' wara u ċjoe' dak tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2022, l-Avukat difensur ta' Catania talab differiment *stante* li kellu problema biex jattendi għas-seduta kif l-istess ġara fis-

[1] D.J. Harris, M. O'Boyle, Warbrick, 'Law of the European Convention on Human Rights', 2009, Oxford University Press, paġna 204.

seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2022. Għas-seduta ffissata għal nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022, l-partijiet ġew infurmati li l-kawża ser tiġi differita peress li l-Qorti kienet tinsab indisposta. Lis-Spettur John Spiteri in rappreżentanza tal-Korp deher għas-seduti dejjem b'rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti u lejn ir-rikorrent. Ċertament ma kienx minħabba xi nuqqas tiegħu, tal-Korp jew tal-Avukat Ġenerali li l-akkużi għadhom sa llum ma nqrawx;

Illi għalhekk, <u>**bir-rispett kollu u kif diga ingħad ir-rikorrent ma jistax issa kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq diġa' ġie miksur u dan propju għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu fadlilhom biex jiġu definitivament magħluqa**</u>. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent se jkun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri.

10. Illi <u>**fit-tieni talba**</u> r-rikorrent qiegħed jallega li huwa ġie trattat b'mod inuman u degradanti meta allegatament l-Ispettur John Spiteri "dam jiddieħaq bir-rikorrent għal iżjed minn tlett minuti sħaħ" u għalhekk qiegħed isostni li l-esponenti aġixxew in vjolazzjoni <u>**tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**</u> u <u>**l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea**</u>;

Illi <u>**l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**</u> jipprovdi illi '*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti'*. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jmur oltre' għaliex jipprovdi wkoll protezzjoni minn tortura, apparti minn trattament inuman jew degradanti jew piena. It-tortura tokkori meta persuna deliberatament tiġi assoġġettata għal **sofferenza serja u krudili** minn persuna oħra. Trattament inuman jew piena jokkori meta wieħed jiġi assoġġettat għal **sofferenza fiżika jew mentali intensa**.

Trattament degradanti jikkostitwixxi imġieba fuq persuna li **estremament tnaqqas id-dinjita' ta persuna oħra u tummiljaha**;

Illi dwar il-protezzjoni minn trattament inuman, l-esponenti jirreferu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Frar 2008 fl-ismijiet ***Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et*** fejn il-Qorti Kostituzzjonali nsistiet fuq il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn trattament inuman u trattament degradanti, għax filwaqt li hu veru li trattament inuman huwa fih innifsu neċessarjament degradanti, pero', l-invers mhux neċessarjament huwa minnu. Illi għal dak li jirrigwardja l-protezzjoni mogħtija mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja *'inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering'* (Karen Reid, **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, it-tieni edizzjoni [2004] pagna 522). It-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna *'intense physical and mental suffering'* (***Tekin v. Turkey*** deċiza fid-9 ta' Gunju 1998);

Illi l-esponenti jikkontestaw bil-qawwa l-allegazzjoni li l-Ispettur Spiteri ittortura, u/jew tratta lir-rikorrent b'mod inuman jew degradanti, u jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju f'dan is-sens fil-proċeduri tiegħu jew li b'xi mod gie assoggettat ghal xi trattament li jikkwalifika bhala umiljazzjoni jew degradazzjoni kif imfissra mill-Kostituzzjonali u l-Konvenzjoni u mill-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati nostrana u dik ta' Strasburgu;

11. Illi **<u>fit-tielet talba</u>** r-rikorrent jallega li ġarrab ksur "tal-artikolu 39 u artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u "l-artikolu 6 (1) u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea" billi skond hu ma

ngħatax protezzjoni mill-Pulizija, xlewħ, u ma ttieħdux proċeduri fil-konfront ta' ċerta Ms Ronalyn Dolor Magbalot;

Illi jidher li parti minn din it-tielet talba hija diġa koperta mill-ewwel talba, u dan il-għaliex ir-rikorrent qiegħed jerġa jinvoka "l-artikolu 39 u artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u "l-artikolu 6 (1) u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropa";

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponenti jerġgħu jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ħarġu ic-*charges* kontrih u ma ħadux passi kontra Ms Ronalyn Dolor Magbalot. Matul il-proċeduri kriminali r-rikorrent qiegħed igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, għandu aċċess sħiħ għal-atti tal-kumpilazzjoni biex jipprepara l-każ tiegħu, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha kontrih lil 'hinn minn kull dubbju raġjonevoli u r-rikorrent għandu kull opportunità biex jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq. Matul il-proċeduri l-każ tiegħu qiegħed jiġi mismugħ minn Qorti ndipendenti u mparzjali, *in osservanza* tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* fi żmien raġjonevoli;

Ma jirriżulta minn imkien li d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq ġew, jew sejrin jiġu mittiefsa. Jagħti l-każ li l-proċeduri għadhom fi stadju embroniku, u li matul dawn l-istess proċeduri r-rikorrent qiegħed jiġi difiż mill-avukat tal-għażla tiegħu u jista' jressaq ix-xhieda u l-provi li jixtieq biex issaħħaħ id-difiża tiegħu. Il-proċeduri qiegħdin jinżammu u jiġu determinati minn Qorti indipendenti u mparzjali. Ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, u s-smigħ qiegħed isir biss fil-presenza tar-rikorrent. Il-partijiet

qiedgħin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra. Ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunit*à kollha biex j*iddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel, u qiegħed jingħata wkoll iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-esponenti ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-esponenti aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;

Illi tenut kont tal-fatt li r-rikorrent huwa persuna vulnerabbli minħabba l-kundizzjoni medika preżenti tiegħu, l-Korp tal-Pulizija iddeċieda li jressqu b'ċitazzjoni biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Dan il-fatt juri, jekk xejn, li l-Korp u l-uffiċjal investigattiv wrew sensittivita' liema bħala lejn ir-rikorrent għaliex persuni akkużati b'reati simili, jitressqu fil-*maġġior* parti tal-każijiet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja;

Illi hekk kif għaddiet l-ewwel mewġa ta' COVID-19, l-Ispettur John Spiteri irreġistra l-akkużi fir-reġistru tal-Qorti ta' Malta u ressaq biċ-ċitazzjoni lis-sur Catania, b'akkużi relatati ma' traffikar ta' persuna, stupru, atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens, sekwestru ta' persuna, talli allegatament ikkaġuna ġrieħi fuq il-persuna tal-allegata vittma', li kien fil-pussess ta' skrataċ u balal mingħajr liċenzja relattiva, u li kellu fil-pussess tiegħu passaport ta' terzi;

**Illi għall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Pulizija Eżekuttiva tinvestiga u tiġbor il-provi sew kontra u kif ukoll**

**favur il-persuni suspettati li jkunu għamlu reat, mingħajr ma tħares lejn uċuh, u jekk ikollha provi materjali u rilevanti li persuna raġonevolment setgħet wettqet reat, tressaq lil dik il-persuna quddiem il-Qrati biex twieġeb għall-akkużi, irrispettivament min hi**;

Illi f'każ li persuna tagħmel rapport lill-Pulizija u l-Pulizija ma taġixxix fuq tali rapport, **l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali** jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li dik il-persuna tista' tagħmel użu minnu. F'dan is-sens l-esponenti għal darb'ohra jirrilevaw illi kien hemm nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma ġiet istitwita din il-kawża;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrilevaw li l-Ispettur John Spiteri huwa responsabbli biex jinvestiga reati li jaqaw taħt il-kappa tal-*Vice Squad* u mhux għall-investigazzjoni ta' reati tad-distrett. Jidher għalhekk li l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tal-Ispettur John Spiteri **huma għal kollox infondati u vessatorji u intiżi biss, biex jostakollawh milli jwettaq ir-retta amministrazzjoni ta' xogħolu**;

**12.** Illi **fir-raba' talba** r-rikorrent qiegħed jallega "*frame-up* maħdum bizzilla". Apparti li din hija allegazzjoni estremament gratuwita u ferm ikkontestata, huwa m'huwiex jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u kwindi tali talba hija improponibbli;

13. Illi **fil-ħames talba** r-rikorrent qiegħed jerġa jirreferi għall-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** mingħajr ma jgħid għaliex! Jidher li filfatt li hawnhekk qiegħed jitlob dikjarazzjoni u rimedju sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali kollha elenkati fl-artikoli 33-45 tal-

Kostituzzjoni mingħajr ebda spjegazzjoni ta' kif u *come* dawn id-drittijiet ġew allegatament leżi. Għaldaqstant il-ħames talba hija ukoll improponibbli;

14. Illi **fis-sitt talba** ir-rikorrent qiegħed jippretendi li jingħata kumpens. Din hija talba għar-rimedju konsegwenzjali biss fl-eventwalita` li l-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali;

15. Illi **s-seba' talba** wkoll hija talba għar-rimedju. F'dan il-każ huwa qiegħed speċifikament jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tittermina l-proċeduri istitwiti kontra tiegħu. Apparti l-fatt li din it-talba wkoll hija konsegwenzjali għat-talbiet preċedenti fejn qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, fl-umli fehma tal-esponenti dan ir-rimedju qatt m'għandu jingħata għaliex il-proċeduri ġudizzjarji ta' natura penali m'għandhomx jitwaqqfu u jiġu mfiexkla minħabba allegazzjonijiet totalment bla bażi u li jirrażentaw l-assurd;

**16.** Illi finalment l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet rikorrenti huma fiergħa u vessatorji u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandħha filwaqt li tiċħad it-talbiet rikorrenti, **tippronunzja t-tqanqil ta' din il-kwistjoni bħala waħda sempliċiment frivola u vessatorja u tikkunsidra illi tordna lir-rikorrent jħallas is-spejjeż ta' dawn il-proċeduri għal darbtejn u dan *ai termini* tal-liġijiet viġenti**;

**17.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.'

Rat ir-risposta tas-Sur Angelo' Gafa' u tas-Sinjura Sylvana Gafa' li taqra' kif isegwi:

1. 'Illi l-lanjanza tar-rikorrenti tinsab mibnija fuq zewg binarji u cioe' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt xieraq naxxenti mill-fatt li (a) r-rikorrenti jinstab akkuzat b'reat kriminali; (b) li allegalment l-intimati ma investigawx b'mod serju u ma intavolawx proceduri kriminali in konfront ta' terza persuna wara l-kwerela tar-rikorrenti u allegazzjoni ta' ksur tad-dritt kontra trattament inuman u degredanti naxxenti mill- fatt li skont ir-rikorrenti l-ufficjal tal-Pulizija iddiehku bih ghal numru ta' minuti. Bhala rimedju r-rikorrenti qieghed jitlob li jieqfu l-proceduri kriminali li hemm pendenti kontra tieghu u sabiex jinghata kumpens monetarju.

2. Illi l-esponenti jirrespingu u jikkontestaw bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrent kif ukoll il-pretensjonijiet marbutin maghhom stante li dawn huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

**<u>ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-intimat jecepixxi illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet rikorrenti u dan ai terminu tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f'kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat. L-ufficju tal-Avukat Generali ma ghandu l-ebda poter jew funzjoni li jinvestiga reati. In oltre, l-Avukat Generali wara d-dhul fis-sehh tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat (Kap. 603 tal-Ligijiet ta' Malta) ma ghadx ghandu l-funzjoni rapprezentattiva tal-Gvern f'kawzi u

azzjonijiet civili u kostituzzjonali. L-esponent Avukat Generali jishaqq ghalhekk li gie imharrek fil-kawza inutilment u ghalhekk ghandu jigi lliberat miil-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi gialadarba dawn huma proceduri kostituzzjonali dwar allegat agir ta' ufficcjali f'dipartimenti governattivi u r-rimedju jinghata mill-Istat, intimati s-Sur Anglo Gafa' , u s-Sinjura Sylvana Gafa' u S-Sinjura Georgette Rita Spiteri li gew mghajjta f'din il-kawza fil-vesti personali taghhom, ma humiex il-legittimi kontradditturi u li se mai l-azzjoni odjerna kellha ssir fil-kariga ufficjali u mhux dik personali. Dan qieghed jinghad ghaliex persuni fil-vesti personali taghhom qatt ma jistghu jigu ddikjarati li kissru d-drittijiet fundamentali tal-kontro-parti. Il-konvenuti qieghdin umilment jaddixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-partijiet li m'ghandhomx xejn x'jaqsmu ma' dawn il-proceduri, jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju- minnufih;

5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati nostrana kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jridu tabilfors jitqiesu fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kien hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u mghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u Dimech v. Malta deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta' dan it-taghlim, l-esponenti jirrilevaw li t-talba fir-rikors

promotur hija wahda intempestiva u prematura tenut kont li l-proceduri li minnhom qed jillamenta r-rikorrenti ghadhom mhux konkluzi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala tali minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. Illi l-esponenti jecepixxu dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tistharreg ulterjorment dan l-ilment, u dan a tenur ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta. Malta *stante* illi r-rikorrent ghandu zewg binarju gudizzjarji sabiex jindirizza l-ilmenti tieghu:

Fl-ewwel lok, in kwantu r-rikorrenti jallega li l-Pulizija ma intavolatx proceduri kriminali in konfront ta' terza persuna li fuqha ghamel rapport r-rikorrenti jinghad illi f'kaz li persuna taghmel rapport lill-Pulizija ma tagixxix fuq tali rapport, dik il-persuna ghandha rimedju moghti mill-ligi ordinarja. Illi l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ) jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Magistrati li dik il-persuna tista' taghmel uzu minnu;

Fit-tieni lok, in kwantu r-rikorrenti jallega li huwa tressaq hazin jinghad li r-rikorrent ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq diga' gie miksur u dan propju ghaliex il-proceduri fil-konfront tieghu fadlilhom biex jigu definitivament maghluqa. S'issa ghadu mhux maghruf jekk, kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrent se jkun zvantaggjat wqt is-smigh tal-proceduri;

F'dan is-sens, l-esponenti qieghdin jecepixxu illi kien hemm nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma giet istitwita din il-kawza;

ECCEZZJONIJIET FIL-MERTU

**7.** Illi ibda biex, ir-rikorrent ghandu iggib provi sodisfacenti biex jissostanzja l- allegazzjonijiet assurdi li qieghed jaghmel sal-grad rikjest mil-Ligi f'hekk imsejjah 'Rikors mahluf Kostituzzjonali prezentat minnu;

**8.** Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minhabba l-mod konfuz ta' kif gie redatt ir-rikors promotur, l-esponenti sejrin iwiegbu ghat-talbiet individwali tar-rikorrent u jirrizervaw minn issa li jipprezentaw risposta ulterjuri fl-eventwalita' li r-rikorrent jallega ksur ulterjuri tad-drittijiet fundamentali tieghu;

**9.** Illi **fl-ewwel talba** r-rikorrent allega li bil-fatt li huwa tressaq b'citazzjoni mixli b'diversi imputazzjonijiet huwa garrab ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sanciti mill-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Illi jibqa biex jinghad li d-dritt ta' smiegh xieraq joffri garanziji procedurali u mhux ta' dritt sustantiv kif qieghed jittenta jargumenta r-rikorrenti. Illi l-process in konfront tar-rikorrenti li qed jigi attakkat ma jinsab mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li (a) il-proceduri kollha ser jinzammu u ser jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali;(b) ir-rikorrenti ghandu access miftuh ghall-qorti; (c) is-smigh kollu jigi kondott fil-presenza tieghu; (d) il-partijiet jinghataw opportunitajiet ugwali sabiex itellghu ix-xhieda jezaminaw u jikkontro-ezaminaw tali xhieda bi tharis tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi;(e) r-rikorrenti jinghata l-

opportunita' kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti jinsab meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) r-rikorrenti jinghata z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

Illi fir-rikors promotur r-rikorrenti qieghed jallega li l-investigazzjoni li saret mill-ufficjal investigatur ghandha nuqqasijiet u dan stante li allegatament sar frame-up fuqu filwaqt li in konfront tat-terza persuna l-investigazzjoni ma saritx jew ma saritx tajjeb. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma tregix u dan stante li l-investigazzjoni ssir sabiex jingabru dawk il-provi kollha li abbazi taghhom il-persuni nvoluit fil-delitt jittellghu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwiegbu ghal ghemil doluz taghhom izda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jigi mlibbes bhala allegat ksur ta' dritt ghal smigh xieraq. Aktar minn hekk persuna titressaq akkuzata li wettqet reat jekk mill-investigazzjoni tirrizulta evidenza bizzejjed li turi dan.
Illi in oltre,skont dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropeja allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt ghal smigh xieraq tirrikjedi li jsir ezami tal-procedura kamentata fit- totalita' taghha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proceduri ad eskluzjoni xtal-partijiet l-ohra. Illi l-ligi procedurali nostrana tahseb ghas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi ghalihom l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li ghalhekk il-lament tar-rikorrenti huwa ghal kollox ingustifikat.

L-esponenti jissottomettu illi persuna suspettata li wettqet reat ma ghandha l-ebda dritt li taghzel hija minn ghandu jinterrogaha jew li testakola l-perkors ta' investigazzjoni sabiex tittenta tahrab milli twiegeb ghall-eghmil taghha quddiem il-Qrati Penali. Dan wisq izjed meta llum l-interrogatorji tal-Pulizija huma rrekordjati u l-

interrogat ghandu d-dritt illi l-Avukat tieghu ikun prezenti f'kull waqt tal-interrogatorju. Lanqas ma ghandha dik il-persuna xi dritt li tiddeciedi hija jekk titressaqx o meno akkuzata bi twettiq ta' reat izda dak li li ghandha u dak li qieghed jinghata r-rikorrenti huma l-garanziji kollha li ghalihom jahseb d-dritt ghal smiegh xieraq kif elenkati aktar il-fuq.

Huwa car li l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija tramite l-ufficjali investigaturi tieghu jahdmu bl-aktar mod metikoluz u professjonali sabiex min huwa responsabbli ghat-twettieq ta' delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Madankollu persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tnehhi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogholu jew il persuna mixlija b'reat tittenta twaqqaf proceduri penali in konfront taghha billi tressaq ilment kostituzzjonali fejn isiru allegazzjonijiet infondati in konfront ta' membri fil-Korp tal-Pulizija.

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta citat mir-rikorrent jipprovdi li *"kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm -il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi'*. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-ligi. L-esponenti jirrilevaw illi **ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent,** u ma jirrizulta minn imkien li b'xi mod giet mittiefsa xi wahda mill-protezzjonijiet moghtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi d-dritt ghal-smiegh xieraq isib applikazzjoni meta investigazzjoni kriminali tkun waslet fil-punt meta s-suspettat ikun tressaq quddiem awtorita' gudizzjarja biex iwiegeb ghar-reati addebitati lilu –

*'Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached teh point where the applicant has been 'charged' with a criminal offence'*[2]

Illi r-rikorrent qieghed juza **<u>l-allegazzjoniji li diga' sehh ksur</u>** ghal smigh xieraq biex isawwar l-azzjoni kostituzzjonali odjerna. L-esponenti jecepixxu illi b'mod kostanti **<u>fil-gurisprudenza</u>** (kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) **<u>gie stabbilit</u>** li sabiex tinstab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ***huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita' tieghu.*** Bhala regola, sabiex ikun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jsehhu izda irid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja;

Jirrizulta li l-imputazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent ghadhom sal-gurnata ta' llum ma nqrawx quddiem il-Magistrat. Dan minkejja l-fatt illi l-prezentata kienet skedata ghas-sebgha (7) t'Ottubru 2021, u minn hemm inghataw diversi appuntamenti mill-Magistrati tal-Ghassa sabiex jakkomodaw lir-rikorrent. Kien hemm numru t'okkazjonijiet fejn ir-rikorrent jew l-Avukat tal-ghazla tieghu kienu ndisposti minhabba ragunijiet varji, fosthom ta' sahha. Fid-data ta' l-ewwel seduta iffissata ghas-sebgha (7) ta' Ottubru 2021, is-sur Catania talab differiment minhabba ragunijiet ta' sahha. L-istess gara fid-deifferment ta' wara u cjoe' dak ta'

2

tmintax (18) ta' Novembru 2021. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2022, l-Avukat difensur ta' Catania talab differiment *stante* li kellu problema biex jattendi ghas-seduta kif l-istess gara fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 2022. Ghas-seduta ffissata ghal nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'April 2022, il-partijiet gew infurmati li l-kawza ser tigi differita peress li l-Qorti kienet tinsab indisposta. Lis-Spettur John Spiteri in rapprezentanza tal-Korp deher ghas-seduti dejjem b'rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti u lejn r-rikorrent.Certament ma kienx minhabba xi nuqqasijiet tieghu, tal-Korp jew tal-Avukat Generali li l-Akkuzi ghadhom sa llum ma nqrawx;

Ghalhekk, **bir-rispett kollu u kif diga inghad r-rikorrent ma jistax issa kredibilment jilmenta li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq diga' gie miksur u dan propju ghaliex il-proceduri fil-konfront tieghu fadlilhom biex jigu definitivament maghluqa.** S'issa ghadu mhux maghruf jekk, kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrent se jkun zvantaggat waqt is-smigh tal-proceduri. Illi fit-tieni talba tar-rikorrent qieghed jallega li huwa gie trattat b'mod inuman u degradanti meta allegatament l-Ispettur John Spiteri "dam jiddiehaq bir-rikorrent ghal izjed minn tlett minuti shah" u ghalhekk qieghed isostni li l-esponenti agixxew in vjolazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi *"Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degredanti'.* L-afrtikolu 3 tal-Konvenzjoni jmur oltre' ghaliex jipprovdi wkoll protezzjoni minn tortura, apparti minn trattament inuman jew degradanti jew piena. It-tortura tokkori meta persuna deliberatament tigi assoggettata ghal **sofferenza serja u krudili** minn persuna ohra. Trattament inuman jew piena jokkori meta

wiehed jigi assoggettat- ghal sofferenza fizika jew mentali intensa. Trattament degredanti jikkostitwixxi imgieba fuq persuna li **estremament tnaqqas id-dinjita' ta' persuna ohra u tummiljaha;**

Illi dwar il-protezzjoni minn trattament inuman, l-esponenti jirreferu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et** fejn il-Qorti Kostituzzjonali nsistiet fuq il-htiega li ssir distinzjoni bejn trattament inuman u trattament degredanti, ghax filwaqt li hu veru li trattament inuman huwa fih innifsu necessarjament degradanti, pero', l-invers mhux necessarjament huwa minnu. Illi ghal dak li jirrigwarda l-protezzjoni moghtija mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja '*inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*' (Karen Reid, **A Practitioner's Guide to the european Convention on Human Rights,** it-tieni edizzjoni [2004] pagna 522). It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna *'intense physical and mental suffering' (**Tekin v. Turkey** deciza fid-9 ta' Gunju 1998).*

Illi l-esponenti jikkontestaw bil-qawwa l-allegazzjoni li l-Ispettur Spiteri, ittortura, u/jew tratta lir-rikorrent b'xi mod Illi l-esponenti jikkontestaw bil-qawwa l-allegazzjoni li l-Ispettur Spiteri ittortura, u/jew tratta lir-rikorrent b'mod inuman jew degredanti, u jecepixxu illi r-rikorrent ma garrabx pregudizzju f'dan is-sens fil-proceduri tieghu jew b'xi mod gie assoggettat ghal xi trattament li jikkwalifika bhala umiljazzjoni jew degradazzjoni kif imfissra mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u mill-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati nostrana u dik ta' Strasburgu;

10. Illi **<u>fit-tielet talba</u>** r-rikorrent jallega li garrab ksur "tal-artikolu 39 u artikolu 39 u artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' malta u " l-artikolu 6 (1) u la-rtikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea" billi skond hu ma nghatax protezzjoni mill-Pulizija, xlewh, u ma ttiehdux proceduri fil-konfront ta' certa Ms Ronalyn Dolor Magbalot;

Illi jidher li parti minn din it-tielet talba hija diga koperta mill-ewwel talba, u dan il-ghaliex ir-rikorrent qieghed jerga jinvoka "l-artikolu 39 u artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u "l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropa";

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur ta**l-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta'** Malta u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** Ewropea, l-esponenti jergghu jecepixxu illi r-rikorrent ma garrabx pregudizzju fil-proceduri tieghu. Huwa ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq gie lez minhabba li allegatament il-Pulizija hargu *c-charges* kontrih u ma hadux passi kontra Ms Ronalyn Dolor Magbalot. Matul il-proceduri kriminali r-rikorrent qieghed igawdi mill-prezunzjoni tal-innocenza, ghandu access shih ghall-atti tal-kumpilazzjoni biex jipprepara l-kaz tieghu, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha kontrih lil 'hinn minn kull dubju ragonevoli u r-rikorrent ghandu kull opportunita' biex jiddefendi lilu nnifsu kif ihoss li huwa xieraq. Matul il-proceduri l-kaz tieghu qieghed jigi mismugh minn Qorti ndipendenti u mparzjali, *in osservanza* tal-priincipju tal-*audi alteram partem* fi zmien ragjonevoli;

Ma jirrizulta minn imkien li d-drittijeit tar-rikorrent ghal smigh xieraq gew, jew sejrin jigu mittiefsa. Jaghti l-kaz li l-proceduri ghadhom fi stadju embroniku, u li matul dawn l-istess proceduri

r-rikorrent qieghed jigi difiz mill-avukat tal-ghazla tieghu u jista' jressaq ix-xhieda u l-provi li jixtieq biex issahhah id-difiza tieghu. Il-proceduri qieghdin jinzammu u jigu determinati minn Qorti indipendenti u mparzjali. Ir-rikorrent ghandu access ghall-Qorti, u s-smigh qieghed isir biss fil-presenza tar-rikorrent. Il-partijiet qedghin jigu trattati b'mod ugwali minghajr ebda vantagg procedurali minn xi persuna fuq ohra. Ir-rikorrenti qieghed jinghata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-kaz tieghu minghajr xkiel, u qieghed jinghata wkoll iz-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu;

Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-agir tal-esponenti certament ma kienx u ma huwiex abbuziv jew jonqos li josserva l-principji tal- gustizzja naturali. L-esponenti agixxew korrettament skond il-Ligi u fil-parametri mposti mill-Ligi u bl-ebda mod ma ppregudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;

Illi tenut kont tal-fatt li r-rikorrent huwa persuna vulnerabbli minhabba l-kundizzjoni medika prezenti tieghu, L-Korp tal-Pulizija iddecieda li jressqu b'citazzjoni biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Dan il-fatt juri, jekk xejn, li l-Korp u l-ufficjal investigattiv wrew sensittivita' liema bhala lejn ir-rikorrent ghaliex persuni akkuzati b'reati simili, jitressqu fil-*maggior* parti tal- kazijiet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

Illi hekk kif ghaddiet l-ewwel mewga ta' COVID- 19, l-Ispettur John Spiteri irregistra l-akkuzi fir-registru tal-Qorti ta' Malta u ressaq bic-citazzjoni lis-Sur Catania, b'akkuzi relatati ma' traffikar ta' persuna, stupru, atti ta' natura sesswali minghajr kunsens, sekewestru ta' persuna, talli allegatament ikkaguna griehi fuq il-

persuna tal-allegat vittma', li kien fil-pussess ta' skratac u balal minghajr licenzja relattiva, u li kellu fil-pussess tieghu passaport ta' terzi;

**Illi ghall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Pulizija Ezekuttiva tinvestiga u tigbor il-provi sew kontra u kif ukoll favur il-persuni suspettati li jkunu ghamlu reat, minghajr ma thares lejn ucuh, u jekk ikollha provi materjali u rilevanti li persuna ragonevolment setghet wettqet reat, tressaq li dik il-persuna quddiem il-Qrati biex twiegeb ghall-akkuzi, irrispettivament min hi;**

Illi f'kaz il-persuna taghmel rapport lill-Pulizija u l-Pulizija ma tagixxix fuq tali rapport, l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Magistrati li dik il-persuna tista' taghmel uzu minnu. F'dan is-sens l-esponenti ghal darb'ohra jirrilevaw illi kien hemm nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma giet istitwita din i-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrilevaw li l-Ispettur John Spiteri huwa responsabbli biex jinvestiga reati li jaqaw taht il-kappa ta' Vice Squad u mhux ghall-investigazzjoni ta' reati tad-distrett. Jidher ghalhekk **<u>li l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-Ispettur John Spiteri huma ghal kollox infondati u vessatorji u intizi biss, biex jostakollawh milli jwettaq ir-retta amminstrazzjoni ta' xogholu;</u>**

**11.** Illi **<u>fir-raba' talba</u>** r-rikorrent qieghed jallega "frame -up mahduma bizzilla". Apparti li din hija l-allegazzjoni estremament gratuwita u ferm ikkontestata, huwa m'huwiex jallega ksur tad-

drittijiet fundamentali tieghu u kwindi tali talba hija improponibbli;

**12.** Illi **fil-hames talba** ir-rikorrent qieghed jerga jirreferi ghall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea minghajr ma jghid ghaliex! Jidher li filfatt li hawnhekk qieghed jitlob dikjarazzjoni u rimedju sabiex jigu mharsa d-drittijiet fundamentali kollha elenkati fl-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjoni minghajr ebda spjegazzjoni ta' kif u come dawn id-drittijiet gew allegatament lezi. Ghaldaqstant il-hames talba hija ukoll improponibbli;

**13.** Illi **fis-sitt talba** ir-rikorrent qieghed jippretendi li jinghata kumpens. Din hija talba ghar-rimedju konsegwenzjali biss fl-eventwalita' li l-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali;

**14. Illi s-seba' talba** wkoll hija talba ghar-rimedju. F'dan il-kaz huwa qieghed specifikament jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tittermina l-proceduri istitwiti kontra tieghu. Apparti l-fatt li din it-talba wkoll hija konsegwenzjali ghat-talbiet precedenti fejn qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, fl-umli fehma tal-esponenti dan ir-rimedju qatt m'ghandu jinghata ghaliex il-proceduri gudizzjarji ta' natura penali m'ghandhomx jitwaqqfu u jigu mfiexkla minhabba allegazzjonijiet totalment bla bazi u li jirrazentaw l-assurd;

**15.** Illi finalment l-esponenti jissottomettu li -pretensjonijiet rikorrenti huma fiergha u vessatorji u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha filwaqt li tichad it-talbiet rikorrenti, **tippronunzja t-tqanqil ta' din il-kwistjoni bhaa wahda sempliciment frivola u vessatorja u tikkunsidra illi tordna lir-**

**rikorrent jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghal darbtejn u dan *ai termini* tal-ligijiet vigenti;**

**16**. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.'

Rat ir-risposta tal-Ispettur tal-Pulizija tal-Vice Squad John Spiteri (KI: 0031284G) u martu Georgette Rita Spiteri ( KI: 0427097M) ghar-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent ta' nhar is-16 ta' Mejju 2022 li taqra kif isegwi :

'1. Permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2022, dina l-Onorabbli Qorti akkordat ghaxart (10) ijiem zmien lill-esponenti sabiex jwiegbu ghar-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent ntavolat nhar is-16 ta' Mejju 2022.

2. Tali rikors kostituzzjonali gie notifikat lill-esponenti nhar it-Tlieta 14 ta' Gunju 2022, fejn ir-rikorrenti allega, *inter alia,* li l-agir tal-Korp tal-Pulizija hekk kif immexxi mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema Korp, l-Ispettur John Spiteri jifforma parti integrali minnu, naqas milli jiehu azzjoni kontra persuna ta' nazzjonalita' Filippina bl-isem ta' Ronalym Dolor Magbalot li allegatament wettqet serq ta' mitejn (€200.00) ewro u tal-passaport tal-rikorrent, ghamlet rapport falz fil-konfront tar-rikorrent, u aggrediet u ghajjret lir-rikorrent fit-triq;

3. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li huwa qieghed jigi mixli b'diversi mputazzjonijiet ta' natura sesswali fost ohrajn, u jallega li sar "frame up" fil-konfront tieghu;

4. B'mod preliminari jinghad illi l-azzjoni attrici hija fiergha u abbuziva billi saret bil-ghan biss bhala mod kif ir-rikorrent jittanta intempestivament juzurpa l-ligi, jiehu t-triq il-qasira u jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex taghmel xoghol il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali minghajr ma tkun semghet ebda' provi. Donnu pero' nesa r-rikorrent li f'kazijiet hekk huwa kellu kull dritt li jistitwixxi proceduri ta' sfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-artikolu 541 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi huwa naqas li jezawrixxi r-rimedji ordinarji kollha miftuha ghalih.

5. Donnu nesa' wkoll ir-rikorrenti li l-intavolar ta' proceduri kriminali ma jittraducux awtomatikament f'sejbien ta' htija u jekk ihossu u jidhirlu li huwa innocenti, ghandu kull jedd u facilita' li legalment jikombatti t-tezi tal-prosekuzzjoni billi jigi difiz skond il-ligi.

6. Jekk ir-rikorrent has u dehrlu li r-rapporti minnu maghmula kontra terzi qeghdin jaqghu fuq widnejn torox, mela allura kellu wkoll a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex jimpunja l-inerzja tal-Pulizija. Certament pero' ma ghandux jigi quddiem dina l-Onorabbli Qorti u jitlobha provisorjament tordna t-twaqqif ta' proceduri kriminali, liema proceduri gew legalment mibdija minn Spettur tal-Pulizija li wara kollox qieghed jaghmel xoghlu u jwettaq dmirijiet b'mod lejali skont il-ligi!

7. Allahares mil-lum il-quddiem nibdew naslu f'punt fejn ghax wiehed ikun jidhirlu li l-pulizija ma kellhomx jixluh kriminalment, mela allura jkunu meritati proceduri kostituzzjonali kontra l-istess Pulizija ghax altrimenti jintilef kull skop tal-process kriminali, fejn

l-individwu mixli ikollu kull jedd li jiddefendi ruhu u jipprotesta l-innocenza tieghu.

8. Illi *di piu'* b'tentattiv biex jizgwida, ir-rikorrent jghid illi d-drittijiet tieghu emanenti mill-artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijeit tal-Bniedem, gew jew sejrin jigu mittiefsa ghaliex allegatament huwa gie, jew ser jigi trattat b'mod abbuziv, illegali jew diskriminatorju mill-esponenti;

9. Illi l-esponenti mmedjatament jirrispingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin maghhom *stante* li dawn huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

10. Illi ibda' biex, id-dritt ghal-smiegh xieraq, isib applikazzjoni meta investigazzjoni kriminali tkun waslet fil-punt meta s-suspettat ikun tressaq quddiem awtorita' gudizzjarja biew iwiegeb ghar-reati addebitati lilu –

'Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached the point where the applicant has been 'charged' with a criminal offence'[3]

11. Ma jirrizulta minn imkien li d-drittijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq jew id-dritt tieghu kontra trattament inuman u degradanti gew, jew sejrin jigu mittiefsa. Jaghti l-kaz li l-proceduri ghadhom fi stadju embroniku, u li matul dawn l-istess proceduri r-rikorrent qieghed jigi difiz mill-avukat tal-ghazla tieghu u jista' jressaq ix-

[3] D.J.Harris,M. O'Boyle,Warbrick, 'Law of the European Convention on Human Rights', 2009, Oxford University Press, pagna 204.

xhieda u l-provi li jixtieq biex isahhah id-difiza tieghu. Il-proceduri qieghdin jinzammu u jigu determinati minn Qorti indipendenti u mparzjali. Ir-rikorrent ghandu access ghall-Qorti, u s-smigh qieghed isir biss fil-presenza tar-rikorrent. Il-partijiet qedghin jigu trattati b'mod ugwali minghajr ebda vantagg procedurali minn xi persuna fuq ohra. Ir-rikorrent qieghed jinghata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-kaz tieghu minghajr xkiel, u qieghed jinghata wkoll iz-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu;

12. Illi tenut kont tal-fatt li r-rikorrent huwa persuna vulnerabbli minhabba l-kundizzjoni medika prezenti tieghu, l-Korp tal-Pulizija iddecieda li jressqu b'citazzjoni biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Dan il-fatt juri, jekk xejn, li l-esponenti Spettur John Spiteri, qua ufficjal prosekutur,wera sensittivita' liema bhala lejn ir-rikorrent ghaliex persuni akkuzati b'reati simili, jitressqu fil-*maggior* parti tal-kazijiet b'arrest quddiem il-qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

13. Illi hekk kif ghaddiet l-ewwel mewga tal-COVID-19, l-esponenti Spettur John Spiteri irregistra l-akkuzi fir-registru tal-Qorti ta' Malta u ressaq bic-citazzjoni lis-sur Catania, b'akkuzi relatati ma' traffikar ta' persuna, stupru, atti ta' natura sesswali minghajr kunsens, sekwestru ta' persuna, talli allegatament ikkaguna griehi fuq il-persuna tal-allegata vittma', li kien fil-pussess ta' skratac u balal minghajr licenzja relattiva, u li kellu fil-pussess tieghu passaport ta' terzi;

14. Illi kien hemm numru t'okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent jew l-Avukat tal-ghazla tieghu kienu ndisposti minhabba ragunijiet

varji, fosthom ta' sahha. Fid-data tal-ewwel seduta iffissata ghas-sebgha (7) ta' Ottubru 2021, is-sur Catania talab differiment minhabba ragunijiet ta' sahha. L-istess gara fid-differiment ta' wara u cioe' dak tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2022, l-Avukat difensur tar-rikorrent Catania talab differiment *stante* li kellu problema biex jattendi ghas-seduta kif l-istess gara fis-seduta tat -tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 2022. Ghas-seduta ffissata ghal nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'April 2022, l-partijiet gew infurmati li l-kawza ser tigi differita peress li l-Qorti kienet tinsab indisposta. Lis-Spettur John Spiteri in rapprezentanza tal-Korp deher ghas-seduti dejjem b'rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti u lejn ir-rikorrent. Certament ma kienx minhabba xi nuqqas tieghu, tal-Korp jew tal-Avukat Generali li l-akkuzi ghadhom sa llum ma nqrawx;

15. Illi ghall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Pulizija Ezekuttiva tinvestiga u tigbor il-provi sew kontra u kif ukoll favur il-persuni suspettati li jkunu ghamlu reat, minghajr ma thares lejn ucuh, u jekk ikollha provi materjali u rilevanti li persuna ragonevolment setghet wettqet reat, tressaq lil dik il-persuna quddiem il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi, irrispettivament min hi;

16. Illi wara kollox, kif gia nghad, f'kaz li persuna taghmel rapport lill-Pulizija u l-Pulizija ma tagixxix fuq tali rapport, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Magistrati li dik il-persuna tista' taghmel uzu minnu;

17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Spettur John Spiteri jirrileva li huwa responsabbli biex jinvestiga reati li jaqaw taht il-kappa tal-*Vice Squad* u mhux ghall investigazzjoni ta'

reati tad-distrett. Jidher ghalhekk li l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-Ispettur John Spiteri huma ghal kollox infondati u vessatorji u intizi biss, biex jostakollawh milli jwettaq ir-retta amminstrazzjoni ta' xogholu;

18. Illi ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti jeccepixu illi l-lanjanzi tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt li huwa ma soffra ebda pregudizzju jew lezjoni tad-drittijiet tieghu. Inoltre, l-esponenti jeccepixxu li huwa assolutament inveritier li r-rikorrent gie immarkat ghal trattament partikolari li hu differenti, minn kif l-esponent Spettur John Spiteri normalment jimxu ma' suspettati ohra f'cirkostanzi identici;

19. Ghaldaqstant, l-esponenti huwa tal-fehma illi l-fatturi premessi jimmilitaw bis-shih kontra l-akkoljiment tat-talbiet attrici mressqa fir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Catania ta' nhar is-16 ta' Mejju, 2022 u kwindi l-istess talbiet ghandhom jigu michuda fl-intier bl-ispejjez kontra tieghu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Oronorabbli Qorti joghgobha tichad t-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.'

Rat l-atti tal-interim measure annessi u rat id-digriet taghha tas-27 ta' Gunju, 2022 fejn din l-istess Qorti iddikretat kif isegwi:

'Tordna li l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kaz 617/2021/1 (Magistrat Dr. Gabriella Vella) fl-ismijiet "Il-Pulizija vS. Anthony Catania (KI numru 213951 (M)" jigu sospizi fil-mument li u jekk dawn jaslu fl-istadju li l-imputat ikun mehtieg jaghlaq il-provi tieghu u qabel

ma jaghlaq l-istess u li f'dak l-istadju dik il-Qorti tissoprassjedi pendenti determinazzjoni finali tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna.

Tordna wkoll li r-rikorrent iressaq il-provi kollha tieghu f dawn l-atti f'massimu ta' zewg seduti li jmiss quddiem din il-Qorti u f'kaz li l-Qorti tara li r-rikorrent qed jittenta b'xi mod itawwal dawn il-proceduri, 1-Qorti tirriserva li tvarja l-ordni provizzorju moghti llum nkluz billi tirrevokah kompletament.'

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Lulju, 2022 l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li sa dak in-nhar 'm'hemmx proceduri kriminali fil-konfront tas-Sinjura Dolores Magbalot.' Fl-istess verbal l-avukat tar-rikorrent iddikjara li kien hemm pendenti 'challenge proceedings' ghar-raguni li ma ttiehdux passi fil-konfront tal-persuna msemmija.

Rat li permezz ta' nota fl-atti datata 5 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrent ceda l-atti limitatament fil-konfront tal-intimati Sylvana Gafa' u Georgette Rita Spiteri (fol. 694, Volum 5).

Rat illi fil-verbal tad-9 ta April, 2024 inghad kif isegwi:

'Dr Borg Manche jitlob li tigi prezentata sentenza tal-Magistrat Nadine Lia ta' challenge fil-konfront tal-Pulizija biex tigi nvestiga s-Sinjura Ms Dolor Ronalyn Magbalot illi dan ic-challenge jifforma parti mill-investigazzjoni intiera tal-kaz kriminali fil-konfront tas-Sur Anthony Catania illi ghalih dawn il-proceduri Kostituzzjonali nfethu.

L-Avukati tal-intimati jopponu ghat-talba edotta ghar-ragunijiet illi accettazzjoni ta' din il-prova f'dan l-istadju ser tammonta ghal

ftuh mill-gdid tal-provi tar-rikorrenti bi prova illi ma hijiex rilevanti ghal dan il-kaz stante illi l-ilment kostituzzonali jitratta investigazzjoni u l-eventwalment proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrenti ghal dan li ghandu x'jaqsam ma' akkuzi ta' traffikar ta' persuna bl-aggravju ta' sexual exploitation u stupru kif ukoll illi jekk realment l-attur jemmen illi bid-decizjoni tal-isfida huwa lahaq l-ghan tieghu sabiex b'hekk ser jittiehdu proceduri kontra t-terz vittma din il-posizzjoni tal-attur tfisser u ma tistax tigi mfissra hlief li jista' jezercita rimediu ordinarju ma ghadx fadal aktar lok ghat-tkomplija ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti in vista li d-decizjoni nghatat ricentament ghalhekk ma setghatx tigi ezebita qabel tawtorizza l-prezentata tal-istess filwaqt li tirriserva li tiddeciedi dwar il-valur probatorju tal-istess u relevanza taghha fil-proceduri odjerni, filwaqt li tordna lir-rikorrent sabiex fi zmien 10 ijiem permezz ta' nota fl-atti bin-notifika jew visto tal-avukati tal-kontro-parti jinfurmaha jekk gietx appellata jew le.'

Rat illi fil-verbal datat 9 ta' April, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi permezz tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna ir-rikorrent Anthony Catania jallega ksur jew li 'jista' jkun hemm ksur tad-

drittijiet fundamentali tieghu da parti tal-intimati fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kosituzzjonit a' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u cioe' d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ghar-raguni fost affarijiet ohra, ghall-mod kif agixxew fil-konfront tieghu il-pulizija li flok tawh protezzjoni, akkuzawh, iz-zmien li fih huwa tressaq akkuzat, ghaliex appuntu tressaq akkuzat, ghaliex ma ttiehdux passi fuq kwereli li huwa ghamel fil-konfront tal-persuna li fil-proceduri kontra tieghu hija l-allegata vittma u ghaliex jallega li sar 'frame-up' fuqu biex jghatti l-agir jew l-intimita' ta' persuna fi hdan il-pulizija mal-allegata vittma. Ir-rikorrent jallega wkoll li huwa gie assoggettat ghal trattament inuman u degradanti fit-termini tal-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Iressaq ghalhekk quddiem din il-qorti it-talbiet tieghu kif suesposti izda b'mod partikolari fit-termini tas-seba' talba jitlob li din il-Qorti twaqqaf il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Illi da' parti taghhom l-intimat Avukat Generali jsostni li mhux il-legittimu kontradittur, l-intimati mharrka f'isimhom personali wkoll isostnu li m'humiex il-legittimi kontraditturi filwaqt li l-intimati fil-vesti ufficcjali taghhom isostnu, fost affarijiet ohra, li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji kollha li toffrilu l-ligi tant li lanqas prezenta proceduri ta' sfida fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-intempestivita' u wkoll fil-mertu jichdu li b'xi mod ir-rikorrent kienet qed issir 'frame-up' fuqu izda jinsistu li l-proceduri kontra r-rikorrent ittiehdu fil-mument li ttiehdu ghall-uniku raguni li huwa persuna vulnerabbli u ezatt malli gie investigat u kien ser jitressaq huwa kellu l-kimoterapija u wara faqqghet il-pandemija tal-Covid 19 b'dana li l-proceduri inbdew wara minhabba l-vulnerabilita' tal-istess rikorrent. Ilkoll

jeccepixxu li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma legalment u fattwalment infondati.

**Provi:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-kopja tad-dokumentazzjoni relattiva mal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Anthony Catania esebiti mill-Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali Stefania Calafato Testa a fol. 142 et seq tal-process. Hadet konjizzjoni tal-kontenut tal-akkuza a fol. 142, ir-rapport maghmul lill-pulizija mir-rikorrent a fol. 145 et seq tal-process datat 29 ta' Dicembru, 2019 li jikkontjenti l-versjoni kemm tar-rikorrent kif ukoll ta' Dolor Ronalyn, rat ukoll ir-rapport maghmul mir-rikorrent datat it-30 ta' Dicembru, 2019 a fol. 149 li permezz tieghu irraporta lil Ronalyn Dolor Magbalot nieqsa u mil-liema jirrizulta li hija ma kinitx nieqsa izda kienet tinsab gewwa 'shelter home', ritratti u tad-dokumentazzjoni kollha sussegwenti. Rat ix-xhieda kontenuta fl-istess u rat li dik il-Qorti akkomodat diversi drabi lir-rikorrent b'differimenti u arrangamenti rizultat tal-kundizzjoni medika tieghu tant li l-akkuza nqrat nhar it-8 ta' Gunju, 2022.

Rat li a fol. 198 fix-xhieda tieghu fil-porceduri kriminali l-intimat Spettur John Spiteri, dwar possibbli akkuzi fil-konfront ta' Ronalyn Dolor Magbalot xehed kif isegwi:

'Jiena l-obbligi tieghi nafhom taht l-Artiklu 346 u gbart il-provi kollha sew kontra u sew favur. In fatti, ghalhekk ipprezentajt dokumenti li jistghu juru xi forma ta' prova favur l-imputat ukoll. Milli rrizultali jiena minn meta hadt il-verzjoni tal-allegata vittma u nahseb issa se jkollha c-cans tixhed quddiem din l-Onorabbli

Qorti, irrizulta li l-griehi li allegatament garrab is-Sur Catania kienu sforz ta' scuffle illi kienet saret bejniethom li anke allegatament kien refa' idejh fuqha u kif spjegat hi, kienet qed tipprova tiddefendi lilha nnifisha minn dan l-allegat abbuz fiziku li kienet qed issofri. Infurmatni wkoll illi ntuzat arma tan-nar jew gieli ntuzat arma tan-nar. Jiena min-naha tieghi, b'dak li rajt u b'dak l-investigajt, avolja ma kienx il-mertu tieghi illi ninvestiga din il-bicca tax-xoghol, jidhirli li setghet kienet qed tipprova tiddefendi lilha nnifisha minn abbuz fiziku li allegatament kien qed isir fuqha wkoll. Pero' jiena kont konsapevoli li kien hemm rapport, kien hemm updates fuq ir-rapport allura ma kinitx xi haga li taspetta lili f'dak il-hin, f'din il-
parti tal-investigazzioni illi jiena nohrog xi akkuzi fil-konfront tas-sinjura Dolor Ronalyn.'

Rat l-ittra a fol. 243 tal-process datata 14 ta' Dicembru li permezz taghha jidher li r-rikorrent ta' *notice* ta' Gimgha lil Ronalyn Dolor Magbalot.

Rat ix-xhieda ta' Ronalyn Dolor Magbalot a fol. 244 et seq tal-process fl-atti kriminali u hadet nota tal-kontenut tal-istess.

Rat ix-xhieda ta' Oliver Bonanno fl-atti kriminali a fol. 318 et seq tal-process.

Rat l-ircevuti tal-oggetti u dokumentazzjoni li ttiehdu minghand ir-rikorrent a fol. 348 et seq tal-process.

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mix-xhud Dominic Psaila a fol. 351 et seq tal-process u semghet ix-xhieda tieghu a fol. 491 et seq. Rat li minn din ix-xhieda tohrog probabbli l-intenzjoni li r-rikorrent kellu sabiex jimpjega lil Ronalyn Dolor Magbalot ma

kinitx biss li din tkun ‘carer’ tieghu izda wkoll li huwa jkollu x’jaqsam maghha tant li cempel lil dan ix-xhud igerger li qaltlu li hija lisbjana u li certu atti taghmilhom biss minn wara. Rat ukoll li dan ix-xhud xejn ma skanta b’dan il-kliem ta’ Anthony Catania tant li jghid li r-reazzjoni tieghu kienet li qallu li ma jkunx jaf ghaliex ‘kaxxa maghluqa’:

‘Qalli 'Dan x'gibni hawnhekk?' Qalli 'Din qahba?'. Qalli ghax qed tghidli li din lizbjana, u bdiet taghmel, u 'Tridni naghmel maghha minn wara'. Dan x'qalli hu. … Jien ghidtlu, ghidtlu 'Dawn kaxxa maghluqa', ghidtlu 'Inti sibtha, jiena ma nafx hu, ma nafhiex minn Adam u Eva'… Hu hawn kien.... bit-terapija minghalija u ma, u lanqas kien iqumlu qal jigifieri, ma kienx, Eh qal ma kienx jiffunzjona sesswalment.. . Jiena smajtu fuq it-telefone qalli, jien ghidtlu 'Kaxxa maghluqa'. Jien mhux, jien la rrid infuh u lanqas irrid ninten ma hadd. Jiena ghamiltlu xogholi, spjegajtlu x'inhu x-xoghol ta carer li gejja hemm biex tiehu hsieb taghmmillu, tghinu fil-medicina, taghmillu s-shopping, izommlu, taghmillu light housekeeping, bhala carer jien dak xogholi. Issa xi jsir wara l-bieb u wara l-hitan tad-dar, ma nafx.’ (fol. 495-496)

Semghet ix-xhieda tad-Deputat Kummissarju Alexanda Mamo a fol. 450 et seq tal-process datata 26 ta’ Lulju, 2022. Hija tixhed li kienet involuta biss ghaliex intalbet xi informazzjoni mis-Sindklu Margaret Baldacchino Cefai. Tghidli meta kelllmet lill-Ispettur John Spiteri hija wkoll emmnet li kien hemm kaz b’sahhtu ta’ stupru w’ghalhekk ghazlet li ma tkellimx lir-rikorrent personalment kif kienet mitluba taghmel biex ma tipregudikax l-investigazzjonijiet kriminali.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Karl Robert a fol. 456 et seq tal-process li xehed dwar il-permess tax-xoghol mahruf favur Dolor

Magbolot. Waslet Malta fis-16 ta' Awwissu, 2019 u fit-8 ta' Jannar, 2020 ircevet korrispondenza minghand Identity Malta li l-permess ta' residenza taghha kien gie revokat. Fl-20 ta' Frar, 2020 intalbu jinhargu permess ta' residenza iehor peress li kienet qed tigi kkunsidrata bhala vittma ta' traffikar uman. Jghid li ma ghandux ir-raguni ghalfejn gie terminat l-impjieg.

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Alexia Aquilina Assistent Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali a fol. 467 et seq tal-process li esebiet protesti gudizzjarji prezentati mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati.

Semghet ix-xhieda ta' PC 2308 Kimberly Camilleri a fol. 476 et seq tal-process li tixhed li kienet presenti fl-10 ta' Jannar, 2020 meta giet mitkellma l-allegata vittma Ronalyn Dolor Magbalot. Kienet ukoll prezenti ghall-arrest ta' Anthony Catania l-ghada l-11 ta' Jannar, 2020 u t-tfittxija gewwa r-residenza tieghu. Tixhed ukoll dwar l-oggetti li gew elevati mill-vettura tieghu u mid-dar.

Semghet ix-xhieda ta' PC 1326 Roy Sciberras a fol. 482 tal-process li jghid li kien involut fl-arrest tar-rikorrent u kien prezenti waqt l-interrogazzjoni. Jghid li waqt il perkwizizzjoni spjegawlu ghal xhiex kienu qed ifittxu u hu kien il-hin kollu prezenti maghhom. Jghid li waqt il-perkwizizzjoni r-rikorrent ikkoopera hafna maghhom. Jichad li kien hemm xi kummenti mhux f'posthom mill-Ispettur. Jghid li r-rikorrent qalilhom li qatt ma kellu armi u li fir-residenza nstabu biss 'bullets' li r-rikorrent qalilhom li kienu antiki.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Brian Xuereb a fol. 501 et seq tal-process li jispjega li meta kien ghadu surgent kien mar l-Ghassa tal-Imsida r-rikorrent sabiex jaghmel rapport li kellu *carer* filippina

u li kienet telqitlu u li wisq probabli haditlu c-cwievet. Kienet ilha tahdem mieghu hames xhur. Jghid li lir-rikorrent ma bediex jafdah sal-ahhar mill-mod kif kien evasiv dwar il-mistoqsijietli kien qed jaghmillu u jixhed:

‘Fuq il-persuna, per ezempju kelkom xi haga? Gara xi haga? Ghalxiex telqet din? Qed tifhem? Dawn l-informazzjoni, kif, out of the blues telqet? Qed tifhem? Il-hin kollu jieqaf u joqghod attent hafna kif ipoggi certu diskors. U ezempju jghidli 'Le, le, le, le' jieqaf naqra hekk, jghidli 'Le ta, kollox sew konna, kellna dagsxejn dan argument zghir, cucata, imma ma kien hemm xejn'. Jigifieri kull darba li beda jikxef informazzjoni kien kull darba li bdejt insaqsih certu domandi biex inkun nista nifhem nagra iktar x'gara u ma garax, pero baga jzomm hafna lura fuq informazzjoni li beda jaghtini. Minn hemm bdejt infittex naqra ccekkjajt l-isptarijiet u nfittex l-hemm u l-hawn u rrizultali li din kienet qeghda go shelter ta' Hal Balzan. . . . Fis-shelter ta' Hal Balzan, u kienet xettika hafna anka hi biex taghti informazzjoni, kif ghidtilha s-Surgent qed infittex ha nara din fejn hi. Eventwalment, qaltli, kkonfermatli li kienet qeghda hemm, u ghidtilha, ghidtilha 'Isma jiena ghandi bzonn hafna importanti inkellimha naqra, l-ewwel nett isserrahli rasi li hi hi' u kkonfermajna certu dettalji fuqha li kienet hi, u li vera kienet telqet mill-Imsida, mid-dar ta' Catania? Qaltli 'Pero din', qaltli 'Din trawmatizzata qeghda' qaltli 'Jigifieri hemm gara xi haga zgur'. Jien dak il-hin saqsejt jekk ghandiex bzonn xi ambulanza u affarijiet jew kura jew whatever. Qaltli 'Halli kollox f’idejna'. Ghidtilha 'Jien ghandi bzonn jekk ghandha xi injury, ingurji, certifikat. Dakinhar kont qieghed first watch xoghol filghodu il-Hadd, ghidtilha 'Pitghada ha nkun xoghol ta' bilejl' ghidtilha 'Ghidilha tigi bic-certifikat b'kollox bilejl filghaxija halli jiena nara naqra x'hemm u x'mhemmx u ttini l-verzjoni'. In the meantime, kont cempilt lis-Sur Catania, ghidtlu 'Isma' ghidtlu 'Dik

instabet', ghidtlu 'Naf fejn qeghda', ghidtlu 'Jigifieri ma ghadhiex missing'. U dan gie l-Ghassa, qalli 'Fejn qeghda?'. Ghidtlu 'Mhux ser nghidlek fejn qeghda'. Ghidtlu 'Ghadha l-eta taghha m'intix'. Qalli 'X'jigifieri ma tghidlix fejn qeghda?''. U insomma mbaghad nizel l-Ghassa ghas-sodisfazzioni, beda jghidli 'Ghax jiena din hallast ghaliha responsabbli minnha jiena, din suppost tiehu hsiebi' u bla bla dawn il-hafna affarijiet. Ghidtlu 'Isma dan bhalissa hemm investigazzjonijiet ohrajn ghaddejjin, qabel ikolli konferma ta' x'gara u ma garax', ghidtlu 'Jiena mhux ha nghidlek fejn qeghda'. U mbaghad kienet giet hi. Issa din m'iniex cert ezatt kif, ghax ghadda naqra zmien mhux hazin, ghax jien kelli problema ohra, peress illi dan kien ex-surgent, jien qadt attent hafna xi ndahhal fir-rapport. Fil-fatt fil-bidu meta kont sibtha hemmhekk, ma kontx ktibt lanqas fir-rapport li sibtha hemmhekk fil-bidu.’

Jghid illi l-ghada gie nfurmat li r-rikorrent kien rega’ mar jaghmel rapport li kienet *missing* nonostante li kien infurmah li kienet instabet.  L-ghada marret tkellmu hi u spjegatlu kif kienet giet Malta u kien izommha dejjem mieghu mit-Tnejn sal-Hadd ghal hames xhur, li ma kienx jafdaha u li setghet tohrog biss mieghu, li kellhom xi jghidu u harbet minghajr il-passaport.  Staqsa lir-rikorrent fejn kien il-passaport u qallu li kien qieghed ghandu go *safe* li ma setax jifthu ghaliex ic-cavetta kienet ghand l-ex gharusa gewwa l-Ingilterra u li hu ma kellux spare key.  Jghid li huwa qal lil Dolor terga tmur fix-xelter u kellem lir-rikorrent u qallu:

‘Ghidtlu 'Isma' ghidtlu 'Din is-sitwazzjoni. Din qed tallega li giet aggredita u mizmuma u ghandha anka xi ingurji u jaf johorgulek xi akkuzi'. Kif ghidtlu hekk, qalli 'Anka jien ghandi l-ingurji'. Qalli ' Anka jien ghandi l-ingurji'. U telaq jigri lejn l-isptar, jaghmel certifikat, qalli ta xi ingurji li, . . ‘ (fol. 507)

Jghid li allura dan kien jumejn wara l-ewwel darba li r-rikorrent mar jaghmel ir-rapport li kienet *missing*. Jixhed li meta staqsihom jekk kellhom relazzjoni flimkien isostni li t-tnejn li huma kienu qalulu le. Dwar jekk kienx ser johrog akkuzi fil-konfront ta' Dolor jghid li ma hassux moralment konvint li ghandu johrog akkuzi fuq il-persuna li f'ghajnejh kienet tidher cara li kienet il-vittma. Jghid li meta nforma lir-rikorrent li ma kienux ser jinhargu akkuzi r-rikorrent irrabja hafna u beda jghidlu ghaliex hu nefaq hafna flus, li hu responsabbli minnha. Ir-rikorrent lilu qatt ma tah il-passaport. Fir-rapport li saru mieghu, dwar serq ma semmielu xejn.

Rat il-kopja tal-kwerela tar-rikorrent datata 11 ta' Frar, 2022 a fol. 600 tal-process fejn talab li jittiehdu passi fil-konfront ta' Ronalyn Dolor Magbalot fuq allegazzjonijiet malizzjuzi foloz fil-konfront tar-rikorrent, serq tas-somma ta' elfejn Euro (€2000) u tal-passaport tieghu mid-dar tieghu, agressjoni fil-konfront tieghu, li tghix Malta minghajr permess u li kisret il-buon ordni. Jaghlaq l-ittra billi javza kif isegwi:

'Jekk ma jittiehdux passi kriminali kontra Ms Ronalyn Dolor Magbalot, jien is-sottoskritt ma jibqalix alternattiva ohra hlief li nghamel il-Procedura meta I-Pulizija Eekuttiva ma tkunx trid tmexxi fuq din il-kwerela skond I-Artikolu 541 Kap 9 Ligijiet ta' Malta. Dan minghajr pregudizzju ta' hawn fuq kif spjegat u ma jigix eskluz li jittiehdu azzjonijiet Civili fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili anke Sede Kostituzzjonali kontra dawn il-persuni involuti skond il-igijiet ta' Malta.

Dan peress illi milli jidher fin-noti illi instabu fil-letter box tal-kwerelant u mir-ritratti li ittiehdu minnu stess tal-persuna

koncernata li qieghda tghinha u skond il-kwerelant stess, hemm jew jista jkun hemm persuna/i fi hdan il-korp tal-Pulizija illi jidher li huwa ufficjal gholi fil-Korp tal-Pulizija li huwa/huma l-id il-mohbija ta' Ms Ronalyn Dolor Magbalot u qieghdin jghinuha f' dan il-frame-up fuq is-Sur Catania b'mod dirett u/jew indirett.'

Rat l-e-mail a fol. 604 tal-process mibghut miunn Brian Xuereb lis-Surpretendent Buhagiar Muscat fejn huwa jispjega ghalfejn ma ttiehdux passi kif isegwi:

'Is-serq tal-€2000 li qed jallega, qatt ma ssemmew qabel. Din l'ewwel darba li qed nismaghha. Rigward feriti li allega li sofra (grif/girfa m'ghonqu) dan semmihom wara li gie nfurmat li se jitressaq il-Qorti fuq li ghamel hu stess fuq il vera vittma. Dan jidher bic-car li gew ikkagunati fuq 'self defense' wara li l-persuna ittrafikata ma felhitx iktar ghall-abbuz u hu ipprova jzomma b'forza milli tipprova tahrab. Jien ma nhossnix moralment gust li nakkuza lilha fuq din l'allegazzjoni ingusta.'

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Lara Butters a fol. 616 et seq tal-process datata 23 ta' Settembru, 2022. Tghid li kienet irceviet telefonata minghand l-Avukat tar-rikorrent f'April tas-sena 2022 sabiex imur ikellimha u kien mar ikellimha mar-rikorrent. Tghid li hi ma kellha x'taqsam xejn mal-kaz u li kiene stazzjonata l-*immigration.* Tixhed:

'Le. Mela, meta gie d-Dottore u beda jkellimni, apparti li beda jghidli hafna affarijiet fuq l-Ispettur John Spiteri, fuq il-kaz illi ghandu John Spiteri kontra l-klijent tieghu, fost hafna affarijiet ohra, beda jispjegali li kienu marru jarrestawha, kien qalli li jiena one fine day kont bghatt ghaliha imma jiena mhux jiena mhux vera ma kontx bghatt ghaliha ghax milli nista nifhem, ghax jien

ma dhaltx hafna f'dan il-kaz allura minn naqra li beda jghidli hu, ma kontx naf. Hu qalli li din kienet inghalqitilha l-RP taghha ghax hu ghamel xi rapport fil-konfront taghha, u skont hu jien kont mort nigborha, mentri jiena lil din il-persuna ma nafhiex; ma kontx gbartha jiena. Ghidlu 'Isma', ghidtlu 'Jiena minn naha tieghi issa niccekjalek ghax forsi ghandi, kelli zball jiena', imma meta ccekkjajt il-file lanqas biss qatt kien ghandi u meta semmieli l-gurnata meta jiena mort nigborha, li kien semmieli disgha u ghoxrin (29) ta' Dicmbru tal-elfejn u dsatax (2019), jien dakinhar lanqas biss kont duty jiena. U ahna nahdmu inti tmur fuq kaz, mela qeghdin hames (5) spetturi to put you naqra in the picture. Issa, jkun hemm minnha duty ta' dik il-gurnata. Ezempju llum duty jiena. Kull ma jinqala llum irrid nahdmu jiena. Issa, dik il-gurnata meta kien semma d-Dottore, disgha u ghoxrin (29) tả' Dicembru tal-elfejn u dsatax (2019), jiena dakinhar lanqas biss kont duty jigifieri ahseb u ara kemm mort jiena u nigbor lil din il-persuna. . . . U mbaghad kont ghidtlu 'Isma ha niccekjalek'. U ghidtlu, u fil-fatt kont irrispondejtu 'Isma dan il-kaz mhux tieghi, spettur iehor kien ha hsiebu'. U kien qalli 'Ok, grazzi'.'

Mistoqsija jekk tafx xi haga ulterjuri u li kienu stqarrew mal-Avukat tar-rikorrent u r-rikorrent li l-allegata vittma kienet qed tilghabhom tichad u tghid li hi apparti meta marru jkellmuha l-Avukat u r-rikorrent ma dahlet xejn fiha.  Mistoqsija x'kien il-kliem li sar dwar l-intimat l-iSpettur Spiteri mill-Avukat tar-rikorrent u r-rikorrenti tixhed kif isegwi:

'Missier John Spiteri, ... 'humiex pezza wahda?', li missier John Spiteri hu u hu, li John Spiteri ma mexiex sew mal-klijent tieghu, li dahqu bih, u mbaghad gie Anthony Catania, dahal l-ufficju ghax ghidtlek 'Isma ahjar jigi hu halli jispjegali ezattament dan il-kaz x'inhu ghax jiena kif taf inti ma stajtx niftakar dan il-kaz x'inhu, u

ghidlek 'Ahjar jigi hu l-ufficju halli jispjegali ezattament jiena f'hiex nidhol fiha' u dahal is-Sur Catania l-ufficju wkoll flimkien mal-kelb tieghu. U s-Sur Catania beda jghid hafna diskors li din ma tieqafx hawn, illi ghax il-Pulizija korrotti, illi John Spiteri dahaq bih, illi jien kelli xi nghid ma' John Spiteri fuq dan il-kaz u jien bdejt nghidlek 'Imma jiena f dan il-kaz ma' John Spiteri x'ghandi x'naqsam? F'hiex dhalt fih?'. Qalli 'Iwa li John Spiteri beda lili jghidli stupida, jghajjarni stupida u jien bdejt nghidlu 'Isma qed inhallu lil din il-persuna tidhaq bina'. Hemm hafna affarijiet anka hin minnhom qalli 'Din ma tieqafx hawn', fuq John Spiteri sewwa d-diskors, u jien hadtu dak il-hin anka fi ftit kliem illi kif beda jitkellem irid ipattieha lil John Spiteri minhabba l-kaz li hu kien ghaddej minnu.' (fol. 620).

Tichad li hi qatt iltaqghet ma' Rosalyn Dolor.

Rat ix-xhieda ta' Mary Grace Cassar Complienace Manager mad-Department for Industrial and Employment Relations li tghid ukoll li Ronalyn Dolor allegat maghhom li qatt ma nghatat 'pay-slips' u ma thallsitx il-pagi kollha, tghid li r-rikorrent da parti tieghu ipprovdielhom xi rcevuti izda Ronalyn baqghet tinsisti li ma rceveitx dak l-ammont kollu. Ronalyn Dolor ma provdietx aktar evidenza u l-kaz kellu jieqaf hemm fuq nuqqas ta' evidenza.

Semghet ix-xhieda ta' Louis Buhagiar rapprezentant tal-JobsPlus li esebixxa id-dokumentazzjoni relattiva mal-impjieg ta' Ronalyn Dolor Magbalot u t-terminazzjoni taghha. Rat ukoll ix-xhieda ta' Thomas Barry rapprezentat ta' Identity Malta li xehed dwar il-permess ta' residenza li nhareg lil Ronalyn Dolor Magbalot.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Darlene Grima mill-ufficcju tal-Avukat Generali li xehdet li hi ma kienet taf xejn dwar proceduri ta' 'challenge' mehuda mir-rikorrent.

Rat ix-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon a fol. 633 et seq tal-process li jikkonferma li huwa kien ircieva l-kwerela tar-rikorrent u li da parti tieghu kien ghamel il-verifiki tieghu mas-Surgent PS 309 li kien infurmah:

"Din il-kwerela giet trattata wkoll, fejn meta kont tkellimt mas-Surgent PS 309 dak iz-zmien, illum Spettur tal-Pulizija, hu kien ha hsieb il-kaz. rigward ir-rapport ta', li kien ghamel Mr Catania. F'din il-kwerela, qeghdin jissemmew fatti godda li qatt ma deheru fl-ebda mir-rapporti. Qed jigi allegat li Ms Magbalot serqet xi elfejn Euro (€2,000) fejn liema rapporti precedenti li saru fl-elfejn u dsatax (2019) ma kien hemm xejn menzjonat f'dan ir-rigward. Ms Magbalot, is-Surgent deherlu li ma kellux ghalfejn johrog akkuzi fil-konfront ta' Ms Magbalot wara illi investiga l-kaz hu, investiga l-kaz hu, u kienet ovvja illi Ms Magbalot kienet qeghda tinzamm kontra r-rieda taghha fir-residenza, tant hu hekk illi Mr Catania kienet qieghed jifga lil Ms Magbalot, b'xi mod jew iehor irnexxilha tahrablu minn taht il-kustodja tieghu, u telqet minn hemm, ta' ruhha fuq senduqa.'

Jghid li fis-sena 2019 huwa bl-ebda mod ma kien involut fl-investigazzjoni. Huwa kien ra l-verzjoni tax-xhieda ta' Ms Magbalot li nghatat fil-Qorti tal-Magistrati u kien evidenti ghalih li ma kienx hemm akkuzi x'jinhargu fil-konfront taghha tant li din minn fuq il-post marret go *shelter home*. Jinsisti li hu dik il-parti tal-kwerela li allegatament serqet is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) ma kienx emminha ghar-raguni li fir-rapport originali ma

ssemmietx.  Huwa ma bghatx ghar-rikorrent u fil-frattemp giet intavolata c-'challenge'.

**F'DAN L-ISTADJU L-QORTI TIRRILEVA LI GHAL XI RAGUNI IN-NUMRI TAL-FOLIO FL-ATTI FIL-PROCESS MALLI JASLU GHAL FOL. 678 (FOL-VOLUM NUMRU 3) JERGGHU JINZLU GHAL FOL. 279 U JKOMPLU MINN DAK IL-FOLIO IL-QUDDIEM.**

Rat l-affidavit tar-rikorrent Anthony Catania a fol. 334 et seq tal-processs (Volum 4) flimkien mad-dokumentazzjoni kollha mal-istess.  Jghid li meta hi waslet Malta hu spjegalha x'kien ser ikun xoghlha bhala *carer* izda jghid li hi qaltlu li hafna affarijiet ma tafx taghmilhom bhala ma tafx issajjar.  Qatlu li l-iskop taghha li tigi Malta kien biex iggib ukoll lill-habiba taghha u tghix maghha.  Qaltlu li kienet lisbjana u li hu ma sabx problema b'hekk.  Qaltlu wkoll biex jghajtilha 'Sugar' ghaliex kulhadd hekk kien jghajtilha.  Skont hu bghatha torqod fl-appartament ta' taht u l-ghada filghodu qam u sabha bin-natura tieghu f'halqha u hu waqqafha u qalilha biex ma taghmilx hekk ghaliex perikoluz u jbaghti bl-hernia.  Skont hu kienet hi li  nsistiet li tmur toqghod mieghu fuq u hu insista li kien prepara ghaliha it-tieni sular.  Jghid li qalilha li kellu *girlfriend* u li din accettat biss li jkollu *carer* ghaliex kienet lisbjana.  Skont ir-rikorrent:

'It-tieni gurnata fil-ghaxija hrigna nieklu barra u wara illi ritornajna d-dar, hija xorta wahda telghet fis-sular tieghi u marret tuza l-computer u jien qaghdt nara it-televizjoni. Jien ghidtilha li malli tlesti mill-computer, hija tinzel fis-sular taghha sabiex torqod hemm. Jien irqadt ghax marret ghajni bija u Dolor filghodu malli

qomt ergajt sibtha tilghab man-natura tieghi. Jien dlonk waqqaftha u hi qaltli li mhix il-way taghha u li dak li qed tghamel huwa ghalija (ghall-Catania) ghax hija lesbjana. Hi kompliet tghidli li nibqa mindud u hi tiprova taghmel sess fuq wara.

Jien ghidtilha li ma irridx naghmel sess. Ghidtilha wkoll sabiex ma tazzardax taghmel dawn l-atti u lanqas biss tiprova u dan ghaliex tnizzilli l-hernja fil-borsa u li se nghid lil Domnic b'dan kollu. Infatti, l-ghada filghodu, igifieri t-tielet jum mindu giet, jien cempilt lil Domnic Psaila u ghidtlu "Domnic hawn x'gibna qahba, qed tghidli li hija lesbjana u tridni nahxija f'sorma." Domnic qalli "Dawn kaxxa maghluqa; inti sibtha, jiena ma nafhiex minn Adam u Eva". Jien ghidtlu "Int ma tafhiex is-sitwazjoni tieghi? Ahna gibna lil Dolor bhala carer" .

Il-hames jum ikkonvincietni sabiex titla toqghod fis-sular tieghi biex tkun tista tiehu hsiebi u tqatta hinha mal-computer sabiex tigbor iktar followers halli iddahhal iktar flus u taghmel il-kuntatti mal-agenziji tal-Farm tal-Ungerija. Illi dak li xehdet Dolor f'pagna 18 fil-kawza kriminali illi hemm kontrija mibdija mil-Pulizija illi l-Hadd 25 t'Awwissu, 2019 (is-sitt jum li giet hawn Malta) jien kelli x'naqsam maghha erba jew hames darbiet quddiem u wara, hija totalment gidba taghha ghall-diversi ragunijiet. Wahda ghaliex jien ma kellix erezjoni u kont f'sitwazzjoni gravi bil-hernja ta hamsa u ghoxrin (25) sena. Jien tant ma ridx li jsiru dawn l-affarijiet illi jien cempilt lill- Domnic Psaila tlett ijiem qabel. Raguni ohra ghaliex dak li xehdet Dolor hija gidba totali hija ghaliex jien ma rridx li jsiru dawn l-atti u t-tielet raguni kienet ghaliex dan l-istatement fuq dawn l-atti ghamlitu fl-10 ta' Jannar, 2020 bhala l-ahhar karta mal-Ispettura Butters tal-Immigration, meta kienet se tibghata lura I-Filippini.

Dan mhux kif xehed l-Ispettur John Spiteri fil-kawza kriminali illi wara tnax (12) il-gurnata mill-ewwel rapport li ghamlet Dolor fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida hija qamet filghodu u marret il-Vice-Squad sabiex taghmel dan ir-rapport mal-Avukata taghha. Barra minhekk, jien spjegajt lill-Ispettur John Spiteri sabiex nisimghu ir-recordings tat-telefonata bejni u bejn Domnic Psaila minn fuq il-mobile tieghi u dan irrifjuta.'

Jghid li huwa beda jissuspetta li qed tiltaqa' ma' xi hadd ghaliex anki qallu wiehed minn shabu li kien ra tirkeb ma' xi hadd fil-karozza waqt li hu kien l-isptar jiehu t-terapija. Din il-persuna kienet tilbes il-*baseball cap*. Jghid ukoll li sab xi noti fil-'letter box' u jesebihom mal-affidavit. Fuq il-paga jghid li huwa prova jifthilha kont imma meta qalulha li riedet tistenna ftit granet biex tigbed il-flus hija ma accettatx u allura hargilha cekk 'self'. Jghid li f'Novembru, 2019, ghaliex baqghet ghazziena u ma trid taghmel xejn, qablu li jitterminala l-impjieg u kkuntattjaw lil Dominic Psaila sabiex isibilha xoghol iehor. Fid-29 ta' Dicembru, 2019 sab it-tielet nota fil-*letter box* li kienet tghid 'Its time another two days New Year Eve, can't go on like this its time to act". Jghid li Dolor riedet in-nota u qabdu jilletikaw dwarha fil-lift tad-dar u hi attakkatu, girfitu f'wiccu u qalghatlu l-gilda u jipprezenta r-ritratti. Jghid li waqt dan kollu Dolor cemplet fuq il-mobajl u talbet ghall-ghajnuna ghax qalet li kien ser joqtolha u hu staqsiha ghalfejn kienet qed taghmel hekk u x'kien qed jigri. Jghid li ftit wara marru l-pulizija fuq il-post u jsostni:

'Dolor wara li rat il-pulizija wara il-bieb minn fuq id-DVR bdiet tibki ghax il-Pulizija kienu se jarawli l-griehi li ghamlitli hija stess u jkolli fuqiex nibghata il-Filippini. Jiena spjegajtilha li Domnic Psaila ghandu jsibilha xoghol iehor u anke jekk riedet titlaq ma tal-massage, ahna konna lesti illi insibu suluzjoni. Hija qaltli "If we

go down stairs and we say that its between us, do they go away?". Inzilna isfel bil-lift flimkien u mhux kif qalet Dolor fix-xhieda taghha, li l-ewwel inzilt jien imbaghad nizlet hi. Dan ghaliex il-lift trid tkun go fih u tghafas is-switch sabiex jinzel jew jitla. Il-pulizija staqsiha x'gara u jekk hi tixtieq taghmel rapport. Dolor qaltlu "Its between us and nothing to report". II-Pulizija dar fuqi u qalli "ma kellekx ghalfejn tigdbilna li m'intix qieghed hawn. Inti trid taghmel rapport?" Jien ghidtlu illi l-kwistjoni kienet ta' bejnietna filwaqt illi Dolor kienet qed tiprova zzomli d-demm u dan ghaliex ma setax jieqaf bil-kimoterapija.

Ghalhekk jien qed ninsisti li sar frame-up fuqi mill-Pulizija u dan ghaliex Dolor ghamlet ir-rapport mal-Ispettur Lara Butters fI-10 ta' Jannar, 2020, meta l-ispettura Butters baghtet ghaliha u sussegwentament gabritha meta jien waqqaftilha ix-xoghol ta' carer minn mieghi u l-identity Malta sussegwentament waqfulha l-permess tar-residenza taghha kif jidher f'Dok 11. L-Ispettur Lara Butters ma ghemnitx lill-Dolor b'dak illi qaltilha hija stess ghemnitx lill-Dolor b'dak illi qaltilha hija stess u l-Ispettur qalet lill-Darren Casha meta huwa cemplilha u qaltlu "Darren kelli argument ma shabi ghax din il-haxxejja ged tuza lilna l-pulizija". Dan ikompli juri illi Dolor qed tigdeb meta fix-xhieda taghha u l-istatement taghha li ghamlet fI-10 ta' Jannar, 2020 xehdet li kelli x'naqsam maghha minn wara erba jew hames darbiet il-Hadd 25 t'Awwissu 2019 kontra il volonta taghha. L-Ispettur John Spiteri xehed li fI-10 ta' Jannar, 2020 Dolor qamet u marret mal-Avukata taghha d-Depot sabiex taghmel rapport hemm. Jien insostni bil-provi illi dan huwa frame-up maghmul fuqi. Irrid nghid ukoll illi fil-11 ta' Jannar, 2020 meta arrestani l-Ispettur Spiteri u konna fl-ufficju tieghu, huwa hareg il-barra mill-ufficju sabiex ipejjep sigarett u smajtu jghid minn fejn kien lill-PS 1326 u WPC 2308

"Mur ghidilha lill-istupida Lara, ma emnitiex tifla bhal dik u dan il-perver jahxiha f'sorma".

II-pulizija telqu minn wara l-bieb u tlajna fuq u bdiet terga tiprova izzomli d-demm li kien hiereg minn wicci u idejja u qaltli "I am sorry but I wanted the note. It's mine". In-nota ma tajtilhiex ghaliex l-ewwel raguni kienet mitfuha fil-*letter box* tieghi u t-tieni raguni hija illi n-nota ma kienetx indirizzata lejn hadd. Wara ftit qaltli "I am going to Valletta to think about our situation for one hour or two". Jien ghidtilha "if you are going for a while to Valletta, this time leave the key because I am going to be here and we can talk now". Hi qaltlui "No, we talk after I come because I have to talk to somebody, May be we arrange something and you can get part of your money and I can stay here in Malta but forget Domnic". Waqt li konna nezlin bil-lift qaltli "You are a good man but whatever happens don't ever stop me I/D Malta because I have powerful people and you will be sorry. No one will put me back to Philippenes" Jien ghidtilha "if you do not go for the job that Domnic Psaila is preparing for you, I have no choice you are with notice. I will stop I/D Malta and you will be sent back, I wanted a carer and your intentions were to come and stay in the EU and you used me".

Irrid nghid illi mhux veru li Dolor harbet mid-dar kif xehdet hi, imma x'hin wasalna isfel u hrigna mil-lift u ftahna il-bieb sabiex tohrog, hi harget trankwilla sabiex tmur il-Belt. Dan tixhdu d-DVR mil-camera tal-faccata tad-dar tieghi. Mhux veru illi l-passaport ta' Dolor instab gol-karozza tieghi l-Smart JBO 103 u dan ghaliex il-karozza ma nfethitx meta sar is-search mill-Ispettur Spiteri, s-Surgent 1326 u WPC 2308. Is-Surgent 1326 evita gurament falz fix-xhieda tieghu dwar is-sejba tal-passaport. WPC 2308 xehdet li semghet mis-superjur taghha l-Ispettur John Spiteri u gidbet bil-

gurament u dan ghax ic-cavetta tal-karozza JBO 103 kienet fejn nabita jien, igifieri r-raba sular fuq nett u dan ghar-raguni illi I-karozza JBO 103 ma kienitx gol-garage tieghi imma kienet barra. Jien tajt il-passaport ta' Dolor lis-Surgent 309 (illum Spettur) fl-Ghassa tal-Imsida u mhux veru illi l-pulizija WPC 2308 sabitu gol-karozza tieghi l-Smart JBO 103 kif xehdet hi. L-istess camera tal-faccata tad-dar tieghi li hemm issevjat fid-DVR iggib il-garage tieghi kollu u ssahhah l-argument tieghi illi il-karozza JBO 103 ma infethitx ghall ebda raguni.

Fil-hard disc tad-DVR li ssekwestrali l-Ispettur John Spiteri hemm issevjat data tal-ahhar hmistax il-gurnata. Infatti, iz-zewg ritratti ta' Oliver Bonanno mmarkati Dok JSY1 u Dok JSY2 li pprezenta fil-kawza kriminali kontrija l-ispettur John Spiteri, jippoza li qed jimpostali envelope abjad, hemm kitba fuq wiehed minnhom illi m'ghamiltiex jien u mix il-handwriting tieghi. Ir-ritratti li semmejt hawn huma fittizji ghaliex l-ewwel raguni (1) fuq wiehed mir-ritratti hemm id-data tas-24 ta' Dicembru, 2019 11.03 A.M. bil-kitba bl-idejn ta' haddiehor u l-hard disc tad-DVR izzomm irrekordjat I-ahhar hmistax il-gurnata. It-tieni raguni hija ghaliex l-angolu u wide angle tar-ritratti m'huwiex l-istess tal-camera tad-DVR u t-tielet raguni hija ghaliex ir-ritratti ipprezentati mill-lspettur Spiteri huma fittizji u mghamulin b'intenzjoni hazina u kull ritratt mahrug mid-DVR irid ikollu il-hin u d-data fin-naha tal-lemin in-naha ta' fug bhal ma hemm fuq DOK 098.’

Jghid li x’hin hu mar il-policlinic il-Gzira marret ukoll Dolor ma’ ragel izda x’hin ratu hassret ir-registrazzjoni taghha u telqet.

Dwar l-allegat serq jixhed:

‘Jien kont inpoggi l-flus taht kaxxa t-tielet sular mad-deheb li kelli. Jiena ma sibt xejn, la flus u lanqas id-deheb. Wara mort il-Fleet stationary Testaferata street u minn fuq il-mobile tieghi ipprintjali r-ritratti tal-feriti ta' wicci u jdejja u ritratt iehor tad-deheb li kelli minn ritratt iehor li kont hadt qabel. Ergajt mort ghat-tieni darba l-l-ghassa tal-Imsida kif qalli PS309 ghall habta tal-ghaxra (10.00A.M.) ta' filghodu u sibt l-istess PS309. Saqsieni x'jisimha u urejtu wiehed mid-dokumenti tal-ID Dok 12N u tajtu c-certifikat tal-injuries tieghi, ritratt tad-deheb li ma sibtx u r-ritratti ta' wicci u jdejja. PS309 qalli "Il-passaport taghha fejn hu?" Jien ghedtlu illi l-passaport taghha qieghed fis-safe u ma stajniex insibu ic-cavetta tieghu li s-soltu tkun imdendla wara il-bieb ta' barra u ppruvajt naqta s-safe bic-chaser. Ghidtlu ukoll illi gimgha ilu kellimt lill-Mrs Sandra Jones li kienet toqghod Wales, sabiex tibghatli l-ispare key u dan ghaliex xaharejn qabel, Sandra kienet qed togghod maghna u tajtha l-ispare key fil-prezenza ta' Dolor. Jien ghidt lis-Surgent 309 sabiex jekk irid jien lest insemmaghlu r-recordings tat-telefonata ma Sandra Jones li ghada sal-lum irregistrata fil-mobile tieghi illi hadli l-Ispettur John Spiteri.

PS 309 qalli sabiex malli ikolli l-passaport f'idi incempillu u naghtih lilu ghax dak huwa dokument, "to play safe". PS309 staqsieni jekk rajtiex tiehu l-flus u d-deheb u l-passaport tieghi. Jiena wegibtu illi ma rajtiex tehodhom, imma ahna t-tnejn biss konna nafu fejn qieghdin l-flus u d-deheb u l-passaport. PS 309 qalli sabiex immur infittex sewwa la ma rajtiex tehodhom u wegibtu li jien qed nissuspetta li hadithom . . . .’

Izid li fit-3 ta’ Jannar, 2020 huwa rcieva c-cavetta tas-*safe* bil-posta u ghaddha l-passaport ta’ Dolor lil PS 309 f’idu u mhux kif xehdu PS 1326 u WPC 2308 lilli sabuh fil-karozza tieghu fil-garaxx. Hu

beza li Dolor titlaq minghajr ma jtuha lura l-flus. X'hin mar l-ghassa kien hemm ukoll Dolor.

Izid li meta nhareg il-mandat u saritlu tfittixija:

'L-Ispettur Spiteri wrieni mandat ta' tfittxija fid-dar tieghi u tlajna fuq fejn nabita jien. Is-Surgent PS 1326 u WPC 2308 bdew ifitxu fid-dar u l-Ispettur John Spiteri mar fejn il-computer tieghi fejn kelli l-karti. Fost dawn il-karti kelli fil-wicc konvenju ta' kiosk tan-negozju tieghi. L-Ispettur Spiteri dar lejja u qalli "Hawn ghandek iddahhal tlett mija u sittin elf int (360,000) f'inqas minn xaharejn". Huwa ha mill-karti ta' fejn il-computer tlett (3) Bank statements tieghi, ir-ritratt tal-persuna twila kampjun Dok "C", bil-karta imwahla bil-paperclip li kien hemm miktub id-dati u n-numri tal-karozzi li kienu parti mill-provi tieghi li issekwestrali I-Ispettur u staqsieni "dan x'inhu?" Jien wegibtu "Dak huwa l-boyfriend taghha; dak qieghed jimpustala n-nota u l-carer qaltli li ghandu konnesjoni mal-massage shops, fejn Dolor Ronalyn tista taqla elfejn u hames mija (2,500 ewro) ewro fix-xahar". Hi riedet tmur fil-massage shops meta suppost kienet carer mieghi u jien ma hallejtiex. L-Ispettur John Spiteri tbissem u tefa kollox gol-kaxxa tal-kartun li gab mieghu.

Mal-istess karti, l-Ispettur gabar il-file trasparenti ta' Ronalyn Dolor, fethu u sab l-ircevuti, korsijiet li kienet ghamlet hi u hallasthom jien u l-informazzjoni kollha tal-process illi ghamel l-agent Domnic Psaila sabiex hi giet hawn Malta bhala suppost carer tieghi u l-passaport l-antik maghluq (expired) ta' Dolor u tefa kollox fil-kaxxa. Jien ghedtlu "Qed tehodli l-karti tieghi, anke dak il-file, dak hallast ghalihom jien."

L-Ispettur Spiteri hares lejja u qalli "Issa nghidlek ta' min huma. Halset ghalihom hi, u inti ittraffikajta sabiex tahxija f'sorma." Jien ghedtlu, "Hallini sir, ma kienitx carer li gibt; u kif qed tara int, lanqas niflah noqghod fuq saqajja." L-Ispettur John Spiteri qalli "le mhux illum erba xhur ilu. Int ghandek google account hux?" Jien wegibtu "X'inhu google account, facebook? Jekk mhux Facebook, ghamlituli hi ghaliex hija specjalista fl-IT u blocker fil-U-Tube u ghandha iktar minn hamest'elef (5000) followers u dejjem fuq il-computer tieghi." Huwa wegibni "Naf li ghandek google account". Dlonk PS1326 qal ill-Ispettur "Sir hawn m'hawn xejn." Il-pulizija mara WPC 2308 qaltlu "Lanqas hawn m'hawn xejn." L-Ispettur dar fuqi u qalli "Ingibu l-kelb?" u jien wegibtu "OK".

L-Ispettur kompla billi qalli "Hsibt li ha nilhaq Supretendent minn fuqek; insiblek arma li sar delitt biha, imma xorta ghandi biex insallbek. Ghid il-verita x' ghandek armi?" Jien irrispondejtu "Jien qatt ma kelli armi, int sir ara min qallek u ghaliex gideb fuqi". L-Ispettur qalli ′issa nghidlek. Imxi isfel ha nsibuhom l-armi". Inzilna isfel u dhalna u is-Surgent 1326 mar u gab kaxxa zghira li kien fiha il-bullets ta' erbghin sena ilu li kellom il-fidilram hiereg minnhom. Jien ghidtlu "Hemm f'dik il-kaxxa il-kbira kont inhalli l-flus, id-deheb u l-passaport u l-carer Dolor kienet taf bihom u l-ahhar li gabitli mill-kaxxa kien elf ewro (1,000 ewro) u kien baqa elfejn ewro (2,000 ewro), il-passaport u d-deheb li huma kollha tieghi. Jien dawn l-elfejn ewro (2,000 ewro), il-passaport u d-deheb ma sibthomx fil-kaxxa, pero diga tkellimt dwarhom mas-Surgent PS309."

Jghid li mal-pulizija daru l-ambjenti kollha tad-dar, li skont hu fit-tieni sular f′Novembru 2019 ghamlet xahar shih tghix maghhom Sandra Jones.  Jghid li nstab passaport go kaxxa skadut b′ghoxrin sena ta′ wahda Bulgariza. Skont hu l-pulizija qalu lil xulxin li s-*safe*

kien prova jaqtaw u li kien vojt. Qalulu biex isib akkomodazzjoni alternattiva ghall-kelb ghad skond hu qalulu li kellu zmien twil il-habs. Jghid li tawh ircevuta izda ma tawhx cans jara x'kien hemm fiha u kellu jiffirmaha ghax l-Ispettur qallu li ma kellux hin x'jitlef.

Izid li wara haduh il-polikinika sabiex jigi certifikat li huwa tajjeb biex jinzamm fic-cella. Skont hu meta mar id-Depot biex jigi nterrogat l-Ispettur u l-pulizija bdew jiddiehku bih u l-Ispettur beda jghajjru diversi drabi 'perver'. Jikkonferma li nghata l-avviz li seta' jkellem Avukat u li kellu telefonata wahda. Hu ghazel li ma jkollux avukat mieghu waqt l-istqarrija. Jghid li l-Ispettur irrabja mieghu x'hin induna li kien ghad ghandu l-mobajl tieghu fil-but wara li kien tahulu l-istess Spettur biex icempel. Jghid li huwa nsista li kellhom jiccekkjaw kinitx Dolor li ghamlet xi haga hazina u dan mal-Interpol. Jghid ukoll li minhabba li hadulu l-mobajl tilef in-noti dwar l-appuntamenti tieghu l-Isptar. Jghid li meta tellawh mic-cella u nterrogawh wiehed mill-Pulizija qal lill-Ispettur li r-rikorrent ma kienx jidher li qieghed sew u qallu li kien ahjar ituh il-Police Bail u skont hu l-Ispettur Spiteri qalilhom ahjar ma jmux imutilhom fic-cella.

Jghid li meta rega' mar kien qalilhom li d-deheb kien sabu izda l-flus le. Dwar l-Avukat Montalto jghid li dan l-ewwel talbu tlett elef Euro (€3,000) ghar-release, mbaghad talbu hamest'elef euro. Jghid li mbaghad ghaddhielu l-provi li huwa kien hallas lil Dolor u l-Avukat kellem l-ispettur sabiex imorru bihom. Skont hu l-Avukat u l-Ispettur infaqghu jidhku u ghamlu xi tlett minuti jidhku. Wara jghid li l-Ispetttur qallu li jridu jinsa tal-elfejn ewro (€2,000). L-Avukat qallu biex iqum u jitilqu l-barra. L-Avukat qallu ovvja li m'ghandux fuq xhiex igibek hija ovvja li fl-istat li kont ma stajtx tigi nterrogat. Izid illi:

‘Fl-ahhar t'April 2020 iltqajt mal-habib tieghi li kien ra lil Dolor tirkeb mal-habib taghha mill-Ancology u li raha ta' Xbiex b'rasha bejn saqajh u rasha l-isfel u l-warrani l-fuq u jien ghidtlu "Dik tax-Sugar insiha ghax l-Ispettur hadli ir-ritratt bid-dati, in-numri u t-tip tal-karozzi, gietni madwar tnax il-elf ewro (12,000 ewro)" u waqfet hemm. Hallih igawdiha lill-pulizija minn fuqi ghax il-pulizija b'sahhithom wisq; minn fuq riedu jsalbu lili." Nhar it-Tnejn 26 t' April, 2021, cempilli Darren u qalli fejr ninsab sabiex jigi ikellimni. Gie d-dar u qalli illi l-Avukat Roberto cempillu sabiex jigi jghidli bil-mod ghax l-Ispettur qed jipprintjali l-akkuzi. Jien ghidtlu "Mhux jahde mohhok?. Wara sittax (16) il-xahar, erba t'ijiem ilu dahlu fil-kont tal-Bank tieghi mitejn u sittin elf li tajtni int; allura l-Ispettur John Spiteri qed jidholli fl-accounts tal- Bank u d-data tieghi, m'intix tifhem illi immur ghand I-Avukat Roberto u jibdili b'xi tnax il-elf ero (12,00 ewro) kont. Mela din loghba tal-flus, bhalma kienet loghba tal-flus tal-hamest'elef ewro ta' nofs siegha meta l-Avukat Montalto tah il-provi u minn fuq infaqghu jidhqu bija u umiljawni." Jien ghidt lil Darren "Cempillu issa lill-Avukat u ghidlu li m'ghandix bzonnu u jhalli lill-Ispettur jipprintja l-akkuzi." Darren
cempillu u qallu "Roberto, issa qed jipprintjalu l-akkuzi wara sena u erba xhur ghax dahlu l-flus li taju jien? Ma tarahiex fishy din?" L-Avukat qallu "Ehh ma jridx is-servizz tieghi?" Darren qallu "Roberto jien Darren qed inkelmek. Mhix fishy din x'tahseb?" L-Avukat irrispondieh "Ok ma jridx is-servizz tieghi; ciao' Darren."

Jghid li ghalkemm dar bosta persuni fi hdan il-Korp tal-Pulizija dawn qalulu li jistghu jghinuh biss jekk igib ir-ritratt ta’ din il-persuna t-twila mill-pulizija li mpustat l-ittri fid-dar tieghu u li suppost qieghed jghix ma’ Dolor. Jghid li dam madwar sentejn ifittex biex isir jaf ma’ liema ufficjal tal-Pulizija kienet qeda Dolor u ghalhekk kien imur ghand il-habib tieghu jurih ir-ritratti tal-

Pulizija tal-Vice-Squad biex jara jekk dan jaghrafx lil xi minnhom. Kompla jixhed:

'Fit-2 t'Ottubru, 2021 giet Pulizija mara WPC 2308 pajzana ma pulizija iehor pajzan id-dar tieghi. WPC 2308 saqsietni kif jien u tatni riferta bi tmin akkuzi iffirmata mil-Ispettur John Spiteri ghall nhar is-7 t'Ottubru, 2021 kif juri Dok "I". Jien ghidtilha "Tmin akkuzi kriminali ghall-hamest'ijiem ohra biex nippanikja u immur ghand siehbu l-Avukat? Taf illi l-Ispettur tieghek dahalli fid-data tal-Bank tieghi?" WPC 2308 ma tkelmitx. L-ghada 3 t Ottubru, 2021, cempilli PS1326 u qalli sabiex ninsiha d-data tal-kawza kriminali, imma minflok se issir fis-17 t'Ottubru, 2021. Jien staqsejtu kif se niehu r-riferta sabiex inkun cert u huwa staqsieni jekk jien insuqx sabiex ihallili r-riferta fir-reception tad-Depot.

Jien wegibtu sabiex ihallili n-numru tat-telefon u l-address tal-Legal Aid. Ghamilt minn kollox sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jaghtini l-protezzjoni tieghu fuq dan il-kaz. Ktibt lil membri Parlamentari Ewropej u hadd minnhom ma irrispondieni. Kont niffolowja fuq l-internet lil Kummissarju Sophie in T Velt li titkellem fuq ir-Rule of Law f'Malta u ktibtilha. Wara ftit illi ktibtilha, irrispondieni il-membru Parlamentari Ewropew Malti David Casa fejn qalli "Kuragg, ahna qed niffolowjaw il-kaz tieghek, ma nistghux nindahlu meta I-kaz tieghek qieghed il-Qorti. Pero zomna infurmati fuq il-kaz tieghek."'

Jghid li meta telghet tixhed Dolor fil-proceduri kriminali, din xehdet li riedet hi biss bl-ghajnuna tal-Ispettur u skont hu hija master mind tal-gideb. Ikompli jixhed:

'Fl-ewwel seduta tal-kawza kriminali tat-8 ta'Gunju, 2022, dahlet persuna pajzana fl-Awla tal-Qorti u li jien gharaftu l-ewwel darba

bhala l-persuna it-twila tar-ritratt kampjun Dok C u li kien qed jimposta n-nota lil Dolor fil-letter box tieghi meta rajtu permezz tad-DVR tieghi. It-tieni darba li kont rajt lil din il-persuna kien meta kellimtu l-policlinika tal-Gzira meta kien akkumpanjat ma' Dolor Ronalyn Magbalot. Jien saqsejt lil Avukat tieghi min hi din il-persuna twila pajzana fl-Awla u huwa staqsa lill-Ispettur John Spiteri min kienet dik il-persuna. L-Avukat qalli illi l-Ispettur Spiteri qallu illi dik il-persuna kienet il-Boss tieghu is-Supretendent Johan Fenech.

Hawnhekk jien bdejt nifhem ghaliex Dolor kienet qaltli "Whatever happens don't ever stop me I/D Malta because I have powerful people and you will be sorry. No one will put me back to Philippenes". Dan wara illi kelli diversi okkazjonijiet ohra kif spjegajt iktar il-fuq, fejn jien issuspettajt u ikkonfermajt wara, illi hemm hafna manuvri qarrieqa mill-Pulizija tal-Vise Squad li kienu qed jahdmu kontrija. Fil-fatt wara illi inbdew il-proceduri kriminali sirt naf illi l-Pulizija hargu lill-Dolor permess tar-residenza gdida sabiex tibqa hawn Malta u dan wara illi l-permess taghha kien gie revokat minn Identity Malta wara illi jien kont itterminajt ix-xoghol ta' suppost carer li kellha mieghi. Suspett iehor li kelli huwa meta s-Supretendent Johan Fenech dahhal lill-Ispettur John Spiteri flok l-Ispettur Rosianne Tabone li kienet qed tinvestiga il-kaz tal-missing report ta' Dolor li kont ghamilt fl-Ghassa tal-Imsida'.

Jghid illi meta Dolor kienet toqghod mieghu kien ikkonvincietu sabiex ihossu ahjar wara t-terapija sabiex jaghmlu *rehearsals* bi kliem *dirty* u *dirty talks* u wara kienet issemmalu r-*recording*. Jghid li huwa ma basarx li dan kienet qed tghamlu b'xi skop ghaliex dak iz-zmien kien ibaghti bil-kancer u l-hernia.

Jaghlaq ix-xhieda tieghu billi jghid illi skond hu sar *frame-up* fuqu billi l-Pulizija kollha hadmu kontra tieghu biex jghattu l-xulxin.

Rat id-dokumentazzjoni u l-bosta ritratti u samples/kampjuni esebiti mal-affidavit li jibdew minn fol. 358 il-quddiem ta' Volum 4.

Rat ix-xhieda tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa a fol. 459 et seq kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 397 (Volum 4) l-quddiem fosthom l-ittri mibghuta lilu mir-rikorrent fejn iressaq l-akkuzi tieghu fil-konfront tal-Ispettur John Spiteri u ufficcjal iehor li skont hu qed jaghmlu minn kollox sabiex dan l-ufficcjali l-iehor ikun jista' jzomm lill-mahbuba tieghu Dolor Malta u tiqba ttih 'good time'. Jakkuza wkoll b'komfoffa mal-Avukat Montalto ghaliex jghid li l-ispettur kien qed jara l-kontijiet bankarji tieghu u malli dahlulu l-flus fil-bank inhargulu l-akkuzi. Jistaqsi ghalfejn hi ma gietx akkuzata b'attentat ta' omicidju u bis-serq tal-flus tieghu. Jghid li ghandu bzonn protezzjoni u li l-informazzjoni nghatat ukoll lill-'press'.

Rat l-ittra a fol. 411 (Volum 4) datata 28 ta' Dicembru, 2021 tal-process fejn is-Supetendent 'Professional Standards' Grazielle Buhagiar Muscat infurmat lir-rikorrent li wara d-diversi ittri li kien bghat kif isegwi:

'Reference is being made to several letters by your good-self against Inspector John Spiteri. You may wish to note that an investigation into your allegations has been carried out, especially in view of the fact that Inspector Spiteri is also your Prosecuting Officer, in the Criminal Court.

It has been concluded that no irregularities have been noted in the investigations carried out by Inspector John Spiteri. In fact, certain allegations made by you could have been brought to the attention of the Law Courts where your case is being heard, through your lawyer.

Should you not agree with our conclusions, you may wish to refer your case to the Independent Police Complaints Board.'

Rat id-dokumentazzjoni relatata mal-kaz kriminali u l-mandat ta' arrest a fol. 414 et seq tal-process u rat u semghet l-istqarrija a fol. 418 tal-Volum 4. Ir-rikorrent jichad li kellu x'jaqsam mal-*carer* ghaliex ma setax ikollu x'jaqsam ahseb u ara minn wara. Jghid li kienet tkun trid hi mhux hu. Kienet tghid li ghandha l-*magic hands* imma ma kienx jirnexxiela tqajjem in-natura tieghu. Jghid li hu ghalhekk iddecieda li jwaqqafha ghax beza' li ser taghmillu xi 'statement'. Kienet tahdem xi nofssiegha kuljum kemm taghmel te. Ma kienx ikollha bzonn tiehu off ghaliex ma kienx ikollha bzonn ghaliex johorgu jieklu u jiehdu l-breakfast. Darba biss talbitu gurnata off biex tmur il-belt fil-15 ta' Dicembru cioe' l-ghada li ta in-notice. Il-passaport jahseb li qieghed fis-*safe,* kien hemm minn qabel. Ic-cavetta tas-*safe* kienet ilha li sparixxiet u l-brazzuletta tieghu. Jitlob l-Ispettur jiccekkja ma' Singapore ghax jallega li din mhux l-ewwel darba li ghamlitha li ngannat in-nies. Jinsisti li qatt ma hadet gurnata off ghaliex hi ma riditx. Jghid li l-ewwel xahar u t-tieni xahar hallasha €600 ghax qata' l-bolla u €120 mill-ispejjez. It-tielet xahar ta' €720 ghaliex bdiet teqred u qabel il-Milied talbitu ma jaqtax il-bolla u taha s-somma shiha ta' €800. L-ispejjez jigifieri li jaqtalha dak li hallas sabiex igibha. Jinsisti li hu qatt ma zammha u lanqas qatt arrestaha. Jghid li l-passaport zammu fis-*safe* ghal *safe keeping*. Jammetti li ilu kellu certu Milena toqghod mieghu bhala studenta u kien ihallsilha bhala studenta

biex tkun tista' toqghod Malta. Din Milena kien bghatitlu l-passaport sabiex jghamilla Visa ghalhekk kien qieghed ghandu. Jghid li l-argument tal-*lift* fid-29 ta' Dicembru inqala minhabba n-noti li kienu sabu fil-*letterbox* u hu nsista maghha li jekk riedet tmur tahdem x'imkien iehor kellha ttih il-flus li hallas biex igibha Malta. Jghid li hi kull ma riedet minghandu passaport ghall-Ewropea u qalilha li kien jaf li qed tipprova 'screw him'. Jghid li hi kienet tghidlu 'fuck you old man' u qaltlu din il-kelma quddiem ir-ragel li kien qed jigri warajha qabel ma telghu fil-*lift*. X'hin dahlu fil-*lift* hi qaltlu 'dont you dare control me' u taghtu daqqa u hu mbuttha lura u hi girfitu u qalatlu l-gilda. Harget barra tghajjat u twerzaq u hu gibidha lura minn xagharha. Mbaghad gew il-Pulizija. Jammetti li lill-Pulizija qalilhom li ma kienx hemm sakemm ftiehem ma Ronalyn li ser ihalliha taghmel li trid u tmur tahdem fejn trid u mbaghad nizlu jkellmu l-pulizija. Jghid li ghalkemm rawh bid-demm hu qalilhom li ma riedx jaghmel rapport. Wara hi telqet il-Belt, hu talabha c-cwievet u hi hassret kollox minn fuq il-mobajl ghax hu mhux kapaci jaghmilha. Ic-cavetta hi ma hallitiex u ghalhekk mar jaghmel ir-rapport mal-Pulizija ghaliex beza li tmur u jaghmlulu xi haga. Il-pulizija qallu biex imur ibiddel is-serratura. Baghtu l-klinik ghaliex id-demm kien ghadu hiereg minhabba li jiehu l-chemo. Jevita d-domanda ghaliex hi kellha d-demm fuqha. Jevita wkoll id-domanda ghalfejn inkiser in-nuccali taghha ghalkemm wara jghid li ma kellhiex nuccali. Jghid li hu ma riedx ihalliha minn mieghu tmur il-*massage* – ghaliex ma jistax ikun li taqla dawk il-flus ta' €3,500 fix-xahar. Giet mal-istess ragel fil-klinik u jghid li hu avzaha li ma' dan ir-ragel hi kienet il-'prey' mhux ir-ragel jinsisti li ghal dawk il-flus hi kienet ser tkun prostituta. Taghtu anki daqqa bil-mobajl u ghandu tbengila. It-tifla ardita u hu ta n-*notice* fuq l-attitudni taghha, kien jghid erhilha ghax jekk jaqbad itiha jitfaghha minn fuq ghal isfel. Jichad li kien jorqod bl-arma taht is-sodda aktar u

aktar la darba kien hemm hi mieghu. Jichad li ghandu arma izda li kellu biss skratac antiki. Kien juzahom qabel ma siehbu ghall-kacca.

Mistoqsi kemm il-darba kellu x'jaqsam maghha jghid li qatt ma kellu x'jaqsam maghha ghaliex lanqas ghandu biex. Jghid li huwa kien il-vittma tal-abbuz sesswali ghaliex hi kienet tghidlu li ghandha l-magic hands u hu kien jghidilha biex taqtaghha ghaliex kienet taf li ma jqumlux. Jinsisti li t-tifla hija 'sly'. Jghid li issa qed tipprova tieghu l-way taghha biex tibqa Malta u jghid li ghandha lil min jghinha. Mistoqsi ghalfejn kienet ghadha tghix maghha jghid ghaliex hallasha sal-ahhar tax-xahar u f'Jannar skont hu kellha titlaq. Hu kien obbligat li jhallsilha l-biljett imma hu ma riedx li din ma titlaqx wara li jkun hallsilha l-biljett. Jghid li l-pulizija qallu li ser imexxu ex officio u li din tigi deportata u ma titlax tixhed mbaghad jigi liberat. Jinsisti li l-vittma hu kien mhux hi u biex jiccekkjaw ma' Singapore. Dwar l-iskratac jinsisti li kien hu li nformahom fejn kienu u jghid li kien nesihom. Jinsisti li kienu juzaw snin ilu sabiex jisparaw fuq it-tankijiet ma siehbu li llum miet. Lis-surgent mill-ewwel qallu li kien fis-*safe* u jinsisti li f'Settembru kien gia qieghed fis-*safe* il-passaport. Jghid li c-cavetta ma sabuhiex u qallbu kullimkien biex isibuha u baqa' ma sabhiex. Ma jafx min ha c-cavetta. Jghid li lis-surgent qallu 99% ic-cavetta tas-*safe* ghandha kienet u qallu li talab lil Sandra tibghat ic-cavetta. Qallu li hu xorta kien ser jipprova jaqtaw imma ma rnexxilux. Jghid li huwa nforma mill-ewwel lil ID Malta li kellu l-passaport taghha u x'ser jaghmel bih.

Rat ix-xhieda tal-intimat is-Sur Angelo Gafa, Kummissarju tal-Pulizja. Fix-xhieda tieghu a fol. 459 et seq tal-process (Volum 4) datata 14 ta' Marzu, 2023 jixhed illi l-procedura waqt interrogazzjoni hija dejjem l-istess u jekk ikun hemm problema ta'

sahha l-Pulizija huma obbligati li jipprovdu l-ghajnuna neccessarja. Dwar il-kaz partikolari ma jaf xejn ghaliex ma kienx involut. Jipprezenta kopja tal-ittri mibghuta lilu mir-rikorrent kif gia suesposti. Dwar l-allegazzjonijiet x'kienu u x'sar mill-Professional Standards Office jixhed:

'Fir-rapport taghhom, mela. They summed them up as seven allegations Sinjura Imhallef. Mela, l-ewwel wahda kienet li l-Ispettur John Spiteri waqt li kien qed jezegwixxi search and arrest warrant fir-residenza tas-Sur Catania, Jannar, il-11 ta' Jannar, 2020, ha diversi dokumenti li kienu jappartjenu lil complainant, lis-Sur Catania, bank statement, statements, etc. Li s-Sur Spiteri, Spettur John Spiteri ma kienx tah ircevuta. Hawnhekk, ir-rapport investigativ jghid hekk; a receipt was issued with number 397 Vice Squad red 10, fejn allura qeghda irredjata. In same, did mention several documents which belonged to Catania. This in clear contrast to allegations by complainant. It-tieni wahda kienet tghid Spettur John Spiteri ... Vice Squad insulted the complainant with various words including the word pig. Majjal. Li hawnhekk, l-Ufficju tal-Profession Standard sab li s-Surgent 1326 Sciberras u PC 2308 Camilleri, li kienu indikati bhala l-ufficjali li kienu prezenti ghal dan l-allegat incident, it-tnejn li huma innegaw li Spettur John Spiteri xi darba insulta lis-Sur Catania. It-tielet wahda kienet tghid li Spettur John Spiteri whilst at his office at Vice Squad rhetorically in a sarcastic tone, questioned whether the friend of the victim, fil-brackets called Mr A, withhold the victim now resides was truly in the massage business as indicated by the complainant. Whereas the police sergeant and woman police constable allegedly laughed to this statement. Hawnhekk ir-rapport ta' l-investigazzioni li sar jindika li z-zewg ufficjali indikati, is-Surgent Sciberras u PC Camilleri, it-tnejn li huma innegaw li xi hadd minnhom qaghad jitbissem jew jidhak fil-konfront tas-Sur

Catania. Ir-raba' wahda kienet tghid l-Ispettur John Spiteri together with the lawyer of complainant, Dr Roberto Montalto, whilst at Vice Squad office, left the complainant, fil-bracket a vulnerable person with cancer, standing without anywhere to sit for three straight minutes whilst at the same time laughing out loud. Iz-zewg ufficjali hawnhekk Sciberras u Camilleri kif ukoll Dr Roberto Montalto, kienu gew mitkellma u kollha kemm huma innegaw li dawn ic-cirkustanzi sehhew. Il-hames wahda kienet tghid Inspector John Spiteri and the lawyer of Complainant Dr Roberto Montalto were plotting against him. Hawnhekk l-ufficcju tal-Profession Standards ma sab ebda evidenza tikkolabora din l-allegazzjoni fil-konfront tas-Sur Catania. Is-sitt wahda, kienet tindika Mr A is a police officer. Mr A, il-persuna li allegatament, l-allegat vittma kienet, kienet marret ghandu. Hawnhekk ir-rapport tal-Profession Standards jghid hekk; Mr A was identified as a certain Oliver Bonanno, who is not and was never employed with the Malta Police Force. This is in clear contrast to the allegation by complainant . . . .

. . . . Oliver Bonanno. Dan x'qed jghid ir-rapport ta' l-investigattiv. L-ahhar allegazzjoni kienet tghid no police action was taken against Ros.... Dolor re the allegation of slight bodily harm and theft from residence stroke employer of circa 2,000 Euro. Hawnhekk ir-rapport jghid on verification with Imsida police and Inspector Colin ... transpired that no charges were ever issued, by back then police sergeant 3099 Brian Xuereb, or Inspector Colin .... ... kont hawn waqt li kien xehed zgur Brian Xuereb, illum Spettur, ma nafx jekk l-Ispettur Colin Sheldon telax jixhed f'dawn il-proceduri. Pero' ikkonfermajt sa dalghodu li s-Sur Catania kien fetah *challenge procedures* kontra l-Korp tal-Pulizija f'dan ir-rigward, li ghadhom ghaddejjin.'

Huwa ma jkunx jaf meta Spettur f'Ghassa jkun iddecieda li ma jiprocedix bi kwerela. Dik id-decizjoni normalment tigi komunikata lis-Supretendent ta' fuqu. Jikkonferma li l-Profession Standards Office ma sab ebda nuqqasijiet fil-konfront tar-rikorrent u b'dan gie nfurmat l-istess rikorrent. Mistoqsi dwar l-allegazzjoni ta' *grievious bodily harm* u allegat serq ta' passaporti jghid li hu ma kienx involut u ma jafx jekk ic-*challenge* li ghamel ir-rikorrent tkoprihomx ghax minghalih li tkopri biss serq. Jikkonferma li lir-rikorrent huwa ma jafux personalment u jassumi biss li huwa l-persuna fl-awla.

Rat l-affidavit ta' David Camilleri a fol. 441 et seq tal-process Volum 4 prezentat mir-rikorrent. Jghid li jaf lir-rikorrent u li kien jiltaqa' mar-rikorrent li kien ikun mas-'Sugar' cioe' l-allegata vittma. Darba minnhom mar jarah l-isptar u r-rikorrent qallu biex joqghod ghassa jara ma' min kienet ser tmur lura d-dar is-Sugar ghaliex kien qed jibza' li qed tmur taghmel il-*massages* u ggiblu xi marda d-dar. Jghid li ra hierga u rikbet f'karozza bajda u bieset lil min kien qed isuq fuq wiccu. Hu ha ritratt tan-numru ta' registrazzjoni. Meta kien id-dar ir-rikorrent urieh ritratt ta' persuna qed titfa xi haga fil-*letter box* tieghu u jghid li kien kwazi cert li kien l-istess persuna li gabret lix-Sugar mill-isptar. Jghid li r-rikorrent talbu sabiex isegwi lix-Sugar biex jara ma min kienet qed tkun. Segwiha darba u tilifha fejn il-Black Pearl Ta' Xbiex u b'dan informa lir-rikorrent. Izid:

'L-ghada ergajt inzilt il-Pjazza tal-Imsida u hallejt lix-Sugar titlaq u mort warajja x'hin hija ghaddiet il-Black Pearl. Jiena rajtha iddahhal il-kelba fuq is-seat ta' wara Toyota ohra b'kulur car hekk indikat fuq Dok "DC3" u hi dahlet fil-karozza u qaghdet bil-qieghda fuq is-seat ta' quddiem. Waqt illi jien kont riesaq lejn il-karozza, Sugar ma dehritx izjed u ma rajthiex. Jien komplejt riesaq

lejn il-karozza u rajt lill istess persuna bit-tennis cap li Anthony kien urieni fir-ritratt jumejn qabel fid-dar tieghu. Ix-Sugar kienet minduda b'rasha l-isfel bejn saqajn ir-ragel u l-warrani taghha l-fuq. Ir-ragel bil-hasda tefgha jdejh fuq ras ix-Sugar. Ir-ragel ta' gol-karozza taghni harsa kerha u jien bqajt ghaddej bhal li kieku mhux affari tieghi.'

Ikompli li huwa informa lir-rikorrent b'dan kollu u din id-darba meta rega' ra r-ritratt tal-persuna fejn il-*letter box* kien cert li dik il-persuna u l-persuna tat-*tennis cap* kienu l-istess persuna. Jghid li wara r-rikorrent kien rega' urieh xi ritratti u jaghraf lill-persuna li mieghu kienet ix-Sugar gewwa Ta' Xbiex bhala l-persuna li tidher fir-ritratt DC 4 anness mal-affidavit (fol. 446) tal-process.

Rat ir-ritratti kollha annessi mal-affidavit li u r-ritratt montat a fol. 446 fejn fuq il-persuna li tidher fl-istess ritratt tpoggiet speci ta' beritta.

Rat l-affidavit ta' Jake Gauci a fol. 450 et seq tal-proces (Volum 4) wkoll prezentat mir-rikorrent. Jghid illi kien spiss jara lir-rikorrent max-Sugar il-*carer* tieghu ghaliex kienu klijenti tieghu regolari ghall-*breakfast*. Jixhed li:

'Anthony u l-Filippina x-Sugar, kienu ta' spiss jigu ghandi sabiex jiehdu l-breakfast u wara x-Sugar kienet tmur iddur tas-Sliema. Kwazi kull darba li kont niltaqgha maghhom ghandi, wara l-breakfast, ix-Sugar kienet titlob lil Anthony hamsin (50 ewro) ewro sabiex tixtri l-hwejjeg u gieli smajtha tghidlu "Daddy, give me seventy (70) ewro because yesterday I saw a very nice jacket". Gieli wkoll smajt lix-Sugar titlob lill-Anthony Catania ghoxrin (20

ewro) ewro sabiex tuzahom ghall mobile taghha. Kull darba illi Anthony kien jigi max-Sugar fil-hanut tieghi, kwazi dejjem kienet titolbu I-flus u titlaq tixtri jew tiehu r-ritratti ghall fuq il-You Tube jew Tik Tok. . . . . Madwar tlett sieghat wara, kienet tigi x-Sugar u turina l-affarijiet li tkun xtrat jew xi ritratti li tkun hadet u tkun tefghethom fuq il-You Tube. Jien kont incempel lil Anthony jew naqsam it-triq sabiex nghidlu illi x-Sugar kienet giet mid-dawra taghha u huma kienu jordnaw l-ikel u d-drinks.'

Jghid li ghalkemm hu kien jaqla' l-flus mill-ikel li jiehdu kien javza lir-rikorrent biex ma jhallihix tordna l-ikel mbaghad ma tieklux u tuzah biss biex ittellghu fuq il-you tube jew tik tok. Jghid li r-rikorrent kien ukoll qallu li s-Sugar kienet tmur fil-hwienet tilbes il-hwejjeg u tiehu r-ritratti bihom sabiex il-followers taghha jahsbu li ghandha dawk il-hwejjeg kollha. Izid illi:

'Jien kont nghid lil Anthony ghaliex ix-Sugar kienet dejjem titolbu l-flus ghall hwejjeg u dan kwazi kull darba li konna niltaqghu. Anthony kien jirrispondini illi l-Filippini li jigu hawn Malta jigu bi flip-flop u jigu b'ta fuqhom senduqhom. Il-Filippini ma jgibux hwejjeg maghhom hawn Malta ghax ma jkollhomx u ghalhekk ikollok tixtrilhom inti l-hwejjeg. Jien ghidt lil Anthony illi ghalhekk din l-Filippina gietu l-flus u kkostjatu hafna. Anthony qalli illi huwa xtaq carer sabiex tiehu hsiebu, imma inzertat blogger tal-You Tube u Tik Tok u x-Sugar mhix taghmel ix-xoghol taghha sewwa ta' carer imma hasbet li ahna se nkunu hija s-Sugar u jien d-Daddy taghha. Anthony kompla jghidli illi issa huwa tard wisq ghaliex huwa diga hallas mal-erbat'elef (4,000) ewro sabiex gabha hawn u ghalhekk huwa ghandu bzonn jitkellem mal-agent illi irrangalu d-dokumenti sabiex jara x jista jirranga..'

F'Dicembru 2019 ir-rikorrent kien qallu li kien irranga biex jiehu nofs il-flus lura u biex isibulha xoghol iehor u ghalhekk kien ta n-notice. Fl-ahhar tas-sena Anthony kien mar b'wiccu u jdejh kollha grif u spjegalu li x-Sugar kienet attakkatu u serqitu. Jghid li hu u l-istaff kollha qalulu lill-Anthony li kien ovvju li kienet qed tuzah u x'kienet l-intnezjoni taghha u li messu qghad attent.

Rat l-affidavit ta' Sandra Jones a fol. 453 et seq tal-proces (Volum 4) liema affidavit izda jidher li giet prezentata kopja tieghu u mhux l-original. Il-Qorti rat izda li l-kontro-partijiet imkien ma qajjmu xi kwistjoni dwar il-validita' o meno ta' dan l-affidavit. Hija tixhed li ilha taf lir-rikorrent madwar tletin sena. Tghid li kienet fid-dar tar-rikorrent f'Novembru 2019 u Rosalin introduciet ruhha bhala 'Sugar' u r-rikorrent bhala d-'Daddy' u qaltilha li lilha kienet ser tghajtilha 'Mummy Sandra'. Tghid li ghalkemm din Sugar suppost kienet il-*carer* tar-rikorrent, kienet ammettiet maghha li ma kinitx taf taghmel dan ix-xoghol u li din xtaqet iddur l-Ewropa. Tghid li r-rikorrent kien qalilha li ser jixtri *farm* gewwa l-Ungerija u staqsieta wkoll dwar il-hajja f'Wales u x-xhud qaltilha li ma kinitx tghodd ghaliha habba t-temp. Qatt ma ratha taghmel xi xoghol fid-dar u kien hemm il-hmieg fit-tieni sular u kien mohhha biss biex tithallas. Fil-*penthouse* kienu jghixu r-rikorrent u s-Sugar. Hi ma setghetx tifhem ghalfejn ir-rikorrent kien qed ihallas il-flus ghax-Sugar u kien infurmaha li kien qed jipprova jgib flusu lura u li jsibulha xoghol iehor. Dwar ic-cavetta tas-*safe* tghid li iva kien tahielha r-rikorrent u li fl-ahhar tas-sena kien talabha sabiex tibghatielu lura ghaliex kellu bzonn jaghti l-passaport tax-*sugar*.

Rat ix-xhieda tas-Sindku ta' Ta' Xbiex Margaret Baldacchino a fol. 455 tal-process (Volum 4) li xehdet dwar dak li qalilha r-rikorrent

dwar il-kaz tieghu. Kien kellimha fl-2021 u kien qalilha li kellu *carer* li kienet iddur bih u li serqitu.

Semghet ix-xhieda tal-intimat John Spiteri a fol. 482 et seq tal-process. Jixhed li:

' . . . .jiena kien infurmani is-Supretendent Johann Fenech li huwa s-Supretendent tieghi nhar 1-10 ta' Jannar, tas-sena 2000 tramite email. U f'din l-email, is-Supretendent kien ircieva rapport minn-naha ta' Dar Merhba Bik liema rapport kien jindika li kien hemm persuna bl-isem ta' Dolor ... liema persuna kienet ghamlet allegazzjonijiet li jistghu jilhqu l-elementi ta' traffikar uman kif ukoll ta' stupru vjolenti. Jiena hawnhekk qed nipprezenta email illi kien ghaddhieli proprju is-Supretendent Johann Fenech kif spjegajt fl-10 ta' Jannar, 2020. . . .
…. Din hija l-ewwel darba li jiena gie a konoxxenza tieghi dan il-kaz. Meta rajt l-allegazzjonijiet f'dak id-dokument li ghadu kif gie ezebit, mill-ewwel irrizultali illi dan kien kaz ta' natura serja peress li l-allegazzjonijiet kif kienu miktuba kien jidher li din l-allegata vittma kienet vittma ta' abbuz sesswali illi seta' halla effetti avversi fuq il-psikozi taghha. Jiena kont baghat ghaliha gewwa l-ufficju tieghi. Kienet giet mitkellma u kienet irrilaxxat dikjarazzjoni u kienet spjegatli ezatt dak li kienet xehdet. Jekk mhux sejjer zball, f' dawn il-proceduri wkoll hemm testimonjanza taghha li kienet xehdet fil-kumpilazzjoni. Igifieri, bazikament, qaltli dak kollu li xehdet fih.'

Izid li din l-investigazzjoni inghatat priorita'. Izid li kien bghat ghall-vittma:

'Biex ovjament, dak li hemm miktub jiena niehu l-fil, ovjament, bhala prosekutur investigatur trid tiehu l-fil, trid tara d-dettalji,

trid xi dokumentazzjoni. La kien hemm allegazzjonijiet fuq traffikar uman, kelli bzonn dokumentazzioni ta' kuntratti li gew iffirmati b'rabta ma' l-allegazzjonijiet ta' l-istupru. U ovjament, wiehed jidhol iktar fid-dettal biex din il-verzjoni tigi kkolaborata bhala parti mill-investigazzjoni.'

Mistoqsi jekk bghatx ghar-rikorrent jixhed li kien arrestah:

'Ha nispjega u nista', la kont prezenti ghad-domandi tal-Kummissarju, nahseb nista' nifhem x'inhu mistenni li nipprezenta wkoll. Jiena proprju dakinhar stess, kont kellimt ovjament wara li kont tkellimt ma' l-allegata vittma, u dehrli li kien hemm suspett ragonevoli biex tigi skattata investigazzjoni fil-konfront tas-Sur Catania, kont kellimt lil Magistrat ta' l-Ghassa Dr Gabriella Vella dakinhar stess. Fil-fatti dakinhar stess jiena kont ukoll ksibt mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tas-Sur Catania. Niftakar li dan kont ottjenejtu tard filghaxija, u kien gie deciz li dan il-mandat kien jigi ezegwit proprju l-ghada 11 ta' Jannar, filghodu kmieni. U dan minhabba wkoll li kont konsapevoli ghax kienet qaltli l-allegata vittma stess, illi s-Sur Catania kien pazjent bil-marda tal-kancer. . . Mela kont mort biex kif spjegajt iktar kmieni, nezegwixxi l-mandat ta' arrest u ta perkuzizzioni, kien, jekk mhux sejjer zball filghodu kmieni, igifieri, nahseb li kienu l-hinijiet tat-tmienja ta' filghodu. Bl-amment ma niftakarx. Pero' naf li kien il-hinijiet ta' filghodu. Konna accedejna gewwa l-fond fejn kien jirrisjedi s-Sur Catania, saret tfittxija b'rabta ma' l-allegazzjonijiet li kienet allegat l-allegata vittma peress li kienet qaltilna illi s-Sur Catania kien jorqod u kien hemm arma tan-nar li gieli kien bezaghha biha. Allura saret perkwizizzjoni f'dan is-sens. Saret perkwizizzjoni wkoll b'rabta mad-dokumentazzjoni kollha, mad-

dokumentazzioni kollha illi huma pertinenti ghal l-allegazzionijiet ta' traffikar uman. Ovjament, bhala, jiena kont mort jiena stess. Igifieri hafna mid-drabi meta r-reat ma jkunx sejru, ma nkunx jiena illi mmur fuq il-post, pero' f'dan il-kaz, ovjament la l-allegazzonijiet huma serji u dan jista' jkun kaz ta' guri, f'dak il-kaz immur jiena u nkun prezenti waqt l-arrest u waqt it-tfittxija, kif hekk ghamilt. Li niftakar ukoll jien ovjament dejjem inzomm f'mohhi li dak kollu li jrid jigi elevat, irrid nelevah b'raba ma' kull prova li tista tghin. Kemm prova favur l-akkuzat jew il-persuna arrestata kif ukoll il-provi kontra tieghu.'

Izid li dak in-nhar ma giex elevat xi passaport tar-rikorrent. Minn fuq il-post kienu haduh il-klinika sabiex jigi certifikat mit-Tabib minhabba li kien jaf li jbaghti bil-kancer. Jghid li kienet ittiehdet stqarrija u jaghmel referenza ghall-komportament tar-rikorrent kif ukoll taghhom, jesebixxi kopja taghha kif gia suespost.

Jghid li l-kaz kien jirrikjedi li r-rikorrent jitressaq b'arrest izda kien jaf li r-rikorrent kellu l-kimoterapija t-Tnejn ta' wara u stante li kien jaf is-serjeta' ta' dawn it-trattamenti ghazel li jtih il-*police bail*. Inghata il-*police bail* tlett darbiet. Jipprezenta wkoll id-dettalji ta' tlett persuni ohra li kienu rilevanti u mportanti ghall-investigazzjoni kif jidhru a fol. 423 et seq tal-process inkluz ir-rikorrent, Dominic Psaila u Oliver Bonanno. Jghid li kienu ghadhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' Dominic Psaila li seta ghen lir-rikorrent sabiex il-persuna tigi traffikata gewwa l-pajjiz. Izid:

'In fatti, jiena kont ovvjament l-investigazzjoni dan, Sinjura Imhallef, niskuza ruhi, kull min jidhol fl-ufficini taghna ma jfissirx li l-verzjoni li jkun qed itik tkun wahda veritiera. Allura li jaghmel l-investigatur hija li meta jircievi informazzjoni, irid jara x'ha

jabbracca bhal circumstantial evidence, li wiehed jitqanqal fih konvinciment morali, li l-verzjoni ta' wiehed u mhux ta' l-ohra jew vice versa taghmel sens. Fil-kaz odjern, niftakar li s-Sur Catania kien qalli illi kienet serqitlu d-deheb is-Sinjura Dolor ... Meta kont spjegajt u niftakar kien prezentali u ghandi hawnhekk ukoll prezenti, kien prezentali numru ta' ritratti tad-deheb kollu tieghu. Meta konna accessajna l-mobile phone tieghu, irrizulta li dan ir-ritratt kien ittiehed lejliet illi dan kien taha in-notice letter. U jiena niftakarni insaqsih u qeghda fl-istqarrija, imma jaghmel sens illi inti kellek il-hsieb illi lil din il-persuna ha titterminala l-impjieg u lejliet tiehu ritratti tad-deheb kollu tieghek just in case? Qisek kont tiga taf li ha tisirqek. In fatti ovjament, jiena kien tani dawn ir-ritratti, pero' kien infurmani wkoll, igifieri ghalkemm bala skwadra tal-Vice Squad ma tidholx fis-serq, din il-bicca la kien kaz serju wkoll, konna dhalna fiha u rrizulta mbaghad li s-Sur Catania kien hu stess illi qalli, id-darba illi kien gie bil-police bail illi dan id-deheb kien sabu kollu.'

Kien ukoll irrizultalu mill-fedina penali li veramnet ir-rikorrent kien fil-Korp tal-Pulziija izda wkoll li kien tkecca. Jghid li kienet 'forced resignation' ghaliex kien ghadda guri rigward korruzzjoni u prostituzzjoni ta' minorenni. Jghid li rrizultalu li diversi drabi r-rikorrent kien ghamel dikjarazzjonijiet foloz u nstab hati w'ghalhekk hu ried jgharbel il-komportament tal-vittma u jizen kollox skont it-tahrig li inghata. Ra wkoll li lura fis-sena 2014 ir-rikorrent ukoll kellu tfajla ciniza u kien mar jaghmel rapport li din kienet 'missing' w'ghalhekk seta jifhem li dan kien il-*modus operandi* tieghu. Jikkonferma li l-arma li kienet semmiet il-vittma ma kinitx instabet. Jghid ukoll li qed jiprezenta dokumentazzjoni dwar li l-vittma kienet qed tithaddem bil-prekarjat. Dwar xi jkun qallu is-superjur tieghu biex jaghmel jixhed:

'Is-Sur Fenech ma jkunx qalli investiga lil Catania u tinvestigax lil haddiehor. Is-Sur Fenech ikun tani rapport, ikun qalli biex ninvestiga, ghamilt l-investigazzjoni, inkun iddiskutejt mieghu, gieli jkun hemm affarijiet illi tiehu parir, gieli jkun hemm affarijiet li jkollna bzonn iktar evidenza biex dik il-prova tkun tista' tigi provata, abbraccata ma' certu reati, jiena investigajt, u hassejt illi kien hemm provi bizzejjed biex is-Sur Catania jitressaq kemm bi stupru vjolenti kif ukoll bi traffikar uman. Li ma semmejtx ukoll Sinjura Magistrat, illi sadanittant, kien ghadda, kien ghadda trapass ta' zmien ta' xahrejn, wasal Marzu 2020, u nahseb kullhadd jaf x'gara, f Marzu 2020, bir-rabta mal-Covid. Il-police bail ma baqax jiggedded ghax it-terminu tieghu huwa dak ta' tlett xhur biss. Jiena kont ghamilt zmien minhabba ovjament illi kont, insejt x'konna, hawn, vulnerable person waqt covid allura kont qieghed f lockdown. Jiena kont ghamilt l-operazzjoni tieghi f'Mejju tat-2020. Irritornajt lura ghax-xoghol f Lulju ta' 2020, ghal nofs Lulju ta' 2020 u kien proprju f'Settembru, meta kont dort ix-xoghol kollu b'lura, illi kont irregistrajt l-akkuzi, l-investigazzjoni kienet pjuttost maghluqa, pero' imbaghad ezattament beda Covid.'

Mistoqsi jekk kienx hemm spettur iehor inkarigat qablu mill-investigazzjoni jghid li dik kienet dwar ir-rapport tal-'missing person' li dahal jiem qabel u kien inghalaq ghar-raguni li din kienet instabet 'Dar Merhba Bik'.

L-intimat Spettur John Spiteri kompla jixhed fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2023 fol. 516 tal-Volum 5 tal-process. Jixhed li l-ewwel rapporti li saru minn Dolor mieghu kienu fl-10 ta' Jannar, 2020. Jghid li skont ir-rapporti li kellu l-istupri bdew minn ftit wara li giet Malta u baqghu sejrin fuq trapass ta' zmien xi tlieta jew erba' darbiet. Jghid li l-ewwel rapport ta' 'missing person' li dahal ukoll

ghand il-*vice squad* waqaf malli nstabet Dar Merhba Bik izda mbaghad dahal it-tieni rapport li investiga hu. Hu ma kellux x'jaqsam mar-rapport dwar il-'missing person'. Jerga' jikkonferma li huwa ma kienx sab arma tan-nar fid-dar tar-rikorrent izda biss munizzjon. L-investigazzjoni tieghu kienet wahda gdida u ma kienx qed jiehu *over* minghand xi hadd iehor. Jichad li huwa gie ordnat biex jaqla xi spetturi ohra minn fuq l-investigazzjoni. Ma kienx jaf li kien hemm xi spetturi ohra fuq il-kaz qabel. Ordnawlu jinvestiga u beda jinvestiga. Jichad li huwa xi hin qal kliem kontra l-Ispettur Lara Butters. Jichad ukoll li uza l-kelma 'pervert' ghax mhix kelma li juza. Jichad li qal kliem li jekk isib l-arma jilhaq Supretendent. Jikjarifika li sabiex jilhaq Supretendent, Spettur irid ikun ilu ghaxar snin Spettur u li lanqas sad-data li kien qed jixhed ma kellu l-ghaxar snin. Ir-ritratti elevati minghand ir-rikorrent gew esebiti fl-atti kirminali. Jichad li xi Supretendent qatt tah l-ordni li jinvestiga biss lir-rikorrent u lil hadd aktar. Jghid li ma jiftakarx li r-rikorrent qallu li l-allegat vittma kellha *You Tube Channels.* Jichad li hu eleva xi ritratt ta' xi messaggier li mposta l-messaggi u jghid li fir-ritratt anness mal-affidavit tar-rikorrent jaghraf lill-istess rikorrent. Jichad li xi hin il-pulizija ta' mieghu qabdu jidhku. Ma jiftakarx li ssemmew *recordings* ma' Dominic Psaila u lanqas eleva xi *recordings.* Jichad li taw kafe lir-rikorrent biex jelevaw id-DNA minn mal-kikkra u jghid li dawn huma affarijiet tal-films mhux il-procedura taghhom. Jichad li huwa xi habib ta' Dr. Roberto Montalto aktar u aktar li joqghod jghid ic-cajt mieghu  Jichad ghalhekk li xi hin bdew jidhku.

Mistoqsi dwar ghalfejn ma nvestigax fuq il-provi li tah ir-rikorrent li hu hallas lil Dolor Ronalyn jghid li r-rikorrent tah karta wahda biss u li hu l-investigazzjoni ghamilha mal-istituzzjonijiet finanzjarji u kkonferma l-versjoni ta' Dolor u mhux ta' Catania,

ghalhekk emmen li l-versjoni taghha kienet aktar veritiera. Jghid li bl-ammont ta' provi li kellu l-element ta' traffikar uman kien gie mmaterjalizzat. Mistoqsi jekk hux minnu li qal lir-rikorrent li issa jisma' minghandhom jixhed:

'Niftakar li ghedtlu li ha jisma' minghandna ghax id-decizjoni li ma jitressaqx b'arrest kif spjegajt qabel, kont tiga hadtha, hadtha minhabba illi kien bniedem li qed jiehu l-kimoterapija. Kont naf li fi stadju tal-police bail kien hemm l-elementi biex is-Sur Catania jitressaq il-Qorti, bdiet Covid. Wara l-ewwel lockdown, gew irregistrati l-akkuzi. Igifieri, s'hemm. Igifieri jiena infurmajtu li ha jittiehdu l-passi l-Qorti. Ghax b'dak li kelli f'idi kelli bizzejjed konvinciment morali u provi li jiena bhala prosekutur, naf li nista' nipprova kaz kriminali l-Qorti minghar dubju dettat mir-raguni.'

Izid li r-rikorrent fl-ebda hin ma qallu li kienu nsterqulu €2000, qallu li nsteraqlu d-deheb izda raha stramba kif ezatt lejl qabel dan suppost insteraq hu ha ritratt tieghu daqs li kieku kien jaf li ser jisirquh. Ghalhekk ukoll ma emminx li r-rikorrent qed jghid il-verita. Jichad ghalhekk li qatt qallu sabiex jinsew l-€2000. Jghid ukoll li r-rikorrent kien qallu li d-deheb sabu. Jichad li qatt eleva il-passaport tar-rikorrent. Dwar il-passaport tal-allegata vittma jixhed:

'Pero' li niftakar zgur huwa illi kien intqal li l-passaport kien ghaddih is-Sur Catania lil PS 309, u bil-gurament tieghi nerga' nghid li l-passaport ta' Dolor Ronalyn gie elevat minn gewwa l-vettura Smart gewwa l-garaxx tas-Sur Catania.'

Dwar ic-certifikat tal-griehi tar-rikorrent jinsisti li dan huwa esebit fil-kumpilazzjoni. Jichad li hassar f'xi mument xi evidenza minn fuq il-mobajl tar-rikorrent. Jichad li lir-rikorrent qallu ikkoopera

u nibghatek id-dar izda jista jkun li qallu li jibaghtu d-dar minhabba l-istat ta' sahha tieghu. Thassru u lanqas hallieh jorqod lejl fic-cella. Jichad li r-rikorrent ma kienx jiflah jigi rrekordjat ghaliex kellu l-effetti tal-kimoterapija fil-fatt kien sejjer ghall-kimoterapija jumejn wara. Jghid li l-fatt li r-rikorrent ma riedx li l-carer tieghu tircievi posta jew kartolina meta suppost ghandha dritt li jkollha relazzjoni ma' min trid izda r-rikorrent kien jghir u ma jhallihiex aktar, isahhah l-konvinciment tieghu li kien hemm kaz ta' traffikar uman. Jghid li possibilment m'hemmx certifikat mediku tal-allegata vittma ghaliex skont il-fatti kif esposti mieghu l-ahhar stupru kien sehh aktar minn gimgha qabel ma l-kaz gie ghandu biex jigi investigat.

Rat ix-xhieda ulterjuri tal-Ispettur Brian Xuereb a fol. 562 et seq Volum 5 tal-process. Dak iz-zmien kien is-Surgent li ha r-rapport tar-rikorrent. Jichad li qal lir-rikorrent biex imur jiddewwa jew biex imur ibiddel is-serratura tad-dar. Ir-rikorrent ma kellux demm icarcar ma' wiccu. Id-deheb mieghu qatt ma ssemma u l-passaport tar-rikorrent qatt ma' ssemma mieghu. Jghid li meta r-rikorrent mar jaghmel ir-rapport tal-'missing person' dan pretenda li ghaliex jimpjega lil Dolor Ronalyn allura kellu l-awtorita' li jerga' jgibha lura bil-pulizija u tkompli ghaddejja b'xogholha. Wara li kien cempel lir-rikorrent biex jghidlu li ma kinitx ghadha 'missing' ir-rikorrent kien mar l-ghassa jipretendi li jghidlu fejn qieghda u hu ma tahx l-informazzjoni. Jiccara li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent minn naha tad-Distrett izda mbaghad kien gie nfurmat li kienu ser jinhargu akkuzi ohra mill-Vice Squad allura waqqaf kollox.

Rat ix-xhieda tas-Supretendent Johann Fenech a fol. 576 tal-Volum 5 tal-process datata 13 ta' Ottubru, 2023 fejn jichad li hu jaf lir-rikorrent, lill-allegata vittma jew lil certu David Camilleri. Jghid li

l-kunjom Catania jafu ghaliex kien hemm kaz li assenjah lill-Ispettur John Spiteri. Jghid li m'ghandux vettura bajda Toyota u li fejn l-Oncology qatt ma kellu bzonn imur. Dwar ir-ritratt tieghu fl-atti bil-baseball cap tal-Yankees jghid li dak huwa ritratt imbghabas, li huwa m'ghandux dik it-tip ta' beritta u li r-ritratt ittiehed minn xi wahda mill-intervisti li jaghti fuq it-televizjoni. Jichad li hu qatt wassal lil Ronalyn Dolor x'imkien, jghid li hija gidba sfaccata u li hu qatt ma jwassal lil hadd hlief lil martu u lil uliedu, hu ilu mizzewweg 21 sena u dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx. Jichad li qatt ma jitfa xi karti fil-letter boxes tan-nies. Jikkonferma li darba minnhom dahal fl-awla jkellem lill-Ispettur Spiteri izda mhux fuq il-kaz ta' Catania. Huwa ghandu biss rwol ta' supervisur u ma jinvestigax hu. L-Ispettur Spiteri huwa Spettur tajjeb u qatt ma kellhom problemi. Qatt ma saq Toyota bajda u l-vettura fir-ritratti qatt ma ra b'ghajnejh. Jichad li Ronalyn Dolor qatt tatu xi bewsa u li hija gidba u jghid li hu bews jaqla' biss minghand il-mara u t-tfal. Lanqas il-vettura blu fir-ritratti l-ohra qatt ma saq. Hu qatt ma ghamel kuntatt mar-rikorrent. Huwa lanqas jaf lill-allegata vittma. Min qed jixhed fl-affidavit li rah mal-allegata vittma qed jigdeb. Hu ma jaghmilx affarijiet moqzieza. Huwa ma ndahal xejn fl-investigazzjoni u ma jiftakarx li kien hemm kwerela fil-konfront ta' Dolor.

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami tar-rikorrent a fol. 667 et seq tal-Volum 5 tal-process. Mistoqsi hux minnu li qal il-kliem lil Dominic Psaila li hi qahba u ghax lisbjana u trid taghmel minn wara jghid li iva u dan kien tlett ijiem wara li giet. Jikkonferma li hu gabha bhala *carer* imma hi riedet taghmel is-sess minn wara u hu ma setax. Anki meta sabha bil-genitali tieghu f'halqha ma riedx ikollu x'jaqsam maghha. Hu cempel lil Dominic Psaila ghaliex kien hallsu hafna flus biex igibha Malta u hu *carer* ried, ma jafx liema ragel ser imur jghid lill-Pulizija li mara riedet ikollha

x'taqsam mieghu u hu ma riedx. Jghid li qallu li kienet qed tiehu hsieb l-Ispettur Lara Butters Darren tal-Medasia ghax hi VIP il-Medasia. Jinsisti li x-xhieda kollha tal-Pulizija hija programmata u li qed jigdbu. Jikkonferma li l-hgieg tax-xower tista' tara minn go fih. Lil David Camilleri qabbdu jiccekkja ma' min kienet qed tmur lura is-Sugar ghaliex kein qed jibza li tmur f'tal-massaggi. Jghid li r-ritratt tar-ragel bil-beritta jitfa fil-*letter box* huwa kampjun, li fih hemm hu u li hu hadu biex juri x'kien fih dak li hadlu l-Ispettur Spiteri. Jghid li ghamel ritratt falz biex jannettih mal-affidavit. Jispjega li kien jiddobba ritratti ta' membri tal-Korp tal-Pulizija biex isib min kien ma' Ronalyn Dolor izda qatt ma basar li kien ser ikun Supretendent:

'Jien kont immur ghand David Camilleri bir-ritratti tal-pulizija. U peress li jghidli da qisu hu imma mhux naghrfu ghamiltlu beritta. Jien ghamiltha l-beritta. . . Ghamilhieli deisgner, qtajthau bdejt inqeghda fuq kull ritratt.'

Jammetti li qabbad lil xi hadd biex jeditja r-ritratt.

Dwar ir-ritratt ta' Dolor jghid li kien fis-safe fil-garaxx bhala 'security' jekk jisirquhulha u dan kien bil-kunsens taghha, fil-fatt ta l-ispare key lil Jones li ghamlet xahar tghix maghhom. Jghid li l-passaport hargu meta waslet ic-cavetta mill-Ingilterra u hadu lis-Surgent. Jghid li sakemm il-mobajl kien ghand il-Pulizija gie mhassar jew il-google jew il-facebook account bejn is-sena 2016 u s-sen 2020. Jichad li l-passaport kien instab mill-Ispettur Spiteri filv-vettura tieghu. Lura ghar-ritratt tas-Supretendent editjat bil-berritta mistoqsi ghalfejn ghamlu jghid:

‘Kif trid jaghrfu x-xhud Dottore hi? . . . Biex jaghraf ix-xhud. Il-pulizija bdejn naghmillhom tennis cap go rashom. Dik l-istess wahda.’

Mistoqsi allura xi jrid jghid biha fl-affidavit tieghu li x-xhieda tal-Pulizija jikkontradixxu lil xulxin jixhed:

‘Il-pulizija kollha xehdu programmati, ipprogrammati. Fuq dal-frameup fuqi Alessandra Mamo giet bi storja. Giet bi storja li cemplet lili li is- Sindka tal-Imsida cemplitilha w qaltilha l-istorja. Ghandek il-messaggi tieghi u tas-Sindka tal-Imsida biex juruk kemm hi giddieba Alessandra Mamo bil-gurament. Wahda, Lara Butters, ipprogrammata, ghax ma tistax taghti informazzioni lill-pajzan li jcempillha. U jghidilha fuqha imma dik kienet tkun kuljum il-MedAsia, huwa l-bar taghha. Tkun mistiedna dejjem VIP anka meta’ ghamilna il-party ta' Konrad Mizzi u ta' nies ohra u dejjem maghna. Dejjem il- MedAsia imma ma tistax tghid infatti ggieldet ma' Spiteri u Johann Fenech. Ghax Johann Fenech qala' lil Rosianne minn din l-investigazzjoni Dottore u ...... il, il, il il Jo, 'il Ispettur john Spiteri.’

Dwar Bonanno jghid li skont hu dan inqabad jigdeb mill-Magistrat waqt li kien qed jixhed fil-proceduri kriminali. Jallega li miftiehem mal-Pulizija ghaliex ipartat maghhom u hafna aktar xhieda fejn tissemma tpartit bejn l-Ispettur Spiteri u l-Avukat Stellini ghaliex skont ix-xhud it-tnejn huma Ghawdxin u li kulhadd ipartat u li xi hadd semma li ser jigri d-demm.

Mistoqsi in ri-ezami x’kienet tkun il-gurnata tieghu ma’ Dolor jixhed:

‘Inqumu filghodu, jekk inkun orrajt il- hernia nista' nimxi immorru ghall- breakfast Tas-Sliema, is-Sliema Hotel. Di tghidli daddy ghax kienet tghajjatli daddy u jien irrid nghajtilha Sugar ma' kulhadd, kulhadd jafha ngiblek xeba' xhieda. Tghidli daddy give me 50 pounds because I saw a jacket ghax din giet b' ruha senduqha. Bicca libsa bra ma kellhiex, ma kellhiex ghalfejn, u qalziet twil. U tghidli daddy give me EUR60 to buy a jacket. Ix-xitwa kienet, le Awwissu kien, Awwissu Settembru da, fix- xitwa kienet tghidli ghall-jacket. U ntiha s- EUR60 w titlaq iddur Tas-Sliema. Inti rajtu t-TikTok taghha, thobb taghmilhom. . .

. . .U tigi xi saghtejn tlieta wara u jien bdejt nissuspetta li din qed tmur tahdem fil-massage. Jien ghalhekk kont niccekkjaha ghax dawn tal- massage naf x' jaghmlu. Qed nissuspetta ghax trid tmur tahdimli bilfors mal-massage.’

Izid illi x’hin tigi lura tiekol, jew tordna dixx biex tohodlu ritratt u ma tieklux biex itellghu youtube biex turi kemm qed tghix rich u johduh ghall-kelba. Imorru lura d-dar u hu jistrieh habba l-hernia u wara filghaxija jergghu jieklu barra. Dan kull meta seta’ jimxi jekk ma jkunx jista’ jimxi joqoghdu d-dar. Minhabba l-hernia li kien ilu jbaghti biha xi 25, 30 sena hu ma setax jaghmel l-atti sesswali. Jghid li opera ruhu madwar tlett xhur qabel ix-xhieda tieghu. Dwar ir-ritratt tieghu jimposta fil-*letter box* jghid li huwa hadu biex juri kif Johann Fenech kien qed jimposta l-ewwel nota. Dwar il-*google account* jghid li dan ma jafx x’inhu u li jekk ghandu wiehed ghamlitutlu Dolor ghaliex hi specjalista fl-IT. Izid li din hadmet il-kulhadd anki lill-Pulizija. Ma kellux problema li hi tohrog, ma kinitx taghmal xogholha ta’ *carer* u ghalhekk taha in-

*notice*. Lil Dominic qallu li biex jghamillha 'because of your attitude' u biex isibilha xoghol iehor Dominic idahhal ebrat'elef u hu jiehu jigbor €2000.

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' David Camilleri a fol. 641 Volum 5 tal-process. Lir-rikorrent jafu ghaliex jahdem fil-*catering* bhalu. Darba wahda ma jarah l-Onkologija. Jghid li r-rikorrent talbu pjacir jistenna 10 minuti sakemm tohrog is-Sugar u jara ma' min tirkeb. Ra' hierga, tidhol f'Toyota, tbus lil min kien qed isuq u telqu l-hemm. Hu ha ritratt tal-karozza minn wara. Darb'ohra ra Ta' Xbiex go karozza ohra Toyouta akbar u baqa sejjer hdejha u ra lilha rasha l'isfel bejn saqajh. Jghid li din id-darba gharfu mir-ritratti li wrieh ir-rikorrent imma ma jafx x'jismu. Jghid illi r-ritratti annessi mal-affidavit tieghu huma kampjun u ma ttiehdux dak il-hin u ma jurux il-karozza in kwistjoni. Jghid li r-ritratti li ha hu tan-number plate ma esebiehx mal-affidavit ghaliex kien tah lil Catania. Mistoqsi kif gharaf min kienet il-persuna fil-vettura jghid li Catania kien hadu d-dar u wrieh zewg ritratti wiehed ta' persuna qed timposta ritratt mehud mill-camera ta' Catania u iehor u ta' wicc din il-persuna *close up*. Jghid li r-ritratt li ra hu huwa dak a fol. 444 tal-process. Ir-rikorrent urieh diversi ritratti ohra u ghamlu 'identification parade' bir-ritratti. Jikkonferma li r-ritratt a fol. 447 huwa editjat. Izid li gie editjat bil-beritta biex hu jkun jista' jaghrfu peress li lil Catania kien qallu li kien bil-beritta biex hu jkun cert ghax l-ewwel darba li rah ma kienx cert. Meta rah bil-beritta kien mija fil-mija li hu u qal li Catania. Ma jafx min hi din il-persuna. Wara li ghamel l-affidavit sar jaf li qieghed fil-pulizija kieku kien jaf ma kienx jaghmel l-affidavit ghax ma jridx inkwiet mal-pulizija. Muri r-ritratt a fol. 359 jghid li dak mhux l-istess persuna. Wara li ra lil Dolor hdejn il-Black Pearl, qal lil Catania u dan ma riedx jemmen. Ir-ritratti kien ga rahom izda raga' rahom u din id-darba gharfu. Kien urieh xi 4 jew 5 ritratti u

gharaf liema wiehed kien ghaliex dan kien fih ragel u l-ohrajn le. Jghid li wicc il-persuna ma setax jimmissjah ghax x'hin resaq lejn il-vettura dar ihares lejh. Gharfu ghaliex kien gia ra r-ritratt tieghu li urieh Catania. Jghid li bejn ir-ritratt tal-kamera u dak li ra fejn il-Black Pearl gharaf li kien l-istess wicc ghaliex deher li kien hu, jzid li mill-Mater Dei biss ma kienx gharfu. Huwa ha ritratt tan-*number plate* Mater Dei u fejn il-Black Pearl u ta n-numri lir-rikorrent wara nehha r-ritratti. Il-kampjuni dwar fejn kien hu Mater Dei hadhom ir-rikorrent. Spjegalu fejn kien imma ma marx mieghu biex jiehdu r-ritratti. Jghid li Catania beda biss jurih ir-ritratti u hu ma bediex jistaqsih min huma dawk ta' fuq ir-ritratt. Ir-rikorrent ma qallux li kienet qed teqlibhielu mieghu, qallu li kien qed jissuspetta li qed tmur ma tal-*massage* u ggiblu xi marda. Jghid li dwar ir-ritratt tas-CCTV hemm wiehed kampjun fejn jidher ir-rikorrent u iehor li ra hu fejn tidher il-persuna proprja timposta. Jikkonferma li kieku kien jaf li l-persuna li gharaf fir-ritratt kien pulizija ma kienx jaghmel l-affidavit ghaliex m'ghandux fiducja fil-pulizija u jibza ghas-sigurta' tieghu u hu ghandu familja li tigi qabel kulhadd. Ma jafx kif kienet ser ittih xi marda la darba giet bhala *carer* ghax ma staqsiehx u ma jafx li fil-kawza ir-rikorrent qed jallega li hi geghlitu jaqsam maghha.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Christoper Spiteri rapprezentant ta' Transport Malta li dwar il-vettur Toyota Passo bin-numru ta' registrazzjooni BCL 704 jixhed li din issejjah lil cert Joseph Lawrence Stivala, bil-karta tal-identita' numru 41390M u ilha hekk registrata f'ismu mis-16 t'April, tal-2019. Qabel dak iz-zmien kienet f'isem certu Kostantinos Dramisiotis.

Rat id-decizjoni tal-isfida esebita mir-rikorrent a fol. 699 et seq tal-process, volum 5 liema decizjoni ggib id-data tad-19 ta' Frar, 2024

u hadet nota tal-kontenut tal-istess u tal-konkluzjoni li taqra kif isegwi:

'Illi ghar-rigward it-talba sabiex Magbalot titressaq skont l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jirrizulta li illum dan ir-reat huwa preskritt skont dak li jipprovdi l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali fejn il-preskrizzjoni taghlaq bi tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravenzzjonijiet.

Ghaldaqstant a bazi ta' dak fuq spegat il-Qorti wara li qiset kollox sejra tghaddi sabiex tilqa it-talba fl-intier taghha.

DECIDE

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi ir-rikors mahluf tar-rikorrenti Anthony Catania billi tilqa' t-talba u tiddikjara li hemm prima faciae lok ghall-kwerela kollha mertu ta' dan il-kaz fil-konfront ta Ronalyn Dolor Magbalot hlief ghal dak li jipprovdi l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali stante li illum hija preskritta.

Tordna lir-Registratur sabiex jinnotifika din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li tordna wkoll li din id-decizjoni u l-atti tal-procedura jigu notifikati lill-Avukat Generali fi zmien jumejn tax-xoghol.'

Rat ix-xhieda ulterjuri tal-Ispettur John Spiteri a fol. 723 tal-process, Volum 5, fejn dwar l-isfida jixhed kif isegwi:

'Mela emm nista' ninforma l'Qorti li jiena dan ir-rapport li kien dahal gie a konjizzioni tieghi meta bdejt l-investigazzionijiet li wettaqt jiena meta kont infurmat mis- Supretendent Johann Fenech propju fix- xahar ta' Jannar. Ir- rapport kien dahal zmien, jekk mhux sejjer zball xi hmistax qabel gewwa l-ghassa tal-Imsida fiz- zmien ta' Dicembru precedenti jiena qatt ma kont stazzjonat l-ghassa l-iMsida. Kont konsapevoli tar-rapport minhabba li ovvjament bhala parti mill investigazzjoni jiena nara x'rapporti jkunu saru bejn il- partijiet. Ma kienx fir-remit tieghi bhala Spettur responsabbli mill- Vice Squad li niehu hsieb rapport illi kien ghamel emm is- Sur Anthony Catania. Jien hadt hsieb ir-rapport li jinvolvi traffikar uman kif ukoll stupru jolent illi allegat is- sinjura Dolor Ronalyn nghid ukoll imma li f' dak ir-rapport kien irrizultali illi meta allegatament graw dawn il-griehi kienu ssejhu l- pulizija fuq il-post marru l-pulizija jhabbtu fuq il-post minhabba li kienu gew infurmati minn xi girien illi kien hemm glieda u *alter action* ghaddejja gewwa r-residenza tas- Sur Catania u irrizultali wkoll mill-investigazzjoni illi dakinhar stess kemm is-Sur Catania, kemm is-Sinjura Dolor Ronalyn kienu tkellmu biex jghidu lill-pulizija jitilqu u li ma gara xejn.'

Jikkonferma li hu ma kienx l-ispettur li rraprezenta lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-proceduri tal-isfida.

<u>**Ikkunsidrat Ulterjorment:**</u>

**Eccezzjoni Legittimu Kontradittur:**

Illi l-qorti rat li fil-mori r-rikorrent ceda l-kawza fil-konfront ta' Georgett Rita Spiteri mart l-Ispettur John Spiteri ntimat u fil-konfront ta' Sylvana Gafa' mart l-intimat Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa' ukoll intimat. Illi ghal dak li hu l-intimat l-istess Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa' din il-Qorti rat li huwa gie mharrek kemm personlament kif ukoll bhala rapprezentant tal-Pulizija ta' Malta. Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kaz odjern, ikkonfermat li l-Kummissarju tal-Pulizija fil-proceduri kriminali ma kellu x'jaqsam xejn fil-vesti personali tieghu izda unikament, ghalkemm b'mod limitat, bhala Kummissarju tal-Pulizija ghalhekk tiddijara wkoll li l-intimat Angelo Gafa' fil-vesti personali tieghu mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ser tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux il-legittimu kontradittur il-Qorti stante li huwa evidenti li dawn il-proceduri kostituzzjonali jirreferu ghall-proeduri kriminali pendenti fil-konfront tar-rikorrent fejn l-Avukat Generali huwa bilfors involut ghalhekk f'kaz li din il-Qorti jkollha taghti xi direttivi fl-atti kriminali allura dawn jorbtu wkoll lill-istess Avukat Generali l-Qorti tqisu bhala legittimu kontradittur u ser tichad din l-eccezzjoni fil-konfront tieghu. B'hekk l-eccezzjonijiet dwar il-legittimu kontradittur huma sorvolati.

**Eccezzjoni dwar in-non ezawriment tar-rimedji ordinarji u intempestivita:**

Illi din il-Qorti tirrileva mill-ewwel li ghal dik li hi l-allegazzjoni li l-intimati naqsu milli jiehdu passi fil-konfront ta' Dolor Ronalyn Magbalot nonostante l-kwerela/kwereli li gew prezentati lilhom, rrizulta li sal-jum li gie ntavolat ir-rikors odjern ir-rikorrent Anthony Catania verament ma kienx prezenta l-ebda procedura

ta' sfida fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, rimedju li effettivament tipprovdilu l-ligi f'dawn ic-cirkostanzi u li effettivament kien jaf bih tant li semmieh fil-protest gudizzjarju mibghut lill-istess. Fil-fatt rrizulta li kien wara li r-rikorrent fetah dawn il-proceduri li giet intavolata l-isfida u fl-atti giet intavolata decizjoni datata Frar, 2024 li fil-fatt laqghet it-talba tieghu sabiex il-Pulizija tiehu passi fil-konfront tal-*ex carer* tieghu Dolor Ronalyn Magbalot ghajr ghall-kontravvenzjonijiet imsemmija stante li dawn kienu ormai preskritti.

Illi ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-allegat nuqqas tal-intimati li jagixxu fuq il-kwerela tar-rikorrent, din il-Qorti taqbel mal-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tal-intimati li effettivament ir-rikors kostituzzjonali odjern sar b'mod intempestiv ghall-ahhar stante li effettivament irrizulta li huwa kellu rimedju ordinarju li ma ezawriex qabel ma pproceda bir-rikors kostituzzjonal odjern. Tant irrizulta li r-rikorrent agixxa b'mod intempestiv li fil-fatt, almenu fi stadju tal-Qorti tal-Magistrati, l-isfida tieghu giet milqugha b'dana li din ordnat li jittiehdu passi fil-konfront ta' Dolor Ronalyn Magbolot. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonjiet dwar l-intempestivita' mqajjma mill-intimati f'dan ir-rigward.

**Smigh xieraq:**

Illi dwar il-bqija tal-allegazzjonijiet da parti tar-rikorrent li huwa b'xi mod ma nghatax smiegh xieraq, din il-Qorti rat li effettivament ir-rikorrent prezenta l-proceduri odjerni fi stadju li

proceduri kriminali fil-konfont tieghu kienu ghadhom kemm jibdew, fejn lanqas kienu ghadhom inqraw l-akkuzi. Jirrizulta wkoll li dawn damu ma bdew fil-konfront tieghu ghar-raguni li r-rikorrent ghaddej bil-kura kontra l-kancer w'ghalhekk l-istes Korp partikolarment l-intimat Spettur John Spiteri ghazel li b'rispett lejn il-kundizzjoni li kien qed ibaghti minnha r-rikorrent ma jressaqx lir-rikorrent b'arrest izda li jressqu b'citazzjoni. Irrizulta wkoll li mmedjatament wara li r-rikorrent ta l-istqarrija tieghu liberament, wara li ghazel li ma jkunx assistit minn Avukat izda kellu l-opportunita' li jkellem l-Avukat Roberto Montalt qabel, li huwa inghata l-police bail u ntbaghat id-dar ghaliex kien not li kellu t-trattament tal-kimoterapija jumejn wara. Jirrizulta wkoll li dan kien fl-istess zmien li faqqet il-Pandemija tal-Covid 19 fid-Dinja u wkoll din dahlet f'Malta ftit gimghat wara w'ghalhekk dahlu fis-sehh il-proceduri stretti sabiex tigi kontrollata l-istess. L-intimat Spettur John Spiteri jixhed li kemm hu kif ukoll ir-rikorrent kienu kkunsidrati bhala persuni vulnerabbli w'ghalhekk ma setax iressaq lir-rikorrent tul dak iz-zmien. Xehed ukoll li mal-ewwel opportunita' li kellu wara l-pandemija huwa ressaq lir-rikorrent bl-akkuzi fil-konfront tieghu ta' traffikar uman, stupru u akkuzi ohra relatati. Ir-rikorrent ma tressaqx b'arrest minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tieghu. Minn dan kollu din il-Qorti ma tara li sar l-ebda abbuz jew li b'xi mod l-intimati agixxew bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, anzi pjuttost jirrizulta bil-kontra cioe' li l-intimat Spettur John Spiteri, b'rispett lejn il-kundizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, agixxa b'mod rispettuz hafna fil-konfront tieghu u ressqu meta qies li tal-anqas periklu ghalih in vista tal-Pandemija u wkoll ghazel li ma jressqux b'arrest.

Illi dwar il-bqija tal-provi fl-atti din il-Qorti rat li r-rikorrent ressaq bosta provi fl-atti sabiex jipprova jissostanzja l-innocenza tieghu

fl-ghall-akkuzi mressqa fil-konfront tieghu. Din il-Qorti tqis li tali provi ma kienux f'lokhom fl-atti odjerni izda huwa aktar f'lokhom fl-istess proceduri kriminali fejn ir-rikorrent ghandu kull jedd fil-ligi li jressaq dawk il-provi kollha li jqis idonei sabiex jissostanzja l-innocenza tieghu kif ukoll l-allegati intenzjonijiet tal-allegata vittma fil-konfront tieghu u jekk hux minnu li l-allegata vittma ma hi vittma xejn izda kienet qed tuzah. Mhux lok li din il-Qorti tiddeciedi l-innocenza o meno tar-rikorrent w'ghalhekk anki minn dan il-lat il-proceduri odjerni huma ghal kollox intempestivi anki ghaliex se mai sabiex din il-Qorti tanalizza jekk ir-rikorrent inghatax smiegh xieraq f'dawk il-proceduri, ir-rikors odjern gie ntavolat wisq kmieni fil-mori tal-proceduri kriminali b'dana li allura din il-Qorti ma kellhiex visibilita' tal-proceduri shah sabiex tkun tista' tanlizza jekk hux minnu jew le li r-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq. Zgur li sal-lum u bil-provi li ghandha fl-atti dan l-allegat ksur ma rrizultax u din il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq il-'jista' jkun' kif jipproponi r-rikorrenti fir-rikors promotorju tieghu.

**Trattament inuman u degradanti:**

Illi dwar l-allegazzjoni li l-intimati jew xi hadd minnhom dahak bir-rikorrent w'allura gie trattat b'mod degradanti l-Qorti rat li l-intimat involut l-Ispettur John Spiteri cahad b'mod kategoriku diversi drabi fl-atti u b'mod konsistenti li dan ma sarx u wkoll il-pulizija li kienu mieghu xehdu li dan ma kienx minnu w'ghalhekk il-Qorti tqis li dan ma giex sufficjentement ippruvat.

Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-pulizija hadmu kontra tieghu sabiex isehh 'frame-up' bl-ghan li jghattu xi relazzjoni li seta' kellu ufficcjali gholi tal-Pulizija ma' Dolor Ronalyn Magbalot din il-Qorti tqis li dan assolutament ma giex ippruvat fil-proceduri

odjerni, pjuttost deher car li r-rikorrent hadem hafna bil-fantasija tieghu daqs li kieku kien qed jidderigi xi film polizjesk u flimkien mieghu qabbad terzi ohra li ghenuh sabiex jiffabbrika diversi provi li dehru car fl-atti odjerni li kienu ffabbrikati u ma kellhom xejn mill-verita'. Il-Qorti ghalhekk tqis li anki dawn l-allegazzjonijiet bl-ebda mod ma gew ippruvati anzi tqishom bhala frivoli u vessatorji ghall-ahhar fil-konfront tal-intimati w'anki ta terzi xhieda membri fil-pulizija li tressqu fil-proceduri odjerni unikament sabiex isirulhom domandi fuq avvenimenti purament ivvintati mir-rikorrent, avvenimenti li setghu ukoll qalghu bosta nkwiet fil-familji ta' dawn ix-xhieda ghal ebda raguni valida!

**Konkluzjoni:**

Illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxilu jipprova l-ebda ksur tal-jedd ta' dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif indikat fl-ewwel talba tieghu anki ghaliex it-talba tieghu hija wahda intempestiva ghall-ahhar u wkoll ma ezawriex ir-rimedji kollha li tipprovdilu l-ligi qabel intavolat r-rikors odjern. Il-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent ukoll ma rnexxilux jipprova li gia assoggettat ghal xi trattament inuman u degradanti kif jallega fit-tieni talba tieghu anzi pjuttost il-Qorti nnutat li r-rikorrent gie trattat b'ingwanti tal-harir in vista tal-kundizzjoni ta' sahha tieghu b'dan iwassal ukoll lil din il-Qorti sabiex tqis li lanqas tressqu provi li huwa ma nghatax protezzioni mill-Korp tal-Pulizija fit-termini tat-tielet talba. Illi r-raba talba fejn ir-rikorrent jallega li l-intimati huma hatja ta' 'frame-up' fil-konfront tieghu assolutament ma gietx ippruvata anzi hareg car kemm ir-rikorrent iffabrika diversi provi u prezentahom fl-atti sabiex b'xi mod jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-fissazzjoni tieghu li din Dolor Ronalyn kellha xi relazzjoni ma' xi membru tal-

Korp tal-Pulizija kienet verita', allegazzjoni li rrizultat bhala wahda fiergha ghall-ahhar. In vista li l-ewwel erba' talbiet ser jigu michuda allura ser jigu michuda wkoll il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrent stante li huma konsegwenzjali ghall-istess.

Illi din il-Qorti tqis ukoll li l-proceduri odjerni (li kif huwa evidenti hadu hafna zmien ghar-raguni li r-rikorrent dam hafna sabiex ghalaq il-provi tieghu nonostante t-twissijiet ta' din il-Qorti sabiex ma jtawwalx u wkoll in vista tal-hafna u hafna provi li tressqu li bosta minnhom irrizultaw li mhux rilevanti ghall-kaz kostituzzjonali odjern izda kienu aktar f'lokhom fil-proceduri kriminali, apparti l-hafna provi ffabbrikati u l-gideb da parti tar-rikorrent fl-atti) saru unikament sabiex itawwlu l-proceduri kriminali tant li anki ntalbet *interim measure* biex din il-Qorti tissospendi l-istess, w'ghalhekk tqis li saru b'mod frivolu u vessatorju b'telf ta' hin kemm ghal din il-Qorti kif ukoll ghall-intimati li bosta minnhom gew anki mharrka inutilment.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tiddikjara l-intimati Angelo Gafa' personalment, Sylvana Gafa' u Georgette Rita Spiteri bhala mhux il-legittimi kontradditturi u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad din l-eccezzjoni fil-konfront tal-Avukat Generali;

2. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati li l-proceduri odjerni huma intempestivi u li r-rikorrent naqas milli jesawrixxi ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tieghu;

3. Fil-mertu u fi kwalunkwe kaz tiddikjara mhux sufficjentement ippruvati l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tar-rikorrent u tichad l-istess;

4. Per konsegwenza tichad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent stante li konsegwenzjali ghall-ewwel hamsa;

5. Ghar-ragunijiet suesposti tiddikjara dawn il-proceduri bhala frivoli u vessatorji;

6. Tirrevoka b'mod immedjat id-digriet *interim* taghha datat 27 ta' Gunju 2022.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni lill-Magistrat Dr. Gabriella Vella.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta’ Novembru, 2024**